


RAPPORT ANNWALI TAL- ATTIVITÀ KONSOLIDAT



**Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi
tal-IT fuq Skala Kbira
fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)**

Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat għall-2024

Adottat mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA bejn it-18 u d-
19 ta' Ġunju 2025

Dokument 2025-163 REV 2

Dwar dan ir-rapport

Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-eu-LISA jirrifletti l-impenn tal-Aġenzija għat-trasparenza u r-responsabbiltà billi jippreżenta ħarsa ġenerali strutturata lejn il-progress li sar bl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħha għall-2024 u l-kisba tal-oġġettivi deskritti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2024–2026. Dan jipprovdi assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati — l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tal-UE — li l-Aġenzija qed twettaq il-mandat tagħha u qed tagħmel użu effiċjenti mir-riżorsi allokat biex tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha.

Ir-rapport tħejja f'konformità mal-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-aġenziji kollha tal-UE, u f'konformità mal-Artikolu 48 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

Sir af aktar dwar eu-LISA:



Werrej

Werrej	3
Lista ta' illustrazzjonijiet u tabelli	4
Abbrevjazzjonijiet u akronimi	5
eu-LISA fil-qosor	6
Sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fdati lill-eu-LISA	7
Analiżi u valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija	10
Daħla mid-Direttur Eżekuttiv ad interim	12
Sommarju eżekuttiv	13

Kisbiet

1.1. Sigurtà interna u kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi	20
Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	20
Skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija	23
Informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri	24
1.2. Is-sigurtà, il-fruntieri u l-viża	25
Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża	25
Sistema ta' Dħul/Ħruġ	27
Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar	29
1.3. Migrazzjoni u ażil	31
Il-Bażi tad-Data Ewropea tad-Dattiloskopija tal-Ażil ...	31
1.4. Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja	33
Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali	33
e-Komunikazzjoni dwar il-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online	35
Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti	36
1.5. Interoperabbiltà	37
Servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku	37
Komponenti oħra tal-interoperabbiltà u repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika	39
1.6. Infrastruttura u networks	40
Infrastruttura u pjattaformi	40
Networks u komunikazzjonijiet	42
Ċentri tad-Data	43
1.7. Riċerka u innovazzjoni	45
Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija	45
Bini tal-kapaċitajiet: rapportar u taħriġ	47
1.8. Appoġġ dirett għall-operazzjonijiet	49
Operazzjonijiet tas-sistema	49
Sigurtà, ċibersigurtà u kontinwità tal-operat	50
Tranżizzjoni tas-servizz u awtomatizzazzjoni	52
Inġinerija tat-teknoloġija u tas-software	54
Appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri	56
Gruppi Konsultattivi, laqgħat u missjonijiet	56
1.9. Attivitajiet korporattivi	57
Governanza	57
Appoġġ korporattiv	63

Ġestjoni

2.1. Bord tat-Tmexxija	71
2.2. Żviluppi ewlenin	71
2.3. Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	72
2.4. Id-delega/sottodelega tas-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-persunal	78
2.5. Ġestjoni tar-riżorsi umani	78
2.6. Strateġija għal titjib fl-effiċjenza	79
2.7. Valutazzjoni tar-riżultati tal-awditjar u tal-evalwazzjoni ex post	81
2.8. Segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-AWDITJAR	83
2.9. Segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità tal-kwittanza	84
2.10. Ġestjoni ambjentali	96
2.11. Valutazzjoni mill-Maniġment	96
2.12. Evalwazzjoni esterna	96

Valutazzjoni tal-effettività tal-QKI

3.1. L-Effettività tal-Qafas ta' Kontroll Intern	98
3.2. Konklużjonijiet tal-valutazzjoni	98
3.3. Dikjarazzjoni tal-Maniġer responsabbli mill-Ġestjoni tar-Riskju u l-Kontroll Intern	100

Assigurazzjoni tal-ġestjoni

4.1. Rieżami tal-elementi li jappoġġaw l-assigurazzjoni	102
4.2. Riżervi	103

Dikjarazzjoni ta' assicurazzjoni

Annessi

Anness I. Statistika tan-negozju prinċipali	107
Anness II. Statistika dwar il-ġestjoni finanzjarja	112
Anness III. Organigramma	120
Anness IV. Tabella tal-persunal u informazzjoni addizzjonali dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani	123
Anness V. Riżorsi umani u finanzjarji skont l-attività	126
Anness VI. Ftehimiet dwar il-kontribuzzjonijiet, l-għotjiet u l-livell ta' servizz	128
Anness VII. Ġestjoni ambjentali	129
Anness VIII. Kontijiet annwali	130
Anness IX. Rapport dwar is-sostenibbiltà	132

Lista ta' illustrazzjonijiet u tabelli

Lista ta' illustrazzjonijiet

▲ Illustrazzjoni 1. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' impenn C1 (f' miljuni ta' EUR).....	75
▲ Illustrazzjoni 2. Xejriet fil-konsum ta' fondi impenjati u bbaġitjati matul is-sena (f' miljuni ta' EUR).....	75
▲ Illustrazzjoni 3. Eżekuzzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn taħt it- Titolu 3 (f' miljuni ta' EUR).....	76
▲ Illustrazzjoni 4. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' pagament C1 (f' miljuni ta' EUR)	76
▲ Illustrazzjoni 5. Xejriet fil-konsum ta' fondi mħallsa u bbaġitjati matul is-sena (f' miljuni ta' EUR).....	76
▲ Illustrazzjoni 6. Approprjazzjonijiet ta' pagament eżegwiti taħt it- Titolu 3 (f' miljuni ta' EUR).....	76
▲ Illustrazzjoni 7. L-evoluzzjoni ta' kull xahar taż-żmien ġenerali għall-ħlas (fi ġranet)	77
▲ Illustrazzjoni 8. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 30 jum	77
▲ Illustrazzjoni 9. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 60 jum	77
▲ Illustrazzjoni 10. Kuntratti, emendi fil-kuntratti u talbiet għal servizzi ffirmati fl-2023 u fl-2024.....	77

Lista ta' tabelli

▲ Tabella 1. L-inċidenti u l-interazzjonijiet tat-talbiet għas-servizz ittrattati fl-2024.....	49
▲ Tabella 2. Inċidenti skont il-prijorità u s-sistema fl-2024	49
▲ Tabella 3. Talbiet mis-sistema ewlenija tan-negozju fl-2024.....	49
▲ Tabella 4. Diżaggregazzjoni tal-baġit emendatorju tal-2024 (f' miljuni ta' EUR)	74
▲ Tabella 5. Diżimpenji baġitarji fl-2024 skont is-sena tal-orijini (f' miljuni ta' EUR).....	74
▲ Tabella 6. Perċentwal tal-proċeduri ta' akkwist skont it-tip użati fl-2024	78
▲ Tabella 7. Sommarju tas-suġġetti tal-awditu intern koperti fl-2024	81
▲ Tabella 8. L-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar mill-IAS, mill-IAC, mill-QEA u mill-OLAF	84
▲ Tabella 9. Rakkomandazzjonijiet pendenti tal-awditjar, inkluż dawk sinifikanti (>6 xhur, fil-31.12.2024)	84
▲ Tabella 10. Osservazzjonijiet tal-Awtorità ta' Kwittanza.....	85
▲ Tabella 11. Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti tal-Awtorità tal-Kwittanza	93

Abbrevjazzjonijiet u akronimi

Sistemi, soluzzjonijiet u infrastruttura tal-IT		Oħrajn	
AFIS	sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'	ABAC	sistema tal-kontabilità fuq il-bażi tad-dovuti
API	informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri	ACFC	Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi
BMS	sistema ta' tqabbil bijometriku	BCU	unità ċentrali ta' backup
CCP	pjattaforma komprensiva tal-cloud	CEPOL	Aġenzija tal-UE għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi
CIR	repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità	CU	unità ċentrali
CP tas-SIK	Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta (pjattaforma ta' kollaborazzjoni li tappoġġa l-funzjonament tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti)	EDPS	Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data
CRRS	repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika	EiO	dħul fl-operat
CSLR	Sistema Ċentrali għar-Riżoluzzjoni dwar il-Link Safra	EMAS	Skema tal-UE ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali
CSP	pjattaforma kondiviża komuni	EUAA	Aġenzija tal-UE għall-Ażil
DubliNet	Network tal-komunikazzjonijiet elettroniċi ta' Dublin	EUAN	Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea
e-CODEX	Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-Iskambju ta' Data Online	eu-LISA	Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja
ECRIS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali	Europol	Aġenzija tal-UE għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi
ECRIS RI	Implimentazzjoni ta' referenza tal-ECRIS	FLS	ftehim dwar il-livell ta' servizz
ECRIS-TCN	ECRIS dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi	Frontex	Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta
EES	Sistema ta' Dħul/Ħruġ	ĠAI	ġustizzja u affarijiet interni
ESP	Portal Ewropew tat-tfittxija	IAC	Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-eu-LISA
ETIAS	Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar	IAS	Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni
Eurodac	Bażi tad-Data Ewropea tad-Dattiloskopija tal-Ażil	ITSM	Ġestjoni tas-servizzi tal-IT
IO	interoperabbiltà	JHAAN	Network tal-Aġenziji tal-ĠAI
MID	detettur ta' identitajiet multipli	JRC	Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni
Prüm II	router ċentrali għall-iskambju awtomatizzat ta' Data fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija	I-FSA inkluża	aċċettazzjoni finali tas-sistema (perjodu ta' verifika wara l-EiO)
sBMS	servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku	OFIQ	Kwalità tal-Immaġni tal-Wiċċ ta' Sors Miftuħ
SIRENE	Talba għal Informazzjoni Supplimentari fid-Dħul Nazzjonali	OLAF	Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi
SIS	Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	PNR	reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri
SM9	service manager 9 (għodda tal-ITSM)	PPM	Kapaċità ta' ġestjoni tal-programmi u tal-proġetti
TAP	punt ta' aċċess lest għall-użu	QEA	Qorti Ewropea tal-Awdituri
TESTA-ng	Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministraturi – ġenerazzjoni ġdida	QKI	qafas ta' kontroll intern
VAP tal-UE	Pjattaforma tal-UE għall-Applikazzjoni għal Viża	SPD	dokument uniku ta' programmazzjoni
VIS	Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża	TEF	qafas tal-inġinerija trasversali
		TOF	qafas tal-operazzjonijiet trasversali

eu-LISA fil-qosor

IL-MANDAT TAGĦNA

Stabbilita fl-2011, l-eu-LISA hija responsabbli għall-iżvilupp, it-tmexxija operattiva u l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fid-dominju tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI), b'fokus fuq il-migrazzjoni u l-ażil, il-viżi, is-sigurtà interna u l-ġustizzja.


L-oġettiv primarju tal-Aġenzija huwa li tiżgura t-**tħaddim effettiv, sigur u mingħajr interruzzjoni** tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE li jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti madwar l-Ewropa. Id-disponibbiltà kontinwa ta' dawn is-sistemi hija vitali għas-salvagwardja tas-sigurtà interna taż-**żona Schengen – id-dar għal 450 miljun ċittadin tal-UE** – filwaqt li tinżamm ukoll il-libertà tal-moviment tagħhom u tiġi żgurata esperjenza bla xkiel għall-vjaġġaturi internazzjonali.

Matul l-aħħar deċennju, l-eu-LISA evolviet f'kontributor ewlieni għat-**trasformazzjoni diġitali li għaddejja tad-dominju tal-ĠAI tal-UE**. Permezz tal-ingranaġġ ta' teknoloġiji innovattivi, l-Aġenzija qed tiżviluppa diversi sistemi ġodda u l-**arkitektura tal-interoperabbiltà** ġenerali li se tkompli ssaħħaħ il-**ġestjoni tal-fruntieri xprunata mid-data** u ssaħħaħ is-sigurtà interna taż-**żona Schengen**.

L-eu-LISA tiżgura t-**tħaddim effiċjenti** tas-sistemi tal-ĠAI billi tipprovdi servizzi ta' kwalità għolja, inkluż **appoġġ tekniku 24/7** u **taħriġ komprensiv** lill-utenti finali kollha tas-sistema. Sabiex tibqa' fuq quddiem nett tal-isforzi ta' diġitalizzazzjoni, l-Aġenzija timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi u xejriet emerġenti fir-**riċerka u l-innovazzjoni**, li jippermettulha tipprovdi għarfien espert tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tagħha – il-Kummissjoni, l-Istati Membri u aġenziji oħra tal-UE.

Filwaqt li hija impenjata favur it-trasparenza u r-responsabbiltà, l-eu-LISA topera f'**konformità stretta** mar-regolamenti applikabbli, il-ftehimiet dwar il-livell ta' servizz, ir-reqwiżiti dwar il-protezzjoni tad-**data** u l-**istandards tas-sigurtà** rigorużi

IL-POSTTAGHNA



* Including operational management of the e-CODEX.

* seat of the Agency	* is-sede tal-Aġenzija
* Liaison Office	* Uffiċċju ta' Kollegament
* operational site	* sit operattiv
* backup site	* sit ta' backup



IL-MISSJONI TAGĦNA

L-għan tagħna huwa li nappoġġaw lill-UE u lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex iżommu lill-Ewropa miftuħa u sigura **permezz ta' teknoloġija avvanzata**



IL-VIŻJONI TAGĦNA

Aħna nistinkaw biex nipprovdu **soluzzjonijiet innovattivi u prattiċi** għall-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-UE filwaqt li nixprunaw it-trasformazzjoni diġitali fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni



IL-VALURI TAGĦNA

KONTINWITÀ:

li jsir l-aħjar użu mill-kompetenzi, l-għarfien u l-investimenti, filwaqt li jiġi żgurat l-iżvilupp kontinwu tagħhom

ĦIDMA F'TIM:

naraw li kull membru tat-tim individwali jingħata s-setgħa sabiex ikun jista' jagħmel l-aħjar użu mill-għarfien u l-esperjenza tiegħu, u b'hekk jikkontribwixxi għal suċċess kondiviż

FOKUS FUQ IL-KLIJENT:

niżguraw li l-attivitajiet kollha jkunu allinjati mal-ħtiġijiet u mad-domandi tal-partijiet ikkonċernati

RESPONSABBILTÀ:

nużaw qafas ta' governanza robust, operazzjonijiet kosteffiċjenti u ġestjoni finanzjarja tajba

TRASPARENZA:

l-involvement fi djalogu kontinwu mal-partijiet ikkonċernati ewlenin biex tiġi definita strateġija ta' żvilupp fit-tul

EĊĊELLENZA:

l-istruttura organizzazzjonali, il-proċessi u n-nies it-tajba jiżguraw il-kontinwità tas-servizz u l-kwalità tal-għodod

Sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI fdati lill-eu-LISA



SISTEMI LI QED JIĦADDMU

	EiO	Data maħżuna	Operazzjonijiet
Is-sigurtà interna tal-UE, il-fruntieri u l-kooperazzjoni fil-infurzar tal-liġi			
SIS Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen			
Is-SIS tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni dwar persuni jew oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet kompetenti dwar x'għandhom jagħmlu meta jinstabu l-persuni jew l-oġġetti. Bħala tali, din isservi bħala għodda imprezzabbli għall-ġlieda kontra l-kriminalità u l-terroriżmu transfruntiera. ¹	1995 ġestita mill-eu-LISA minn Mejju 2013	93.2 miljun twissija	15-il biljun tfittxija 397 804 hits
Schengen, fruntieri u viża			
VIS Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża			
Il-VIS tiffaċilita l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża u l-immaniġġjar tal-viżi għal soġġorn qasir għat-TCNs li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Din tappoġġa l-implimentazzjoni tal-politika komuni tal-UE dwar il-viżi u tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tgħin fl-identifikazzjoni ta' persuni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa għas-soġġorn jew għad-dħul. ²	2011 ġestita mill-eu-LISA minn Diċembru 2012	46 miljun applikazzjoni għal viżi	259 miljun operazzjoni
L-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri			
Eurodac Il-Bażi tad-Data Ewropea tad-Dattiloskopija tal-Ażil			
L-Eurodac hija l-bażi tad-data tal-UE tal-marki tas-swaba' diġitalizzati għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet għall-ażil Is-sistema tassisti fl-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli billi tiddetermina jekk l-applikant ikunx talab l-ażil qabel f'pajjiż ieħor tal-UE. ³	2003 ġestita mill-eu-LISA minn Ġunju 2013	7.7 miljun sett ta' marki tas-swaba'	1.4 miljun data trażmessa
Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja			
ECRIS RI Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Implimentazzjoni ta' Referenza			
L-ECRIS hija sistema deċentralizzata għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rekords kriminali taċ-ċittadini tal-UE. L-ECRIS RI toffri interfaċċa ta' integrazzjoni li tippermetti l-konnessjoni bejn ir-reġistri nazzjonali tar-rekords kriminali tal-Istati Membri.	2012 ġestita mill-eu-LISA minn April 2020	mhux applikabbli	mhux applikabbli
e-CODEX Komunikazzjoni fil-qasam tal-e-Ġustizzja permezz tal-iskambju ta' Data Online			
L-e-CODEX hija pjattaforma ta' komunikazzjoni li tiffaċilita t-trażmissjoni sigura ta' kontenut elettroniku bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-professjonisti legali fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Ewropa. ⁴	2013 ġestita mill-eu-LISA minn Ġunju 2024	mhux applikabbli	mhux applikabbli

¹ Ir-Regolamenti (UE) 2018/1860, 2018/1861, u 2018/1862; ĠU L 312, 07.12.2018, u r-Regolament (UE) 2022/1190, ĠU L 185, 12.07.2022.

² Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/602/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolamenti (UE) Nru 2021/1133, u 2021/1134.

³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 u r-Regolamenti (UE) Nru 603/2013, 604/2013, 2024/1356 u 2024/1358.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/850, ĠU L 150, 1.06.2022.

Is-sigurtà interna tal-UE, il-fruntieri u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi		
Router ċentrali ta' Prüm II skambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija		
Ir-router il-ġdid se jissimplifika u jiffaċilita l-iskambju tad-data bejn l-Istati Membri biex jiġġieldu l-kriminalità transfruntiera b'mod aktar effiċjenti. Dan se jissostitwixxi l-konnessjonijiet individwali bejn il-bażijiet tad-data nazzjonali u jespandi d-data disponibbli mid-DNA, il-marki tas-swaba' u r-reġistrazzjoni tal-vetturi għal kategoriji ġodda, eż. immaġnijiet tal-wiċċ. ⁵		2027
Router tal-API-PNR informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri		
Ir-router tal-API-PNR se jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-approvazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-proċess ta' qsim tal-fruntieri billi jgħor u jitransferixxi data tal-vjaġġaturi u informazzjoni dwar it-titjiriet qabel il-wasla tagħhom. Ir-router se jservi bħala punt ta' konnessjoni bejn l-Istati Membri u t-trasportaturi tal-ajru għall-għbir u t-trażmissjoni tad-data tal-API. ⁶		2029
Schengen, fruntieri u viża		
EES Sistema ta' Dħul/Ħruġ		
L-EES hija stabbilita biex tissimplifika l-proċeduri ta' kontroll fil-fruntieri billi tissostitwixxi l-ittimbrar manwali tal-passaporti bir-reġistrazzjoni elettronika taċ-ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi li jidhru u joħorġu miż-żona Schengen. L-EES se tiżgura monitoraġġ aħjar tas-soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li possibbilment jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, u b'hekk tikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, it-tisħiħ tas-sigurtà interna u l-għajnuna fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu. ⁷		<i>bidu progressiv tal-2025</i>
ETIAS Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar		
L-ETIAS hija sistema ta' awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar online għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżenti mill-obbligu tal-viża li jivvjaġġaw lejn 30 pajjiż Ewropew. Din is-sistema ta' skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar se tqabbel l-informazzjoni fis-sistemi kollha tal-ĠAI, kif ukoll fil-bażijiet tad-data tal-Europol u tal-Interpol, għall-identifikazzjoni avvanzata ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, ta' migrazzjoni irregolari jew ta' riskji għolja ta' epidemija li jistgħu jagħtu raġunijiet għar-rifjut ta' dħul fiż-żona Schengen. ⁸		2026
VAP tal-UE Pjattaforma tal-UE għall-Applikazzjoni għal Viża		
Il-VAP tal-UE hija pjattaforma diġitali, komuni għall-Istati Membri kollha, li se tippermetti lill-applikanti għal viża japplikaw għal viża online. Din se tiddetermina awtomatikament liema Stat Membru huwa kompetenti biex jeżamina applikazzjoni f'każijiet fejn l-applikant ikollu l-ħsieb li jżur diversi Stati Membri. ⁹		2028
Kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja		
ECRIS-TCN Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi		
L-ECRIS-TCN se tiffaċilita l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi, filwaqt li tappoġġa r-rikonnoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji madwar l-Ewropa. ¹⁰		2026 ¹¹
CP tas-SIK Pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunti		
Il-Pjattaforma ta' Kollaborazzjoni tas-SIK se tiffaċilita l-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, l-aġenziji rilevanti tal-UE, u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera. ¹²		2025
Interoperabbiltà		
L-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI¹³		
L-interoperabbiltà hija l-kapaċità tas-sistemi interkonnessi li jikkondividu d-data u jiskambjaw informazzjoni, filwaqt li jipprovdu lill-awtoritajiet rilevanti aċċess simplifikat għal informazzjoni komprensiva. L-interoperabbiltà tas-sistemi ġenerali għad-dominju tal-ĠAI se tkun permessa permezz tal-komponenti li ġejjin li jiffaċilitaw it-tfittxijiet awtorizzati u l-iskambju ta' informazzjoni:		
■ servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS) li jqabbel id-data bijometrika ta' individwu f'sistemi differenti,		2025-2026
■ Portal Ewropew tat-tfittxija (ESP) li jippermetti lill-utenti awtorizzati jwettqu tfittxijiet singoli u jirċievu r-riżultati mis-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI li huma awtorizzati jaċċessaw,		

⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/982 (Prüm II), ĠU L, 05.04.2024.

⁶ Ir-Regolamenti (UE) 2025/12 u 2025/13, ĠU L, 08.01.2025.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/2225 u 2017/2226, ĠU L 327, 09.12.2017.

⁸ Ir-Regolamenti (UE) 2018/1240, u 2018/1241, ĠU L 236, 19.9.2018.

⁹ Ir-Regolamenti (UE) 2023/2667 u 2023/2685. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna ddedikata tad-DĠ HOME dwar id-diġitalizzazzjoni tal-viża ta' Schengen.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/816 u r-Regolament (UE) 2024/1352.

¹¹ L-ECRIS-TCN se tkun teknikament lesta fl-2025.

¹² Ir-Regolament (UE) 2023/969, ĠU L 132, 17.05.2023.

¹³ Ir-Regolamenti (UE) 2019/817, u 2019/818, ĠU L 135, 22.05.2019.

- **repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità** (CIR) li jipprovdi kontenitur kondiviż għad-data tal-identità, id-data tad-dokument tal-ivvjaġġar u d-data bijometrika tal-persuni rreġistrati fl-EES, il-VIS, l-ETIAS, l-Eurodac u l-ECRIS-TCN;
- **detettur ta' identitajiet multipli** (MID) li jgħid li jidher links bejn id-data fis-sistemi ta' informazzjoni differenti tal-UE għad-detezzjoni ta' identitajiet multipli, bl-iskop doppju li jiġi ffaċilitati l-kontrolli tal-identità għal vjaġġaturi *in bona fide* u l-ġlieda kontra l-frodi tal-identità, ikkomplementata mis-**sistema ċentrali għar-riżoluzzjoni dwar il-link safra** (CSLR). 2027–2028

CRRS | repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika

Is-CRRS se jippermetti l-ġenerazzjoni ta' data statistika intersistemika u rapportar analitiku għall-finijiet ta' politika, operattiva u ta' kwalità tad-data f'konformità mal-istrumenti legali applikabbli. 2026



Analiżi u valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija

Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA analizza u vvaluta r-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-Aġenzija tal-attivitajiet tal-Aġenzija għall-2024.¹⁴

Il-Bord jenfasizza r-rwol essenzjali tal-eu-LISA fil-funzjonament effettiv taż-żona Schengen, kif ukoll l-appoġġ imprezzabbli tagħha għall-politiki tal-UE fl-oqsma tal-kontroll tal-fruntieri, tal-viżi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, tal-ġustizzja elettronika, tad-diġitalizzazzjoni u taċ-ċibersigurtà.

Il-Bord tat-Tmexxija:

- **jirrikonoxxi** l-isforzi tal-eu-LISA biex tilħaq l-oġettivi stabbiliti għall-2024 fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2024–2026;
- **jirringrazzja** lill-Aġenzija għall-isforzi kontinwi tagħha biex tiżgura disponibbiltà stabbli u mingħajr interruzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti taż-żona Schengen;
- **jifraħ** lill-Aġenzija għat-teħid formali tat-tmexxija operattiva tas-sistema e-CODEX, għall-konnessjoni b'suċċess tal-Frontex mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), u għall-iffaċilitar ta' aċċess sħiħ għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) għall-Bulgarija u għar-Rumanija;
- **jiddispijaċih** li s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u s-Sistema kondiviża ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) u l-VIS għall-EES ma setgħux jidħlu fis-seħħ f'Novembru 2024, filwaqt li jirrikonoxxi t-tagħlimiet ta' valur tal-eżerċizzju konġunt tal-provi;
- **jenfasizza** l-urġenza li titwassal l-infrastruttura kollha tal-interoperabbiltà sabiex tittejjeb is-sigurtà fl-Ewropa,
- **jirrikonoxxi** l-isfida għall-Aġenzija biex taħdem b'mod parallel fuq ħafna attivitajiet interrelatati u jinnota li l-volum u l-kumplessità tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija komplew jespandu fl-2024;
- **jenfasizza** l-impenn tal-Aġenzija li tibda l-implimentazzjoni fil-pront tal-Eurodac il-ġdida b'approċċ ġdid ta' żvilupp, li jiddependi minn riżorsi interni, biex jiġi żgurat il-bidu tal-operat tagħha f'waqtu f'Ġunju 2026 għal funzjonalitajiet ewlenin;
- **jesprimi appoġġ** fit-tweġġ ta' modi ġodda ta' ħidma għat-tweġġ tas-sistemi l-ġodda, appoġġati minn inizjattiva ġdida ta' bidla organizzazzjonali;
- **jilqa'** l-pjan ta' azzjoni strateġiku għall-ġestjoni tal-Aġenzija biex ittejjeb il-ġestjoni u t-tweġġ tas-sistemi taħt il-mandat tagħha billi żżid il-kapaċitajiet ta' żvilupp interni biex tnaqqas id-dipendenza mill-kuntratturi, issaħħaħ il-konformità tagħha, tinkorpora avvanzi teknoloġiċi ġodda, ittejjeb aktar l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talenti u r-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tagħha;
- **japprezza** l-kwalità u l-puntwalità tal-appoġġ ipprovdut mill-Aġenzija lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea matul l-2024;
- **jesprimi sodisfazzjon** bil-livell pendenti ta' eżekuzzjoni tal-baġit għall-approprijazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti tal-2024, u bi tnaqqis sinifikanti ta' riporti;

¹⁴ L-Artikolu 19(1)(t) tar-Regolament li jistabbilixxi l-eu-LISA (UE) Nru 2018/1726.

- **jiddispijaċih** li l-livell ta' kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament baqa' eċċessiv fl-2024 – 14.5 %.
- **jinnota** li kellhom isiru aġġustamenti baġitarji sinifikanti matul is-sena baġitarja sabiex jiġu koperti spejjeż addizzjonali;
- **ifafħhar** il-progress tajjeb tal-Aġenzija fl-għeluq tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, biex tintlaħaq rata ta' implimentazzjoni ġenerali ta' 97 % sal-31 ta' Diċembru 2024;
- **josserva titjib** fir-rata ta' okkupanza tal-Aġenzija;
- **jesprimi tħassib** dwar l-opinjoni kwalifikati ripetuti tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Aġenzija, filwaqt li jinnota li l-Parlament Ewropew ta' lid-Direttur Eżekuttiv *ad interim* il-kwintanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2023;
- **jieħu nota pożittiva tal-miżuri** biex tissaħħaħ l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern tagħha;
- **jenfasizza** s-suċċess tal-Presidenza tan-*Network* tal-Aġenziji tal-ĠAI tal-Aġenzija fl-2024.

Il-Bord tat-Tmexxija jemmen li dan ir-rapport jipprovdi assigurazzjoni suffiċjenti li, minkejja ħafna sfidi li jfjixxlu l-aderenza mal-iskedi ta' implimentazzjoni impenjattivi, l-eu-LISA ppruvat timplimenta l-mandat tagħha u użat ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha għall-finijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tal-eu-LISA għall-2024, inkluż fid-Dokument Uniku ta' programmazzjoni 2024–2026.

Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jqis l-informazzjoni pprovduta f'dan ir-rapport:

- jenfasizza l-**pressjoni konsiderevoli fuq il-persunal tal-eu-LISA** li jaħdem fuq proġetti kumplessi li għalihom riżorsi umani adegwati huma kruċjali, kemm għall-funzjonijiet operattivi kif ukoll għal dawk orizzontali;
- **jappoġġa lill-Aġenzija fl-isforzi kontinwi tagħha** biex timplimenta biex twettaq il-pjan direzzjonali rivedut għall-arkitettura tal-interoperabbiltà u jenfasizza l-importanza tad-dħul fl-operat progressiv il-ġdid tal-EES;
- jirrikonoxxi l-**interdipendenzi** bejn il-ħidma tal-Aġenzija għas-sistemi ċentrali u għall-Istati Membri fil-livell nazzjonali, u b'hekk il-ħtieġa essenzjali li tingħata attenzjoni speċjali għall-approċċ ta' sħubija tal-Aġenzija mal-Istati Membri, għal fehim reċiproku, trasparenza u koordinazzjoni aħjar, filwaqt li l-eu-LISA tiġi mħeġġa tkompli l-kooperazzjoni mill-qrib tagħha mal-partijiet ikkonċernati tagħha, inklużi l-Kummissjoni Ewropea u Aġenziji oħra biex tiżgura t-twetliq b'suċċess ta' sistemi ġodda;
- iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli tnaqqas **id-dipendenza tagħha fuq kuntratturi esterni u tibni kapaciċitajiet interni** b'livell adegwat ta' ġestjoni;
- jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-eu-LISA tkompli **żżid ir-rata ta' okkupanza tagħha**;
- jilqa' l-miżuri li għaddejjin meħuda għat-**titjib tal-ippjanar u l-monitoraġġ affidabbli tal-baġit**, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-eu-LISA **tiġi implimentata bir-riżorsi adegwati biex timplimenta l-mandat tagħha li qed jikber**;
- jenfasizza l-importanza li tiġi ffinalizzata l-istrateġija tal-akkwist biex tingħalaq l-aħħar **rakkomandazzjoni pendenti tal-awditjar**;
- jirrikonoxxi l-**importanza tal-programm ta' żieda fil-kapaċità tal-eu-LISA** biex tiġi żgurata kapaċità suffiċjenti taċ-ċentru tad-data għall-iskjerament u l-ġestjoni effiċjenti u sostenibbli kemm tas-sistemi tal-IT ġodda kif ukoll ta' dawk diġà eżistenti, filwaqt li tkompli tiġi ggarantita d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistemi kollha taħt il-mandat tagħha.

Il-Bord tat-Tmexxija jestendi l-gratitudni tiegħu lid-Direttur *ad interim* Eżekuttiv tal-Aġenzija, Marili Männik, lill-eks Viċi Direttur Eżekuttiv, Agnès Diallo, lill-maniġment tal-eu-LISA, u lill-persunal kollu tagħha għall-impenn u l-isforzi tagħhom matul dan l-isforz ta' sfida kbira.

Rene Vihalem,
President tal-Bord tat-Tmexxija



Daħla mid-Direttur Eżekuttiv *ad interim*

L-2024 kienet sena ta' sfida u notevoli għall-eu-LISA, li ppermettitilna nsaħħu r-reżiljenza tagħna u nuru d-dedikazzjoni tagħna għal Ewropa aktar sikura u aktar sigura. Ninsab kuntent li qed naqsam magħkom il-progress tagħna li sar biex jingħelbu l-isfidi, jinfetħu toroq ġodda, u jinbnew il-pedamenti għal modi ta' ħidma aktar effettivi.

L-eu-LISA mhijiex biss aġenzija tat-teknoloġija, aħna faċilitatur tal-politika, impenjati li nittrasformaw ambizzjonijiet politiċi kumplessi f'realtà operattiva. Kull sistema li nimmaniġġjaw jew niżviluppaw hija parti minn arkitettura usa' li tappoġġa l-prijoritajiet tal-UE – it-tweqqif ta' Żona Schengen aktar reżiljenti u sigura, l-iffaċilitar tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Ewropa.

Fl-2024, żgurajna t-tmexxija operattiva bla xkiel tas-sistemi eżistenti tagħna, filwaqt li żammejna d-disponibbiltà għolja u r-rispons tagħhom, u b'hekk nappoġġaw miljuni ta' tranżazzjonijiet li jirfdu d-deċiżjonijiet operattivi fil-fruntieri tal-UE.

L-2024 ikkaratterizzat ukoll l-integrazzjoni b'suċċess tal-e-CODEX fil-portafoll tas-sistemi tal-eu-LISA, b'appoġġ għall-kollaborazzjoni transfruntiera bejn il-prattikanti tal-ġustizzja, it-twassil ta' servizzi aħjar liċ-ċittadini tal-UE, u l-aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE. Wara l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u r-Regolament il-ġdid tal-Eurodac f'Ġunju 2024, bdejna immedjatament nimplimentaw aġġornament komprensiv tas-sistema, b'impenj qawwi li nwettquha bis-sħiħ sa Ġunju 2026.

Minkejja d-determinazzjoni tagħna li nimplimentaw il-qafas ambizzjuż għat-tisħiħ tal-arkitettura tas-sigurtà tal-Ewropa, id-dħul fl-operat antiċipat tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) kellu jiġi pospost għall-2025 kif approvat mill-Kunsill tal-Ministri f'Marzu 2025.

Fl-2024 komplejna ninvestu wkoll fl-ingranaġġ ta' teknoloġiji ġodda – soluzzjonijiet tal-cloud u intelliġenza artifiċjali –, b'fokus fuq il-kapaċità tagħhom li jappoġġaw il-politiki tal-UE li qed jevolvu, f'konformità ma' dak li jippermettu r-regolamenti. L-eu-LISA tibqa' impenjata li tappoġġa l-innovazzjoni responsabbli u etika, filwaqt li tiżgura t-trasparenza u r-responsabbiltà, tipprijoritizza l-protezzjoni tad-data u s-sigurtà tas-sistema fit-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, fl-2024, abbażi tat-tagħlimiet meħuda, bdejna nimplimentaw pjan strateġiku ambizzjuż bil-għan li nittrasformaw il-mod kif l-Aġenzija tiżviluppa sistemi ġodda, billi nsaħħu l-kontroll tagħna fuq ix-xogħol ta' żvilupp, naġixxu bħala sieħeb kummerċjali għall-Istati Membri, u nattiraw u nżommu l-aħjar talenti.

Dan kollu ma jkunx possibbli mingħajr il-fiduċja u l-appoġġ sodi tal-partijiet ikkonċernati tagħna fit-tweqqif tal-missjoni tagħna. Għalhekk nixtieq nesprimi l-gratitudni tagħna lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-aġenziji l-oħra tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI). Il-kollaborazzjoni hija kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi kondiviżi u fl-ixprunar tal-progress fin-navigazzjoni tar-regolamenti, l-istrateġiji, in-negozjati u r-responsabbiltajiet.

Fuq kollox, nixtieq nringrazzja lill-persunal tal-eu-LISA fis-siti diversi tagħna. Kull stadju importanti miksub juri l-isforz kollettiv, id-dedikazzjoni u s-sens ta' missjoni tagħhom. Flimkien, aħna nuru li l-Aġenzija tagħna tista' tegħleb il-kumplessità u tibdel kwalunkwe sfida f'opportunità ta' tagħlim biex issaħħaħ il-kapaċitajiet tagħna.

Ninsab fiduċjuż li l-ħidma ta' kuljum iddedikata tal-eu-LISA tagħmel lill-Ewropa aktar sikura, aktar ġusta u aktar reżiljenti b'mod diġitali. Nistiednek tesplora dan ir-rapport u tifhem aħjar l-isforzi tagħna matul is-sena li għaddiet. Il-paġni li ġejjin juru l-impenj kontinwu tal-eu-LISA li tittraduċi l-viżjoni f'azzjoni u tuża t-teknoloġija biex tibni l-fiduċja.

Marili Männik,
Direttur Eżekuttiv *ad interim*

Sommarju eżekuttiv

Ir-Rapport Annwali tal-Attività Konsolidat tal-eu-LISA jippreżenta ħarsa ġenerali strutturata lejn il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2024 u l-kisba tal-oġettivi deskritti fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2024–2026. Ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi assigurazzjoni lill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA—lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri u liċ-ċittadini tal-UE—li l-Aġenzija hija impenjata b'mod sistematiku u konsistenti għall-mandat tagħha u qed tuża b'mod effiċjenti r-riżorsi allokatu biex tilħaq l-għanijiet strateġiċi tagħha.

Dan ir-rapport jenfasizza l-impenn sod u l-affidabbiltà tal-Aġenzija bħala sieħba għall-istituzzjonijiet Ewropej u għall-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki rilevanti fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI), filwaqt li jiżgura wkoll is-sikurezza u l-integrità tat-teknoloġiji skjerati.

Fost ħafna kisbiet oħra, il-kisbiet ewlenin tal-eu-LISA fl-2024 jinkludu:



Konnessjoni tal-Frontex mas-SIS u aċċess sħiħ għall-VIS mogħtija lill-Bulgarija u lir-Rumanija

Akkwiżizzjoni formali tat-tmexxija operattiva tal-e-CODEX mill-eu-LISA

Tnedija tal-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdid b'approċċ ġdid

Twassil tal-funzjonalitajiet tal-linja bażi tal-EES flimkien mal-sBMS u l-VIS għall-EES

Konferma tat-tnejja tal-sBMS għal operazzjonijiet bijometriċi permezz ta' evalwazzjoni tal-preċiżjoni

Provi konġunti tal-EES, tal-VIS għall-EES u tal-sBMS għad-dħul fl-operat

Organizzazzjoni ta' żewġ avvenimenti ta' Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija

Presidenza tan-*Network* tal-Aġenziji tal-ĠAI tal-2024

Rata ta' implimentazzjoni ta' 97 % għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti

Eżekuzzjoni tal-baġit ta' 100 % għall-impenji u l-pagamenti (inkluż ir-riport)

Adottata Strateġija ta' Kontroll Intern

Il-kisbiet tas-sena

Matul is-sena, l-eu-LISA kompliet bl-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għal żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. Peress li s-sistemi kollha tal-ĠAI ġestiti mill-Aġenzija jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri, tal-viżi, tal-migrazzjoni u tal-ażil, tad-diġitalizzazzjoni, u jikkontribwixxu wkoll għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, l-evoluzzjoni kontinwa u l-manutenzjoni tagħhom huma ta' importanza kritika għall-UE u għall-eu-LISA.

Għal dak il-għan, l-Aġenzija kompliet tagħgħorna s-sistemi eżistenti tal-IT u tiżviluppa diversi oħrajn ġodda, flimkien mal-arkitettura ġenerali tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI, maħsuba biex tittrasforma l-ġestjoni tal-fruntieri permezz tad-diġitalizzazzjoni, it-tweqqif ta' approċċ intelliġenti integrat għas-sigurtà interna tal-Ewropa, filwaqt li tipprovdi esperjenza bla xkiel għall-vjaġġaturi internazzjonali li jkunu sejrin lejn iż-żona Schengen.

Fid-dawl tar-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha fid-dominju tal-ġustizzja tal-UE, is-soluzzjonijiet diġitali l-ġodda li qed jiġu żviluppati mill-eu-LISA jikkontribwixxu għall-modernizzazzjoni kontinwa tas-sistemi ġudizzjarji fl-Ewropa kollha, filwaqt li jtejbu wkoll l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera. Flimkien mal-ixprunar tad-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ĠAI, l-Aġenzija ffukat ukoll fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid fil-qasam ċibernetiku, b'mod partikolari billi għamlet it-tnejjiet meħtieġa għall-obbligi li jirriżultaw minn regolamenti ġodda tal-UE dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u ċ-ċibersigurtà.

Bħala l-Aġenzija tal-UE responsabbli għat-tmexxija operattiva u l-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA sservi bħala sieħeb ewleni għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE billi tipprovdi għarfien espert tal-ogħla livell permezz tal-involviment f'kooperazzjoni proattiva u skambju ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħha.

B'mod ġenerali, il-ħidma tal-Aġenzija ffukat fuq il-prijoritajiet annwali li ġejjin:

Prijorità 1: L-iżgurar ta' operat u implimentazzjoni effiċjenti tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE fdati lill-eu-LISA

L-oġġettiv ewlieni tal-eu-LISA huwa li tiżgura operat effettiv, sigur u kontinwu tas-sistemi taħt il-mandat tagħha, filwaqt li twettaq l-evoluzzjonijiet meħtieġa u tħejji għall-integrazzjoni tagħhom mal-komponenti tal-interoperabbiltà. L-Aġenzija żgurat l-operat stabbli tas-sistemi ewlenin tal-ĠAI tal-UE: is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), flimkien mas-sistema awtomatizzata tagħha għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' (AFIS); is-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), flimkien mas-sistema ta' tqabbil bijometriku (BMS) tagħha, u l-funzjonalità tal-VIS Mail; il-Bażi tad-Data Dattiloskopika Ewropea tal-Ażil (Eurodac), flimkien ma' DubliNet; u l-implimentazzjoni ta' referenza tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS RI).

Is-sistemi twettqu f'konformità mal-miri rispettivi tagħhom fil-livell tas-servizz, ħlief għal nuqqas limitat ta' disponibbiltà għal żmien qasir, b'disponibbiltà tas-SIS ta' 99.78 %, tal-VIS ta' 99.92 % tal-Eurodac ta' 99.91 %, u tal-e-CODEX ta' 99.91 %. L-eu-LISA żgurat ukoll it-tmexxija operattiva effettiva tal-infrastruttura, in-networks u s-servizzi sottostanti, ikkomplementata mis-servizzi ta' appoġġ għall-utenti finali 24/7 għall-komunità tal-ĠAI, u laħqet 97.8 % tar-rata ta' sodisfazzjon tal-użu finali. FI-2024, l-Aġenzija ssostitwiet in-network switches skaduti kollha tan-network b'sistemi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fis-siti u fl-ambjenti kollha biex tkompli ttejjeb il-kwalità tas-servizzi pprovduti lill-Istati Membri.

FI-2024, l-utenti l-ġodda ngħaqdu mal-komunità ta' Schengen, bil-Bulgarija u r-Rumanija li ngħataw aċċess sħiħ għall-VIS f'April, u l-Frontex kienet konnessa mas-SIS f'Ġunju.

L-Aġenzija kompliet bl-implimentazzjoni tal-VIS Riveduta biex iżżid funzjonalitajiet ġodda u tikseb interoperabbiltà mas-sistemi l-ġodda, primarjament l-EES u l-ETIAS. Pass importanti fil-kisba tal-interoperabbiltà tal-VIS kien jeħtieġ il-migrazzjoni tal-bażi tad-data tal-marki tas-swaba' tagħha għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS), li jippermetti l-użu tal-bijometrika reali kollha tal-VIS fl-sBMS. Wara li tlesta l-kejl tal-preċiżjoni bijometrika tal-sBMS għall-EES, b'riżultati pożittivi li jikkonfermaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità.

Biex tappoġġa l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA), l-eu-LISA kompliet iżżomm l-Eurodac u pprovdiet aġġornamenti kritiċi tas-sistema. Wara l-adozzjoni tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, l-Aġenzija bdiet minnufih timplimenta l-Eurodac il-ġdida b'approċċ ta' żvilupp ġdid u r-Regolamenti tal-Iskrinjar, biex tiżgura d-dħul fl-operat tagħha f'waqtu f'Ġunju 2026 tal-funzjonalitajiet ewlenin tagħha.

Minbarra l-aġġornament tas-sistemi eżistenti, l-eu-LISA qed tiżviluppa sistemi tal-IT ġodda, flimkien mal-arkitettura globali tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI. FI-2024, il-prijorità ewlenija tal-eu-LISA kienet li tiżgura t-twettiq tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). FI-2024, l-Aġenzija wasslet il-verżjoni tal-linja bażi tal-EES b'kamp ta' applikazzjoni funzjonali għall-ittestjar tal-konformità, li tat prova tal-kwalità tajba tas-sistema peress li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u tal-Europol lestew l-ittestjar kemm għall-EES kif ukoll għall-VIS. L-Aġenzija wettqet ukoll rilaxxi ġodda għall-sBMS li jkopru l-biċċa l-kbira tal-kamp ta' applikazzjoni funzjonali (għall-VIS, l-EES u l-ECRIS-TCN). Barra minn hekk, bħala pass sinifikanti lejn id-dħul fl-operat, l-eu-LISA wettqet eżerċizzju konġunt ta' provi f'Ottubru (flimkien mal-sBMS u l-VIS għall-EES), li ssimula s-sekwenza sħiħa tal-attivitajiet ta' dħul fl-operat, ippermettiet lill-Aġenzija tikseb lezzjonijiet siewja.

Madankollu, is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) flimkien mas-Sistema Kondiviża ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) u l-VIS għall-EES ma setgħux jidħlu fis-seħħ f'Novembru 2024. Id-dħul fl-operat tal-EES ġie ttardjat minħabba tħassib dwar ir-reżiljenza tas-sistema ewlenija, jiġifieri l-kapaċità ta' rkupru mill-interruzzjonijiet. F'Diċembru 2024, il-Kummissjoni pproponiet li tintroduċi bidu progressiv tal-EES, li jibda minn Ottubru 2025, li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu s-sistema b'mod progressiv fil-fruntieri esterni tagħhom fuq perjodu ta' tranżizzjoni ta' sitt xhur.

Fir-rigward tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar (ETIAS), flimkien mas-simulatur tas-sistema ċentrali aġġornat flimkien mas-simulatur tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP) imfassal apposta, l-Aġenzija pprovdiet l-ispeċifikazzjonijiet tas-software u l-mudelli tal-interfaċċa tal-utent aġġornati biex tkompli tappoġġa t-tħejji tal-Istati Membri għall-ittestjar tan-negozju minn tarf sa tarf. B'mod parallel, l-eu-LISA kompliet l-iżvilupp tas-sistema iterattiva, billi nediet il-proġett pilota ta' konnessjoni ta' interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI) mal-lżvezja biex tissimplifika l-konnessjonijiet bejn l-utenti finali u s-sistema ċentrali tal-ETIAS.

Sar ukoll progress tajjeb fil-preparazzjonijiet tal-EES għat-trasportaturi tal-passiġġieri. Barra minn hekk, fl-2024, l-Aġenzija wettqet l-applikazzjonijiet kollha tas-servizzi web tal-EES, inklużi interfaċċi tal-web iddedikati u applikazzjonijiet mobbli għall-vjaġġaturi u għat-trasportaturi. Dawn huma l-ewwel applikazzjonijiet ibbażati fuq l-internet u mobbli tal-eu-LISA żviluppati internament.

F'konformità mal-viżjoni tal-Kummissjoni għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja, l-Aġenzija kompliet iżżid l-involvement tagħha mal-komunità tal-ġustizzja. Fit-3 ta' Ġunju 2024, l-eu-LISA laħqet stadju importanti billi ħadet f'idejha uffiċjalment it-tmexxija operattiva tas-sistema e-CODEX. Biex tuża l-applikazzjoni e-CODEX, l-Aġenzija stabbiliet pjattaforma komprensiva tal-cloud (CCP) biex tipprovdi pjattaforma sigura u aġli, li tippermetti konfigurazzjoni aktar rapida u skalar aktar faċli tal-ambjenti tal-applikazzjoni.

Fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistemi ġodda għad-dominju tal-ġustizzja, sar progress konsiderevoli bis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN). Sabiex tiffaċilita l-attivitajiet ta' żvilupp, l-eu-LISA wasslet lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-ġustizzja tal-UE (il-Europol, il-Eurojust u l-UPPE) ir-rilaxx finali tas-simulatur tal-ECRIS-TCN flimkien ma' żewġ rilaxxi li jkopru l-biċċa l-kbira tal-funzjonalitajiet.

L-eu-LISA bdiet tiżviluppa wkoll diversi soluzzjonijiet diġitali ġodda li se jsaħħu aktar l-arkitettura eżistenti tal-IT li tappoġġa l-funzjonament xieraq ta' Schengen. B'mod partikolari, il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta li se ttejjeb l-effiċjenza tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjoni transfruntiera, u r-router ċentrali ta' Prüm II li se jipprovdi mezz ta' komunikazzjoni sigur u affidabbli għall-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi biex jiġġieldu l-kriminalità u t-terroriżmu transfruntiera. Matul is-sena, l-Aġenzija appoġġat ukoll lill-Kummissjoni matul il-laqgħat preliminari dwar ir-router tal-Infomazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri li se jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-approvazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-qsim tal-fruntieri.

Minbarra t-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-ĠAI, l-eu-LISA kompliet twettaq kompiti statutorji assoċjati oħra, bħall-ġħoti ta' taħriġ lill-utenti lill-Istati Membri, il-kompilazzjoni ta' listi ta' awtoritajiet maħtura, u t-tnejn ta' statistika annwali u rapporti dwar il-prestazzjoni.

Prijorità 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' konformità

Filwaqt li tibni fuq il-momentum miksub fl-2023 fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar pendenti, l-eu-LISA ffukat fuq l-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet li jfidal bl-aktar mod effettiv, u laħqet rata ta' implimentazzjoni ġenerali ta' 97 % sal-aħħar tas-sena, filwaqt li baqgħet rakkomandazzjoni pendenti waħda.

Fl-2024, l-eu-LISA kompliet ittejjeb u ssaħħa l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern tagħha. Għal dak il-għan, l-Aġenzija vvalutat il-Qafas ta' Kontroll Intern tagħha u stabbiliet sistema għall-monitoraġġ kontinwu tan-nuqqasijiet identifikati, li tiffoka fuq it-titjib fil-qasam tal-ġestjoni tal-kuntratti relatati ma' programmi u proġetti operattivi. L-eu-LISA adottat ukoll l-ewwel Strateġija ta' Kontroll Intern tagħha, flimkien mal-pjan ta' azzjoni ta' akkumpanjament, inkluża d-definizzjoni ta' kontrolli interni għall-metodoloġija tal-kalkolu tal-kostijiet. Biex tappoġġa l-iżvilupp organizzazzjonali, u ttejjeb il-prestazzjoni u l-kwalità tal-governanza, l-Aġenzija kompliet timplimenta l-pjan ta' titjib tal-Qafas Komuni ta' Valutazzjoni (CAF).

L-Aġenzija kompliet issaħħa l-kontroll finanzjarju tagħha, kif ukoll il-proċess ta' tbassir u monitoraġġ tal-baġit, li rriżulta f'rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit, li tikkonsma kompletament il-baġit ivvutat, kif ukoll li naqqset b'mod sinifikanti l-livell ta' riporti.

L-Aġenzija kompliet ukoll tiżgura l-oġġetti livelli ta' sigurtà tal-informazzjoni u protezzjoni tad-data f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u l-istandards tas-sigurtà rigorużi. B'mod partikolari, l-eu-LISA ffukat fuq il-valutazzjoni tar-riskju tas-sistemi tal-ĠAI u t-titjib tal-pożizzjoni tas-sigurtà tas-sistemi kollha tal-IT taħt il-mandat tagħha.

Prijorità 3: It-trawwim tal-involvement tal-persunal billi l-eu-LISA ssir post tajjeb għax-xogħol biex tattira u żżomm talenti ġodda

F'Marzu, id-Direttur Eżekuttiv nieda inizjattiva ġdida ta' bidla organizzazzjonali – RAISE – biex jappoġġa aktar it-twettiq effiċjenti tal-missjoni tal-Aġenzija, iġib valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati u jikkultiva post tajjeb għax-xogħol. L-inizjattiva RAISE introduċiet ukoll struttura organizzazzjonali riveduta, li timmodifika d-dipartimenti eżistenti u toħloq oħrajn ġodda, flimkien ma' bidliet fil-livell tal-unitajiet u s-setturi, sabiex tiġġestixxi aħjar il-kampijiet ta' applikazzjoni tal-programmi tagħna u ssaħħa l-iżvilupp tas-software.

L-eu-LISA kompliet ukoll bl-isforzi tagħha biex iżżid ir-rata ta' okkupanza tagħha billi rreklutat għadd kbir ta' membri tal-persunal ġodda. B'appoġġ għal dan, l-Aġenzija aġġornat ukoll il-prattiki ta' reklutaġġ biex tqassar b'mod sinifikanti t-tul ta' żmien tal-proċess tal-għażla u bl-użu effettiv ta' listi ta' riżerva.

Sabiex tattira grupp varjat ta' kandidati u tiżgura li jkollha l-persuni adatti fil-pożizzjonijiet it-tajba, l-eu-LISA kompliet l-attivitajiet proattivi tagħha ta' sensibilizzazzjoni tat-talenti bi strateġija mtejbja ta' branding u reklutaġġ tal-impjegatur – preżenza akbar fuq il-media soċjali u tftixxija attiva għal impjegati ġodda – li żiedet b'mod sinifikanti l-kwantità u l-kwalità tal-applikazzjonijiet. Biex tagħti spinta lid-diversità tal-ġeneri, l-eu-LISA ffukat fuq il-promozzjoni tal-applikazzjonijiet tan-nisa. L-Aġenzija kompliet ukoll bil-programm ta' mobbiltà interna tagħha biex trawwem it-tkabbir professjonali u tikkapitalizza fuq il-kompetenzi tal-persunal eżistenti. Il-kultura u l-valuri organizzazzjonali ġew imsaħħa b'fokus fuq il-bilanċ bejn il-ġeneri, id-diversità u l-inklużjoni.

Prijorità 4: It-tnejja tal-Aġenzija għall-futur

Sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet operattivi dejjem akbar li jirriżultaw mill-mandat estiż tagħha, l-eu-LISA stabbiliet il-Programm ta' Żieda fil-Kapaċità fl-2021 biex tikkonsolida diversi proġetti ta' infrastruttura interrelatati biex tiżgura kapaċità suffiċjenti taċ-ċentru tad-data għall-iskjerament u l-ġestjoni effiċjenti u sostenibbli kemm tas-sistemi tal-IT ġodda kif ukoll ta' dawk diġà eżistenti, filwaqt li tkompli tiggarantixxi d-disponibbiltà mingħajr interruzzjoni u l-evoluzzjoni f'waqtha tas-sistemi kollha taħt il-mandat tagħha. Fl-2024, l-Aġenzija qed tiffoka fuq żewġ proġetti: l-installazzjoni ta' ċentru tad-data modulari f'kontejners (soluzzjoni flessibbli u skalabbli li ma tirrikjedi l-ebda attività ta' kostruzzjoni) u t-titjib tal-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ fis-sit operattiv ta' Strażburgu.

Minħabba l-posponiment tat-tieni proġett ta' estensjoni fis-sit operattiv ta' Strażburgu għal raġunijiet finanzjarji, l-eu-LISA kienet meħtieġa tindirizza l-problema ta' spazju tax-xogħol insuffiċjenti fil-bini tagħha ta' Strażburgu. Sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal u tissaħħaħ l-effiċjenza operattiva, l-eu-LISA ffirmat lokazzjoni għal bini ta' ufficiċċju ġdid fi Strażburgu (ASPIRE), li jinsab fil-viċinanza tal-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għamlet sforzi biex tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha u ttejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tagħha u għaddiet minn awditjar estern għaċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS¹⁵, li jikkonferma l-livell tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħha, imsaħħa b'soluzzjonijiet ta' monitoraġġ ambjentali.

Sabiex ittejjeb l-effiċjenza u tħaffef il-proċess ta' żvilupp, l-Aġenzija bdiet pilotaġġ ta' mod ġdid ta' ħidma billi tinternalizza l-iżvilupp tal-IT minflok ma tiddependi biss fuq kuntratturi esterni, filwaqt li ħadet vantaġġ minn proċess iterattiv u aġli u kapaċitajiet ta' cloud għall-preproduzzjoni. Sabiex ittejjeb l-iżvilupp u l-prestazzjoni organizzazzjonali tagħha, l-eu-LISA adottat pjan ta' azzjoni ta' ġestjoni strateġika biex issaħħaħ il-ġestjoni u t-twassil tas-sistemi taħt il-mandat tagħha, tinkorpora avvanzi teknoloġiċi ġodda (cloud sovrana, IA), ittejjeb l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent, u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Fl-2024, l-Aġenzija kellha l-Presidenza tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN), li ffukat fuq l-espansjoni tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji, l-ixprunar tat-trasformazzjoni diġitali, it-tisħiħ tas-sigurtà u r-reżiljenza kif ukoll l-impenn għar-responsabbiltà soċjali.

Prijorità 5: It-titjib tat-teknoloġiji u l-innovazzjoni

L-eu-LISA kompliet tappoġġa lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI taħt il-mandat tagħha, inkluż l-appoġġ għall-Gruppi Konsultattivi u l-Bordijiet ta' Tmexxja tal-Programm.

Sabiex tiġi żgurata l-evoluzzjoni kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA timmonitorja r-riċerka, u torganizza attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni mal-industrija u mal-akkademja biex trawwem l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni. L-Aġenzija ffinalizzat l-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Istandardizzazzjoni għal Skopijiet ta' Kwalità tad-Data. Barra minn hekk, l-Aġenzija ffinalizzat ukoll l-Istrateġija tagħha għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-perjodu 2025–2027, u ddeskriviet id-direzzjoni ġenerali tal-iżvilupp u tiggwida l-evoluzzjoni sostenibbli tal-funzjoni tar-riċerka tal-eu-LISA. Fl-2024, l-eu-LISA ppubblikat sommarju dwar it-teknoloġija f'żewġ partijiet dwar ir-rikonoxximent bijometriku biex ttiprovdi ħarsa ġenerali aċċessibbli tat-teknoloġiji rilevanti għall-eu-LISA u għall-partijiet ikkonċernati tagħha.

L-Aġenzija kompliet ukoll tospita avvenimenti ta' diskussjoni madwar mejda tal-industrija biex tippromwovi l-iskambju ta' fehmiet dwar oqsma ta' fokus magħżula u turi t-teknoloġiji, il-prodotti u s-servizzi innovattivi mill-industrija, u tindirizza wkoll il-ħtiġijiet u l-lakuni fil-kapaċità tal-Istati Membri. L-ewwel diskussjoni madwar mejda saret f'Ġunju, f'Antwerp, il-Belġju, taħt it-titolu "Going to the Cloud: Why it matters for the EU public sector and how to make it work" (Tranżizzjoni lejn il-Cloud: Għalfejn hija importanti għas-settur pubbliku tal-UE u kif titħaddem) biex jiġi diskuss il-potenzjal trasformattiv tat-teknoloġiji tal-cloud sovrani għas-settur pubbliku. U t-tieni diskussjoni madwar mejda saret f'Novembru, f'Budapest, l-Ungerija, flimkien mal-Presidenza Ungeriża, taħt it-titolu "EU Justice and Home Affairs in the Age of AI: fostering innovations and managing risks" (Il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE fl-Era tal-IA: it-trawwim tal-innovazzjonijiet u l-ġestjoni tar-riskji) biex jiġu diskussi l-isfidi u l-oportunitajiet tal-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA fid-dominju tal-ĠAI.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet tiżviluppa l-portafoll tal-bijometrika tagħha. B'mod partikolari, taħt iċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, l-Aġenzija stabbiliet grupp ġdid li jiffoka fuq il-kwalità tad-data bijometrika u l-evalwazzjoni tas-sistemi ta' rikonoxximent bijometriku.

¹⁵ L-Aġenzija rċeviet ċertifikazzjoni tal-EMAS fl-1 ta' April 2025.

Ġestjoni u valutazzjoni tal-kontroll intern

It-tieni u t-tielet partijiet ta' dan ir-rapport jipprovdu ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-Aġenzija fl-2024, u jinkludu sommarju tar-rapport ta' valutazzjoni annwali dwar il-qafas ta' kontroll intern (QKI), sommarju tal-awditi, u segwitu tal-osservazzjonijiet mill-awtorità ta' kwittanza.

L-Aġenzija qed tiżviluppa sett kumpless ta' sistemi kkumplikati tal-IT fuq skala kbira, u qed tevolvi f'ambjent dinamiku li jeħtieġ l-aġilità, filwaqt li tiżgura l-konformità mar-regoli tal-UE. Dawn iċ-ċirkostanzi joħolqu sfidi u pressjoni addizzjonali fuq il-ħidma tal-Aġenzija u l-organizzazzjoni tagħha.

Ir-rapport ta' valutazzjoni tal-QKI tal-2024 ikkonkluda li s-sistema ta' kontroll intern tal-eu-LISA hija preżenti, tiffunzjona u effettiva, għalkemm għad hemm bżonn ta' xi titjib. Diversi awditi, inkluż mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), indikaw ukoll oqsma għal titjib. Matul l-2024, l-Aġenzija baqgħet impenjata bis-sħiħ li tagħmel titjib fl-oqsma identifikati ta' defiċjenza, b'fokus fuq il-ġestjoni tal-kuntratti relatati ma' programmi u proġetti operattivi. L-eu-LISA wkoll għamlet sforzi biex tagħlaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar li fadal bl-aktar mod effettiv, billi tagħti prijorità lil dawk l-aktar urġenti u lil dawk li kienu pendenti għall-itwal perjodu.

KISBIET



1

KISBIET

Matul l-2024, l-eu-LISA kompliet bl-isforzi tagħha biex tikkontribwixxi għal żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ permezz tat-tmexxija effiċjenti tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE li jiffaċilitaw il-ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi madwar l-Ewropa. L-attivitajiet tal-eu-LISA jikkontribwixxu għas-sigurtà interna u l-moviment liberu tal-UE, u jaffettwaw mijiet ta' miljuni ta' persuni li jgħixu fl-Ewropa u jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen minn madwar id-dinja kollha.

Il-mandat u l-attivitajiet operattivi ewlenin tal-Aġenzija jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fid-dominju tal-ġustizzja u l-affarijiet interni (ĠAI), b'fokus fuq il-ġestjoni tal-fruntieri, is-sigurtà interna, il-migrazzjoni u l-ażil, il-viżi, u l-ġustizzja. Filwaqt li tiegħu gwida mill-istrategġiji tal-Kummissjoni għaż-żona Schengen u l-Unjoni tas-Sigurtà tal-UE, il-fokus tal-eu-LISA jibqa' fuq attivitajiet li jikkontribwixxu għall-bini ta' **ekosistema tas-sigurtà Ewropea b'saħħitha**, primarjament permezz tal-ġestjoni u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT, soluzzjonijiet diġitali biex ikompli jissaħħu l-kontroll tal-fruntieri u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-involvement friċerka u innovazzjoni relatati mas-sigurtà.

Matul dawn l-aħħar snin, l-eu-LISA kienet iffukata fuq it-titjib u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT li fl-aħħar mill-aħħar se jikkostitwixxu **arkitettura komprensiva tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI**. Dan jinkludi l-aġġornament u l-evoluzzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni eżistenti tal-ĠAI li jikkostitwixxu l-pedamenti tal-arkitettura ta' Schengen. Flimkien, dawn is-sistemi interoperabbli se jitransformaw il-ġestjoni tal-fruntieri permezz tad-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jwasslu approċċ intelliġenti integrat biex tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-Ewropa, filwaqt li jipprovdu wkoll esperjenza bla xkiel għall-vjaġġaturi li jgħixu fiż-żona Schengen.

Filwaqt li kompliet iżżid l-isforzi tagħha biex **tixpruna d-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ĠAI tal-UE**, l-Aġenzija ffukat ukoll fuq **iċ-ċibersigurtà** u l-ġlieda kontra t-theddid fid-dominju ċibernetiku, billi għamlet it-tnejn meħtieġa għall-obbligi li jirriżultaw minn regolamenti ġodda tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-informazzjoni. Barra minn hekk, l-eu-LISA ġiet fdata bl-iżvilupp ta' diversi **soluzzjonijiet diġitali ġodda** li se jsaħħu aktar l-arkitettura eżistenti ta' Schengen, jiġifieri, il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta, ir-routers Prüm II u tal-API-PNR. Barra minn hekk, l-eu-LISA kkontribwiet għall-pjattaforma ta' kooperazzjoni fis-sigurtà tal-UE tal-EMPACT billi pparteċipat fi pjaniġiet ta' azzjoni operattiva dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, l-armi tan-nar u l-attakki ċibernetiċi.¹⁶

L-eu-LISA kompliet ukoll tespandi l-kontribut tagħha għad-dominju tal-ġustizzja tal-UE f'allinjament mal-viżjoni tal-Kummissjoni għad-**diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja** billi żżid l-involvement tagħha mal-komunità tal-ġustizzja u tistabbilixxi sħubijiet aktar mill-qrib.¹⁷

Bħala l-Aġenzija tal-UE responsabbli għat-tmexxija operattiva u l-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA sservi bħala sieħeb ewleni għall-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE billi twassal għarfien espert tal-oġġla livell ta' żvilupp tekniku permezz tal-involvement f'kooperazzjoni proattiva u skambju ta' informazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħha.

Thejġija għall-futur

Fl-14 ta' Marzu 2024, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA nieda **inizjattiva ġdida ta' bidla organizzazzjonali – RAISE** – biex jappoġġa aktar it-tweġġiq effiċjenti tal-missjoni tal-Aġenzija, iġib valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati u jikkultiva post tajjeb għax-xogħol.¹⁸ L-inizjattiva RAISE introduċiet ukoll **struttura organizzazzjonali riveduta**, li timmodifika d-dipartimenti eżistenti u toħloq oħrajn ġodda, flimkien ma' bidliet fil-livell tal-unitajiet u s-setturi, sabiex tiġġestixxi aħjar il-kampijiet ta' applikazzjoni tal-programmi tagħna u ssaħħaħ l-iżvilupp tas-software.

Barra minn hekk, biex tittejjeb l-effiċjenza u jitħaffef il-proċess ta' żvilupp, l-Aġenzija bdiet **pilotaġġ ta' mod ġdid ta' ħidma** permezz ta' internalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-IT minflok ma tiddependi biss fuq kuntratturi esterni, filwaqt li tiegħu vantaġġ ukoll minn proċess iterattiv u aġli, kif ukoll mill-kapaċitajiet tal-cloud għall-preproduzzjoni.

¹⁶ Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna tal-Kummissjoni dwar l-EMPACT (*Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali*).

¹⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Id-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fl-UE: Sett ta' Għodod ta' Opportunitajiet*, COM (2020) 710 final.

¹⁸ *Tiġdid* tal-modi ta' ħidma tagħna biex inkunu lesti għal dak li għandna quddiemna. *Aġilità* u trasversalità biex jitravwem approċċ "mhux silo". *Impatt* biex jitwassal valur ċar lill-partijiet ikkonċernati tagħna. *Simplifikazzjoni* tal-proċessi tagħna u tisiħ tal-konformità. *Għoti tas-setgħa* u involviment biex jinbena post tajjeb għax-xogħol.

Sabiex ittejjeb l-iżvilupp u l-prestazzjoni organizzazzjonali tagħha, l-eu-LISA adottat **pjan ta' azzjoni ta' ġestjoni strateġika** biex issaħħaħ il-ġestjoni u t-twassil tas-sistemi taħt il-mandat tagħha, tinkorpora avvanzi teknoloġiċi ġodda (cloud sovrana, IA), ittejjeb l-attrazzjoni u ż-żamma tat-talent, u ssaħħaħ ir-relazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati tagħha.

1.1. SIGURTÀ INTERNA U KOOPERAZZJONI FL-INFURZAR TAL-LIĠI¹⁹

SIS

SISTEMA TA' INFORMAZZJONI TA' SCHENGEN

fis-seħħ

Is-SIS hija l-akbar sistema tal-IT u l-aktar użata b'mod wiesa' fl-Ewropa għas-sigurtà interna u l-ġestjoni tal-fruntieri, li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' allerti dwar persuni u oġġetti mfittxija jew neqsin, flimkien ma' struzzjonijiet għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Bħala tali, is-SIS hija komponent ewlieni tal-arkitettura ta' Schengen, li tippermetti ġestjoni intelliġenti u effiċjenti tal-fruntieri esterni tal-UE u tikkontribwixxi għas-sigurtà interna.²⁰

Punti ewlenin

Konnessjoni tal-Frontex mas-SIS tlestiet b'suċċess f'Ġunju

Sigurtà u l-moviment liberu ssaħħet fiż-żona Schengen kollha

Konnessjoni tas-SIS mal-ETIAS disinn lest u ittestjar funzjonali

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni



99.78 %

DISPONIBBILTÀ

PARZJALMENT SKONT IL-MIRA



100 %

FIN TA' RISPONS

SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

L-Aġenzija żgurat it-tħaddim effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tas-SIS u l-funzjonalità bijometrika tagħha l-AFIS (sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba'), filwaqt li pprovdiet lill-utenti finali tas-sistema (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE) b'disponibbiltà u kontinwità mhux interrotti, kif ukoll appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja.


Il-prestazzjoni tas-SIS u tal-AFIS baqgħet fi hndan il-miri tal-livell ta' servizz meħtieġa, b' disponibbiltà ta' 99.78 % u b' hnin ta' rispons ta' 100 %, ħliet għal żewġ inċidenti kritiċi fis-sistema ċentrali, li rriżultaw f'nuqqas totali ta' disponibbiltà ta' 3 sigħat u 32 minuta.

F'Ġunju, L-Aġenzija integrat lill-Frontex mas-SIS, l-aħħar partijiet ikkonċernati biex jagħmlu konnessjoni skont il-pjan attwali. Din l-integrazzjoni tippermetti lit-timijiet ta' appoġġ għall-ġestjoni tar-ritorn u tal-migrazzjoni tal-Frontex jaċċessaw u jfittxu data fis-SIS, li tippermettilhom iwettqu kompiti relatati mal-kontrolli fil-fruntieri, is-sorveljanza fil-fruntieri u r-ritorni.

¹⁹ Nota dwar l-istruttura: Ir-raggruppament tematiku tas-sistemi f'dan ir-rapport huwa maħsub biex jappoġġa ċ-ċarezza u l-faċilità tal-qari. Madankollu, dan ma jirriflettix bis-siġħ ir-relazzjonijiet kumplessi bejn is-sistemi jew il-kontribuzzjonijiet tagħhom f'diversi oqsma ta' politika. Hawnha sistemi jappoġġaw diversi dominji operattivi fl-istess hnin, u l-impatt tagħhom spiss jestendi lil hinn mill-konfini ta' kapitolu uniku (eż., is-SIS tikkontribwixxi għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni, l-API għall-ġestjoni tal-fruntieri, il-Eurodac tappoġġa wkoll il-ġestjoni tal-fruntieri). Għalhekk, din l-istruttura għandha titqies bħala għajnuna narrattiva aktar milli klassifikazzjoni stretta tar-rwoli tas-sistema.

²⁰ Ir-Regolamenti (UE) 2018/1860, 2018/1861, u 2018/1862, ĠU L 312, 07.12.2018, u r-Regolament (UE) 2022/1190, ĠU L 185, 12.07.2022.

Użu tas-sistema: data maħżuna u operazzjonijiet



Aġġornamenti u evoluzzjonijiet

Wara t-tnedija b'suċċess tas-SIS imġedda f'Marzu 2023, l-eu-LISA ffukat fuq id-definizzjoni tal-arkitettura u l-funzjonalitajiet ġenerali ta' diversi evoluzzjonijiet li ġejjin għal titjib kontinwu tas-sistema. Fl-2024, l-eu-LISA ffinalizzat id-disinn ta' livell għoli għat-twissija ta' informazzjoni l-ġdida tas-SIS, l-għodda ta' ġestjoni u analitika tal-applikazzjoni tas-SIS, u l-migrazzjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS għal pjattaforma kondiviża komuni (CSP).

Sabiex timmodernizza l-infrastruttura tas-SIS, tnaqqas il-kostijiet futuri tal-manutenzjoni u ttejjeb kemm il-prestazzjoni kif ukoll il-kontinwità tan-negozju, l-eu-LISA għamlet progress sinifikanti fil-migrazzjoni tal-bażi tad-data ewlenija tas-SIS b'soluzzjoni ġdida lesta għall-validazzjoni finali u l-verifika qabel il-produzzjoni. L-Aġenzija tejbet ukoll il-hardware tas-SIS biex tissodisfa r-rekwiżiti dejjem jikbru tad-data u tat-tiftix u żżomm aġġornata mal-aħħar standards tat-teknoloġija.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ffinalizzat studju ewlieni għall-operazzjonijiet ta' ġestjoni tad-data tas-SIS, li janalizza l-katina kollha tal-ipproċessar tad-data biex itejjeb l-integrità tad-data u l-prestazzjoni tal-applikazzjoni, flimkien mat-tisħiħ tal-iskalabbiltà, il-flessibbiltà u r-reżiljenza tal-ġestjoni ta' volumi kbar tad-data, b'attenzjoni partikolari fuq il-prevenzjoni tat-telf ta' data.

Kif is-SIS hija ta' benefiċċju għall-Istati Membri u għaċ-ċittadini tal-UE: eżempju prattiku

Tifel sekwestrat minn missieru jerġgħu jingħaqdu b'mod sikur mal-omm fi żmien jumejn permezz ta' operazzjoni ta' salvataġġ koordinata. Iddaħħlet twissija fis-SIS għall-pjanċi tal-vetturi tal-missier, li tippermetti sforz transfruntier li kien jinvolvi l-awtoritajiet Franċiżi, Żvizzeri, Ġermaniżi u Daniżi li traċċaw il-vettura hekk kif kienet tivvjaġġa minn Franza permezz tal-Iżvizzera u l-Ġermanja lejn id-Danimarka, fejn inqabad is-sekwestratur. F'dan il-każ, l-awtoritajiet għamlu użu minn żewġ funzjonalitajiet ewlenin tas-SIS: **Twissija dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew** u tfittxija awtomatizzata permessa mit-teknoloġija **tar-Rikonoxximent Awtomatizzat tal-Pjanċi (ANPR)**.

Tħejjija għall-interoperabbiltà

L-Aġenzija ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-interfaċċi meħtieġa biex tiġi żgurata t-tħejjija għall-interoperabbiltà tas-SIS b'enfasi partikolari fuq l-istabbiliment tal-konnessjoni mas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvjaġġar (ETIAS) biex ikunu jistgħu jsiru tfittxijiet awtomatizzati għall-valutazzjoni tad-dritt ta' dħal tal-applikant, kif ukoll servizzi oħra lill-utenti finali tas-sistema. Bħala kisba sinifikanti, fl-2024, l-Aġenzija lestiet id-disinn u l-ittestjar funzjonali tal-modulu ta' interkonnessjoni meħtieġ.

Progress għal kull kompitu u proġett²¹

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett Riżultati tanġibbli ewlenin

Tmexxija operattiva

Objettivi ewlenin:

- tħaddim effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluża l-AFIS) u l-appoġġ għall-utenti finali,
- disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tas-SIS (inkluża l-AFIS).

²¹ Skont il-programm ta' ħidma deskritt fid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2024–2026 tal-eu-LISA. **Fit-triq it-tajba:** twassil skont l-iskeda. **Għadu għaddej – l-attività għadu għaddej:** tkompli lil hinn mill-2024. **Għadu għaddej – imdewwem:** attività għadha għaddejja, u tesperjenza dewmien sinifikanti. **Pospost:** l-attività ma bdietx fl-2024. **Oħrajn:** attività amalgamata ma' attività oħra jew ikkanċellata, depriorizzata jew sospiża.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett manutenzjoni tas-SIS u tal-AFIS żamma tal-istatus quo	Riżultati tanġibbli ewlenin Imwassla - manutenzjoni effettiva u kontinwa, - kontrolli tal-konsistenza tad-data: sessjonijiet ta' ħidma dwar il-kwalità tad-data u l-ġestjoni tad-domanda.
Appoġġ tas-SIS lill-utenti finali żamma tal-istatus quo	Imwassal - appoġġ operattiv matul l-iskjerament ta' rilaxxi ġodda, - tkompli tal-appoġġ għall-kampanji ta' ttestjar u ta' kwalifika, - konklużjoni tat-tħejjijiet tekniċi għall-integrazzjoni tal-Frontex.
Tranżizzjoni tas-SIS għat-TEF/TOF²² twettiq tal-proġett: 2024	Għadha għaddejja – imdewma l-onboarding tal-kuntrattur tat-TEF/TOF jitlesta, l-aħħar wieħed għandu jiġi ffinalizzat fl-2025.
Aġġornamenti u evoluzzjoni	
Objettivi ewlenin: twettiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa: twissija ġdida ta' informazzjoni, funzjonalità awtomatizzata ta' rikonossiment tal-wiċċ, żieda fil-kapaċità tas-sistema ċentrali tas-SIS.	
Twissija ġdida ta' informazzjoni tas-SIS²³ twettiq tal-proġett: 2024 data ġdida tat-twassil: 2026 (inklużi l-I-FSA inkluża)	għadha għaddejja – imdewwem: id-data tat-twassil aġġornata biex tiffoka fuq il-konnessjoni SIS-ETIAS - tlestija ta' disinn ta' livell għoli, - iffinalizzar tal-analiżi tar-rekwiżiti.
Ċaqliq tal-bażi tad-data Oracle twettiq tal-proġett: 2024 data ġdida tat-twassil: 2025	Għadha għaddejja - tlestija tal-migrazzjoni tal-bażi tad-data għall-ambjent ta' qabel il-produzzjoni, - konfigurazzjoni tal-ambjent tal-produzzjoni u l-migrazzjoni tad-data mibdija, - ittestjar kontinwu fil-livell ċentrali u nazzjonali, inkluż ir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet identifikati.
Għodda għall-ġestjoni u l-analitika tal-applikazzjonijiet tas-SIS twettiq tal-proġett: 2025 Data ġdida tat-twassil: 2026 (inklużi l-I-FSA inkluża)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata - tlestija ta' disinn ta' livell għoli, - analiżi kontinwa tar-rekwiżiti.
Struttura attiva-attiva tas-SIS twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida tat-twassil: 2028 (inklużi l-I-FSA inkluża)	Posposta struttura attiva-attiva li għandha tiġi implimentata fis-saff tal-applikazzjoni fl-2028.
Migrazzjoni tas-sistema ċentrali tas-SIS għas-CSP twettiq tal-proġett: 2026 data ġdida tat-twassil: 2028 (inklużi l-I-FSA inkluża)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata - tlestija ta' disinn ta' livell għoli, - analiżi kontinwa tar-rekwiżiti, - trasferiment kontinwu tal-modulu ta' interkonnessjoni tas-SIS lis-CSP.
rikonossiment tal-wiċċ tal-SIS twettiq tal-proġett: 2027 data ġdida tat-twassil: 2028 (l-I-FSA fl-2029)	għadu għaddej – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà - analiżi kontinwa tar-rekwiżiti, - disinn ta' livell għoli pospost minħabba l-finalizzazzjoni li għaddejja tad-dispożizzjonijiet legali.
żieda fil-kapaċità tas-SIS twettiq tal-proġett: 2027 (l-I-FSA fl-2028)	għadha għaddejja analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli.

²² TEF – Qafas tal-Inġinerija Trasversali, TOF – Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali.

²³ Ir-Regolament (UE) 2022/1190, ĠU L 185, 12.7.2022, p. 1.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin
It-tnejn għall-interoperabbiltà	
Objettiv ewleni:	
■ stabbiliment ta' konnessjonijiet mal-ETIAS, mal-VIS u mal-komponenti tal-interoperabbiltà: ESP, sBMS, MID, CRRS.	
Konnessjoni tas-SIS mal-ETIAS twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida tat-twassil: 2026 (l-FSA fl-2027)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ■ tlestija tad-disinn u l-bini, inklużi d-disinn u d-dokumenti tas-sigurtà, ■ tlestija tal-ittestjar funzjonali.
konnessjoni tas-SIS mal-VIS twettiq tal-proġett: 2027 (l-FSA fl-2028)	għadha għaddejja ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli.
konnessjoni tas-SIS mal-komponenti tal-interoperabbiltà twettiq tal-proġett: 2027 (l-FSA inkluża)	għadha għaddejja ■ tlestija ta' disinn ta' livell għoli, ■ iffinalizzar tal-analiżi tar-rekwiżiti, inklużi r-rekwiżiti tar-Regolament dwar l-Iskrinjar.

PRÜM II

SKAMBJU AWTOMATIZZAT TA' DATA GĦALL-KOOPERAZZJONI TAL-PULIZJA

fil-fażi ta' żvilupp

Ir-router il-ġdid se jimmodernizza l-iskambju ta' informazzjoni u jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej tal-infurzar tal-liġi biex jipprevjenu, jidentifikaw u jinvestigaw reati kriminali u terroristiċi transfruntiera. L-istabbiliment ta' konnessjoni unika ġdida bejn il-bażijiet tad-data nazzjonali u l-Europol se jippermetti skambju awtomatizzat u aktar sistematiku tad-data, filwaqt li jespandi wkoll id-data disponibbli mid-DNA, il-marki tas-swaba', u r-reġistrazzjoni tal-vetturi għall-immaġnijiet tal-wiċċ u r-rekords tal-pulizija.²⁴

Punti ewlenin

Disinn kunċettwali u stejjer tal-utenti ġew iffinalizzati

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Sors: FLS u rapporti tal-proġetti ta' kull xahar



L-ebda baġit

KOST TAL-PROĠETT

MHUX APPLIKABBLI



L-ebda devjazzjoni

SKEDA TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA

Implimentazzjoni

F'April, l-eu-LISA bdiet tiddefinixxi r-rekwiżiti għal mezz ta' komunikazzjoni uniku sigur u affidabbli b'funzjonalitajiet addizzjonali u konnessjoni mal-arkitettura tal-interoperabbiltà.²⁵ Fl-2024, l-Aġenzija ffinalizzat id-disinn kunċettwali tar-router il-ġdid, u pprovdiet arkitettura ta' livell għoli tal-elementi kostitwenti u l-komunikazzjoni tagħha. B'mod parallel, l-eu-LISA appoġġat lill-Kummissjoni billi pprovdiet kontribut tekniku għar-rekwiżiti bijometriċi, l-arkitettura teknika u tas-sigurtà tar-router.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/982 (Prüm II). Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur il-paġna ddedikata tad-DĠ HOME dwar il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi tal-UE.

²⁵ L-iżvilupp ma bediex minħabba l-maturità insuffiċjenti tal-abbozz tal-valutazzjonijiet tal-impatt.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Implimentazzjoni

Objettivi ewlenin:

- żvilupp tar-router ċentrali ta' Prüm II.

Implimentazzjoni tar-router ċentrali ta' Prüm II

twettiq tal-proġett: 2027 (inklużi I-I-FSA inkluża)

għadu għaddej

- disinn ta' livell għoli u l-analiżi tar-rekwiżiti li għaddejjin bħalissa,
- kontribut għat-tħejjija ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

API

INFORMAZZJONI BIL-QUDDIEM DWAR IL-PASSIĠĠIERI

Ir-router tal-API-PNR se jstabbilixxi konnessjoni diretta bejn it-trasportaturi tal-ajru u l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri biex jiffaċilita l-identifikazzjoni u l-approvazzjoni tal-vjaġġaturi matul il-proċess ta' qsim tal-fruntieri billi jiġbor u jittrasferixxi data tal-vjaġġaturi u informazzjoni dwar it-titjiriet mit-trasportaturi tal-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali qabel il-wasla.²⁶ Ladarba jkun operattiv, ir-router il-ġdid se jikkontribwixxi għat-titjib tal-konformità tat-trasportaturi mal-obbligu li tiġi kkomunikata d-data rilevanti, filwaqt li jitnaqqas ukoll ir-riskju ta' żbalji u abbuż, u b'hekk jiġi evitat it-theddid għas-sigurtà interna u jiġi appoġġat rispons aktar effiċjenti għall-immigrazzjoni illegali.

FI-2024, l-eu-LISA appoġġat lill-Kummissjoni matul laqgħat preliminari mal-industrija u mal-Istati Membri.

²⁶ Ir-Regolamenti (UE) 2025/12 u 2025/13, ĠU L, 08.01.2025.

1.2. IS-SIGURTÀ, IL-FRONTIERI U L-VIŻA

VIS

SISTEMA TA' INFORMAZZJONI DWAR IL-VIŻA

fis-seħħ

Bħala wieħed mill-elementi ewlenin tal-arkitettura ta' Schengen, il-VIS tappoġġa l-politika komuni tal-UE dwar il-viża billi tassisti lill-awtoritajiet Ewropej tal-viża fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża u fil-ġestjoni tal-viżi għal soġġorn qasir għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jivvjaġġaw lejn iż-Żona Schengen jew li jgħaddu minnha. Bil-funzjonalità tat-tiftix bijometriku tagħha, li tippermetti l-identifikazzjoni fil-fruntieri, din tgħin fil-ġlieda kontra l-frodi tal-viża billi tidentifika persuni li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għad-dħul jew għas-soġġorn fiż-Żona Schengen.²⁷

Punti ewlenin

L-aċċess sħiħ tal-Bulgarija u tar-Rumanija għall-VIS permess f'April

Il-VIS għall-EES wasslet b'suċċess il-funzjonalitajiet kollha meħtieġa

Prova b'suċċess għall-migrazzjoni ta' data bijometrika ta' BMS għal sBMS

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Sors: FLS u rapporti ta' kull xahar dwar is-servizz



99.92 %

DISPONIBILTÀ

PARZJALMENT SKONT IL-MIRA



99.89

FIN TA' RISPONS

PARZJALMENT SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

L-Aġenzija żgurat it-tħaddim effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tal-VIS u s-sistema ta' tqabbil bijometriku (BMS) tagħha, billi pprovdiet lill-utenti finali tas-sistema (jiġifieri, l-awtoritajiet nazzjonali u l-Europoli) b'disponibbiltà u kontinwità mingħajr interruzzjoni, kif ukoll appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja.

Il-prestazzjoni tal-VIS baqgħet fi hdn il-miri meħtieġa fil-livell tas-servizz, b'disponibbiltà ta' 99.92 % u fin ta' rispons ta' 99.89 % mingħajr ebda inċident kritiku.

F'April, l-eu-LISA ppermettiet aċċess sħiħ għall-VIS għall-Bulgarija u r-Rumanija, billi neħħiet il-kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni tal-ajru u tal-baħar (li għadhom mhumieq għall-fruntieri tal-art), u b'hekk uriet l-adeżjoni parzjali tagħhom maż-Żona Schengen.

Użu tas-sistema: data maħżuna u operazzjonijiet²⁸



46 miljun

APPLIKAZZJONIJET GĦAL VIŻA MAĤŻUNA

-9.8 % vs I-2023

42 miljun SETTIJET TA' MARKI TAS-SWABA (-10.3 %)

46 miljun IMMAĠNIJET TAL-WIĊĊ (-10.2 %)



259

OPERAZZJONIJET ĠENERALI

+22.8 % vs I-2023

12-il miljun APPLIKAZZJONIJET GĦAL VIŻA MAĤLUQA (+20 %)

32 miljun TFIITXIJET ALFANUMERIĊI (+48 %)

7.6 miljuni TFIITXIJET BIJOMETRIĊI (+8.57 %)

7 miljuni AWTENTIKAZZJONIJET BIJOMETRIĊI (+16.7 %)

Aġġornamenti u evoluzzjonijiet

Ir-Regolament Rivedut tal-VIS jintroduċi funzjonalitajiet ġodda – b'mod partikolari, l-integrazzjoni ta' viżi għal soġġorn fit-tul u permessi ta' residenza – immirati lejn it-titjib tal-kontrolli tas-sigurtà tal-applikanti għal viża.²⁹ Dan jirrikjedi aġġornament sinifikanti tas-sistema ċentrali u tfassil mill-ġdid tal-proċessi tan-negozju. Minkejja

²⁷ Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/602/KE, ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 u r-Regolamenti (UE) Nru 2021/1133, u 2021/1134.

²⁸ Skont il-politika ta' żamma: l-applikazzjonijiet (inklużi l-marki tas-swaba/l-immaġnijiet tal-wiċċ) jiġihassru awtomatikament wara 5 snin. FI-2024, id-data maħżuna fl-2019 tħassret.

²⁹ Ir-Regolament (UE) 2021/1134 tas-7 ta' Lulju 2021 għall-fini tar-riforma tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, ĠU L 248, 13.07.2021.

r-reqwiżiti tekniċi kumplessi u l-leġiżlazzjoni sekondarja kontinwa, matul l-2024, l-eu-LISA għamlet progress bl-aġġornament tal-arkitettura ġenerali u l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa għal dawn il-funzjonalitajiet ġodda.

It-tnejn għall-interoperabbiltà

FI-2024, l-Aġenzija kompliet tiffoka fuq l-iżvilupp ta' interfaċċi meħtieġa għall-iżgurar tat-tnejn għall-interoperabbiltà tal-VIS b'enfasi partikolari fuq il-konnessjoni mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES). Il-kanal ta' komunikazzjoni diretta mal-EES biex tiġi rkuprata data relatata mal-viża mill-VIS (verifika tal-identità u validità tal-viża) ġie stabbilit fuq in-naħa tal-VIS. FI-2024, l-eu-LISA pprovdiet ambjenti ta' ttestjar għall-Istati Membri biex tiffaċilita l-iżvilupp nazzjonali u appoġġathom mal-ittestjar tal-konformità tagħhom biex jissodisfaw ir-reqwiżiti.

Pass importanti fil-kisba tal-interoperabbiltà tal-VIS kien il-migrazzjoni tad-data dwar il-marki tas-swaba' (46 miljun fajl) mill-BMS għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS) sa Ġunju. L-Aġenzija laħqet stadju kritiku billi użat data bijometrika reali tal-VIS biex tappoġġa l-kejl tal-preċiżjoni tal-sBMS fid-dawl tal-EES futura.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett **Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar**

Tmexxija operattiva

Obiettivi ewlenin:

- tħaddim effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tal-VIS (inkluża l-BMS) u l-appoġġ għall-utenti finali,
- disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-VIS (inkluża l-BMS).

Manutenzjoni tal-VIS

żamma tal-istatus quo

Imwassal

- manutenzjoni effettiva u kontinwa,
- thejġijiet tekniċi biex ikun jista' jkun hemm aċċess sħiħ għall-Bulgarija u r-Rumanija.

Aġġornamenti u evoluzzjoni

Obiettivi ewlenin:

- twestiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa, jiġifieri, l-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet addizzjonali mill-VIS Riveduta,
- tnedija tat-tnejn għall-iżvilupp tal-pjattaforma tal-UE għall-applikazzjoni għal viża (VAP tal-UE).

Dekummissjonar tas-sistema ta' legat tal-VIS

twettiq tal-proġett: 2025
data ġdida tat-twassil: 2028

Posposta – minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-Interoperabbiltà

- il-VIS attwali għandha tinżamm sad-dħul fl-operat tal-VIS Riveduta.

Implimentazzjoni tal-VIS riveduta

twettiq tal-proġett: 2027
data ġdida ta' twassil 2027 (l-FSA fl-2028)

għadha għaddeja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali għall-Interoperabbiltà

- analiżi tar-reqwiżiti u disinn ta' livell għoli, inkluż l-aġġornament tad-dokumenti tad-disinn għar-Regolament dwar l-Iskrinjar (kontroll tal-interfaċċa u speċifikazzjoni teknika dettaljata),
- appoġġ lill-Kummissjoni fil-finalizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

Implimentazzjoni tal-VAP tal-UE

twettiq tal-proġett: 2027
data ġdida ta' twassil 2028 (l-FSA fl-2029)

għadu għaddej – id-data tal-preżentazzjoni aġġornata minħabba t-talba tal-Kummissjoni għal prijoritizzazzjoni mill-ġdid

- appoġġ lill-Kummissjoni fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

It-tnejn għall-interoperabbiltà

Obiettivi ewlenin:

- stabbiliment tal-konnessjonijiet mal-EES, mal-ETIAS u mal-komponenti tal-interoperabbiltà: ESP, CIR, MID.

Konnessjoni tal-VIS mal-EES

twettiq tal-proġett: 2027
data ġdida ta' twassil 2025 (l-FSA fl-2025)

għadha għaddeja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali għall-Interoperabbiltà

- konklużjoni tal-ittestjar tal-konformità tal-Istati Membri,
- migrazzjoni kontinwa tal-funzjonalità tat-tiftix bijometriku tal-VIS għas-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS) bi provi tal-esportazzjoni u tal-migrazzjoni tad-data,
- Il-VIS-EES lesta biex tibda topera min-naħa tal-VIS.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Konnessjoni tal-VIS mal-ETIAS u l-komponenti tal-interoperabbiltà twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida ta' twassil 2026 (għall-ETIAS, mal-FSA fl-2027); 2027 (għall-komponenti tal-Interoperabbiltà, mal-FSA fl-2028)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali għall-Interoperabbiltà ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli.

EES

SISTEMA TA' DĦUL/ĦRUĠ

fil-fażi ta' żvilupp

L-EES hija waħda mis-sistemi l-ġodda tal-IT li għandhom l-għan li jimmodernizzaw il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-UE billi jissostitwixxu l-ittimbrar manwali tal-passaporti b'kontrolli awtomatizzati fil-fruntieri. Is-sistema se tippermetti r-reġistrazzjoni elettronika ta' ċittadini mhux tal-UE li jaqsmu l-fruntieri esterni taż-żona Schengen għal soġġorn qasir u r-reġistrazzjoni ta' rifjuti ta' dħul. Bħala tali, dan se jiffaċilita l-monitoraġġ ta' soġġorni awtorizzati u l-identifikazzjoni ta' persuni li jibqgħu fit-territorju wara l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni għas-soġġorn, filwaqt li jsaħħaħ is-sigurtà taż-żona Schengen u jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari. L-awtomatizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri se tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-flussi dejjem jiżdiedu tal-vjaġġaturi, fit-tħaffif tal-qsim tal-fruntieri, filwaqt li jiġu ottimizzati wkoll il-proċeduri fil-punti ta' qsim.³⁰

Punti ewlenin

Il-funzjonalitajiet bażi tal-EES
imwassla lill-Istati Membri u lill-Europol

Is-servizzi web tal-EES
imwettqa b'suċċess

It-twassil għall-ewwel darba ta' applikazzjoni bbażata fuq l-internet u applikazzjoni mobbli

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni³¹



L-ebda devjazzjoni

KOST TAL-PROĠETT


SKONT IL-MIRA



Devjazzjoni ta'

SKEDA TAL-PROĠETT

MHUX SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA

Implimentazzjoni

Matul l-2024, l-Aġenzija ffukat b'mod attiv fuq il-kisba tal-istat ta' thejġija teknika tal-EES. Fl-aħħar ta' Jannar, l-eu-LISA laħqet stadju importanti fl-iżvilupp tas-sistema billi wasslet l-EES bil-funzjonalitajiet kollha. Ir-riżultati tal-ittestjar sussegwenti tal-Istati Membri u tal-Europol ikkonfermaw il-kwalità tajba tad-disinn tas-sistema mwettaq. Għalkemm l-istat ta' thejġija teknika tas-sistema ntlaħaq, l-Aġenzija kompliet bl-ittestjar biex tilħaq il-miri tal-kwalità relatati mar-reżiljenza, li pprevenew xi Stati Membri milli jiddikjaraw l-istat ta' thejġija tagħhom.

Id-dħul fl-operat tal-EES ġie ttardjat minħabba tħassib dwar ir-reżiljenza tas-sistema ewlenija, jiġifieri l-kapaċità ta' rkupru mill-interruzzjonijiet. F'Diċembru 2024, il-Kummissjoni pproponiet li tintroduċi bidu progressiv tal-EES, li jibda minn Ottubru 2025, li jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu s-sistema b'mod progressiv fil-fruntieri esterni tagħhom fuq perjodu ta' tranżizzjoni ta' sitt xhur.³²

Bħala pass sinifikanti lejn id-dħul fl-operat, f'Ottubru l-eu-LISA wettqet eżerċizzju ta' prova biex tivvaluta l-proċessi tan-negozju minn tarf sa tarf u l-interazzjoni mas-sistemi nazzjonali. Is-simulazzjoni tas-sekwenza

³⁰ Ir-Regolament (UE) 2017/2225 u 2017/2226, ĠU L 327, 09.12.2017.

³¹ Meta mqabbel mal-pjan direzzjonali għall-Interoperabbiltà fil-31 ta' Diċembru 2024. Dwar il-kost tal-proġett: kif spjegat fir-rapporti ta' progress biannwali, il-kostijiet għall-iżvilupp ewleni tal-EES baqgħu fil-pakkett definit mil-LFS inizjali u mill-QFP 2021–2027.

³² Skont l-iskeda ta' żmien riveduta approvata mill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fil-5 ta' Marzu 2025.

shifha tal-attivitajiet ta' dhum fl-operat, ippermettiet lill-Aġenzija u lill-utenti finali jtejbu t-tħejjija u jindirizzaw il-lakuni identifikati b'mod effettiv.

Tħejjija għall-interoperabbiltà

L-Aġenzija ffukat fuq l-implimentazzjoni tal-interfaċċi meħtieġa biex tiġi żgurata t-tħejjija għall-interoperabbiltà tal-EES, b'enfasi partikolari fuq il-konnessjoni mal-VIS għall-irkupru awtomatizzat ta' data relatata mal-viża biex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri. FI-2024, l-eu-LISA kompliet tittestja l-funzjonijiet ġenerali tas-sistema bejn l-EES, il-VIS u l-sBMS. Barra minn hekk, tlesta l-kejl tal-preċiżjoni bijometrika tal-sBMS għall-EES, b'riżultati pożittivi li jikkonfermaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità.

Servizzi tal-web tal-EES/ETIAS

Sabiex jiġi żgurat l-ipproċessar issimplifikat ta' vjaġġaturi li jaslu, l-EES u l-ETIAS se jipprovdu servizzi web kondiviżi għat-trasportaturi tal-passiġġieri (linji tal-ajru, marittimi u bit-triq) u għall-vjaġġaturi, li jippermettulhom jivverifikaw il-validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar qabel it-tluġh abbord. FI-2024, l-Aġenzija ppreżentat l-applikazzjonijiet kollha tas-servizzi web tal-EES, inklużi interfaċċi tal-web iddedikati u applikazzjonijiet mobbli għall-vjaġġaturi u għat-trasportaturi. Dawn il-kisbiet jimmarkaw stadji importanti sinifikanti għall-eu-LISA: il-portal web tat-trasportaturi u s-software tal-interfaċċa minn sistema għall-oħra huma l-ewwel applikazzjonijiet ibbażati fuq l-internet u l-applikazzjoni mobbli tal-eu-LISA żviluppata internament. B'mod parallel, l-Aġenzija ffinalizzat ukoll ir-rekwiżiti għall-għodod online għall-onboarding u l-appoġġ tat-trasportaturi – soluzzjoni skalabbli biex tirreġistra, abbord, tirrapporta l-kwistjonijiet u tfittex assistenza meta tuża l-EES, flimkien ma' chatbot b'kapaċitajiet ta' traduzzjoni għall-paġna web u l-applikazzjoni mobbli.

Matul is-sena, l-Aġenzija kompliet bl-onboarding tat-trasportaturi rreġistrati biex tqabbad is-sistemi tagħhom mal-EES. Sal-aħħar tas-sena, 97 % tal-komunità tat-trasportaturi, kienu lestew l-ittestjar u huma lesti għall-operazzjonijiet.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Tmexxija operattiva	
Objettivi ewlenin:	
■ servizzi u appoġġ mingħajr interruzzjoni (l-ebda interruzzjoni minħabba nuqqas ta' liċenzja u appoġġ validi).	
hardware tal-EES, appoġġ għall-COTS u manutenzjoni tal-liċenzja żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ tiġdid f'waqtu tal-liċenzji u appoġġ tal-EES, u konfigurazzjoni ta' hardware u software kummerċjalment disponibbli (COTS) għall-EES, il-VIS u l-BMS.
Hardware tas-Servizzi tal-web, appoġġ tal-COTS, manutenzjoni tal-liċenzji żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ tiġdid f'waqtu tal-liċenzji u l-appoġġ tal-EES, u konfigurazzjoni ta' hardware u software kummerċjalment disponibbli (COTS) għall-EES, il-VIS u l-BMS.
Implimentazzjoni	
Objettivi ewlenin:	
■ iffinalizzar tal-implimentazzjoni tas-servizzi tal-EES u tal-web.	
Implimentazzjoni tal-EES twettiq tal-proġett: 2024 (twassil), 2025 (l-FSA inkluża) data ġdida ta' twassil 2025 (perjodu ta' tranżizzjoni progressiv ta' sitt xhur, l-FSA fl-2026)	għadha għaddeja – imdewma minħabba n-nuqqas ta' tħejjija tar-reżiljenza tas-sistema u minħabba d-dewmien fil-livell nazzjonali ■ twassil tal-funzjonalitajiet tal-linja bażi kollha tal-EES għall-Istati Membri u għall-Europol, inklużi l-evoluzzjonijiet tal-VIS u l-sBMS, l-eżerċizzju ta' kejl tal-preċiżjoni, ■ forniment ta' ambjenti ta' ttestjar stabbli, testijiet ta' konformità kkompletati mill-Europol u 28/29 Stat Membru, ittestjar tan-negozju li għadhom għaddejjin sad-dhum fl-operat, ■ tranżizzjoni kontinwa għat-tħaddim: prova għad-dhum fis-seħħ, konfigurazzjoni ta' għodod u kanali ta' komunikazzjoni mal-Istati Membri.
Implimentazzjoni tas-servizzi web twettiq tal-proġett: 2025 (l-FSA inkluża) data ġdida ta' twassil 2026 (inklużi l-I-FSA inkluża)	għadha għaddeja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-IO ■ twassil tal-applikazzjonijiet kollha tas-servizzi tal-web (interfaċċa minn sistema għall-oħra, portal web, paġna web, applikazzjoni), għodda online ta' onboarding u ta' appoġġ, ■ konfigurazzjoni ta' ċentru ta' operazzjonijiet ta' sigurtà u ta' servizz ta' appoġġ għall-ittestjar tat-trasportaturi, ■ reġistrazzjoni/onboarding kontinwi tat-trasportaturi, inklużi laqgħat regolari tal-partijiet ikkonċernati.

Tranżizzjoni tas-Servizzi Web għat-tħaddim twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida tat-twassil: 2026	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-IO ■ għadu għaddej, inkluż l-għoti ta' taħriġ lill-maniġment operattiv.
It-tnejn għall-interoperabbiltà	
Objettivi ewlenin: ■ l-iżballiment tal-konnessjonijiet mal-VIS, mal-ETIAS, u mal-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, sBMS, MID, CRRS).	
Konnessjoni tal-EES mal-ETIAS twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida ta' twassil 2026 (l-FSA fl-2027)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-IO ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli.
Konnessjoni tal-EES mal-komponenti tal-interoperabbiltà twettiq tal-proġett: 2026 (EiO), l-FSA fl-2027 data ġdida ta' twassil 2027 (l-FSA fl-2027–2028)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-IO ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli, ■ valutazzjoni tal-impatt fuq il-kwalità ta' marki latenti u tal-pali tal-idejn, li tindirizza l-operazzjonijiet kollha għall-EES, il-VIS, l-ECRIS-TCN u s-SIS, ■ ħidma fuq il-funzjonalità tar-rapportar awtonomu biex tkopri l-ewwel perjodu ta' operazzjoni qabel l-integrazzjoni mas-CRRS, il-valutazzjoni tal-impatt għall-komponenti tas-CRRS.

ETIAS

SISTEMA EWROPEA TA' INFORMAZZJONI U TA' AWTORIZZAZZJONI GĦALL-IVVJAĠĠAR

fil-fażi ta' żvilupp

Filwaqt li tikkomplementa s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ, l-ETIAS se tintroduċi awtorizzazzjoni online ta' qabel l-ivvjaġġar għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-viża li jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen għal soġġorn qasir. Minbarra l-iffaċilitar tal-proċeduri tal-qsim tal-fruntieri għall-vjaġġaturi leġittimi, din is-sistema ta' skrinjar ta' qabel l-ivvjaġġar se tippermetti l-identifikazzjoni bil-quddiem ta' riskji potenzjali għas-sigurtà, għall-migrazzjoni jew għas-saħħa pubblika li jistgħu jagħtu raġunijiet għaċ-ċaħda tad-dħul għal 30 pajjiż Ewropew. L-awtorizzazzjonijiet għall-ivvjaġġar tal-ETIAS se jiġu vverifikati mit-trasportaturi qabel it-it-tluġh abbord kif ukoll mill-gwardji tal-fruntiera fil-fruntiera esterna. Barra minn hekk, l-ETIAS u l-EES se jipprovdu servizzi web konġunti għat-trasportaturi u għall-vjaġġaturi.³³

Punti ewlenin

Speċifikazzjonijiet tas-software tal-ETIAS u mudelli tal-interfaċċa tal-utent imwassla

Simulatur tas-sistema ċentrali tal-ETIAS flimkien ma' simulatur tal-ESP mfassal apposta

Il-mistoqsijiet tas-software tal-ETIAS u tal-ESP aċċess għall-ewwel darba għall-utenti finali

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni³⁴



L-ebda devjazzjoni
KOST TAL-PROĠETT
 SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni
SKEDA TAL-PROĠETT
 SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni
KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT
 SKONT IL-MIRA

Implimentazzjoni

Matul l-2024, l-eu-LISA ħadmet biex tlesti d-disinn tas-sistema ċentrali tal-ETIAS, minkejja d-dipendenzi mal-komponenti kondiviżi tal-EES (jiġifieri s-servizzi web) u l-ispeċifikazzjonijiet tal-interoperabbiltà. Minbarra li wasslet is-simulatur tas-sistema ċentrali aġġornat flimkien mas-simulatur imfassal apposta tal-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), l-Aġenzija tat ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tas-software u l-mudelli tal-interfaċċa tal-

³³ Ir-Regolamenti (UE) 2018/1240, u 2018/1241, ĠU L 236, 19.09.2018.

³⁴ Meta mqabbel mal-pjan direzzjonali għall-Interoperabbiltà fil-31 ta' Diċembru 2024.

utent aġġornati, biex tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejn u l-ittestjar tas-sistemi nazzjonali tagħhom, flimkien mal-Frontex u l-Europol.

B'mod parallel, l-eu-LISA kompliet l-iżvilupp ta' sistema iterattiva. Sabiex tneji għall-ittestjar li jmiss, l-Aġenzija nediet **il-proġett pilota dwar il-konnessjoni tal-interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI)** mal-lżvezja biex tissimplifika l-konnessjonijiet bejn l-utenti finali u s-sistema ċentrali tal-ETIAS. Barra minn hekk, l-Aġenzija pprovdiet ukoll **aċċess lill-utenti finali għas-software tal-ETIAS u l-mistoqsijiet tal-ESP**, appoġġat minn simulatur biex joħolqu data sintetika (simili għall-kundizzjonijiet tad-dinja reali) għall-ittestjar tan-negozju minn tarf sa tarf tagħhom.

Fir-rigward tas-servizzi web, il-komponenti huma implimentati bħala parti mill-iżvilupp ipplanat tas-servizz web tal-EES u se jerġgħu jintużaw mill-ETIAS, peress li se jservu kemm lill-EES kif ukoll lill-ETIAS.

Progress għal kull kompitu u proġett	
Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Tmexxija operattiva	
Objettivi ewlenin:	
■ kontinwità tas-servizzi ta' inġinerija u operattiva tal-ETIAS esternalizzati mwassla minn kuntratturi ġodda.	
Trasferiment tal-ETIAS lit-TOF twettiq tal-proġett: 2025	Posposta ■ l-attività se tibda fl-2025.
Implimentazzjoni	
Objettivi ewlenin:	
■ implimentazzjoni tal-ETIAS u finalizzazzjoni tal-implimentazzjoni tas-servizzi web.	
Implimentazzjoni tal-ETIAS twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida ta' twassil 2026 (l-FSA fl-2027)	għadha għaddejjja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba l-pjan direzzjonali rivedut dwar l-Interoperabbiltà ■ finalizzazzjoni tal-analiżi u d-disinn: l-aġġornament tad-disinn tad-dokumenti (jiġifieri, każijiet dwar l-użu tan-negozju, valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data, kontroll tal-interfaċċa), ir-rekwiżiti miġbura għall-għodda ta' onboarding u ta' appoġġ tat-trasportaturi u chatbot, ■ żvilupp tas-sistema ċentrali: simulatur aġġornat mogħti b'simulatur tal-ESP imfassal apposta, diversi mudelli tas-software, simulatur tal-komponent ta' orkestrazzjoni, u lista ta' sorveljanza, adattament tal-interfaċċi uniformi nazzjonali, preparazzjonijiet taż-żona tal-internet, ■ ittestjar kontinwu fil-livell ċentrali/nazzjonali (jiġifieri, il-konnettività u l-ittestjar tan-negozju), inkluża ż-żona ewlenija tal-ETIAS (l-integrazzjoni kontinwa, it-twassil u l-pipeline tal-iskjerament, ■ kollaborazzjoni mal-Frontex fuq il-mudell ta' appoġġ operattiv, u mal-Europol fuq il-konnessjoni tal-bażijiet tad-data, ■ appoġġ lill-Kummissjoni bil-finalizzazzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja: Emendi konsegwenzjali tal-ETIAS, il-VIS Riveduta, il-Eurodac il-ġdida, ir-Regolament dwar l-Iskrinjar.
It-tnejn għall-interoperabbiltà	
Objettivi ewlenin:	
■ stabbiliment tal-konnessjonijiet mal-VIS, mas-SIS, mal-EES u mal-komponenti tal-interoperabbiltà: ESP, MID, CRRS.	
Konnessjoni tal-ETIAS mal-VIS u mal-komponenti tal-Interoperabbiltà twettiq tal-proġett: 2026 data ġdida ta' twassil 2026 (l-FSA fl-2027)	għadha għaddejjja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba l-pjan direzzjonali rivedut dwar l-Interoperabbiltà ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli għall-konnessjoni mal-VIS, mas-SIS u mal-EES, u l-appoġġ għall-ġestjoni tal-konnessjonijiet tal-MID, ■ integrazzjoni tal-ittestjar mal-komponenti tal-interoperabbiltà: ESP, CIR, CRRS.

1.3. MIGRAZZJONI U AŻIL

Eurodac

IL-BAŻI TAD-DATA EWROPEA TAD-DATTILOSKOPIJA TAL-AŻIL

fis-seħħ

L-Eurodac hija l-bażi tad-data diġitali tal-marki tas-swaba' tal-UE, li tintuża biex jiġi stabbilit liema Stat Membru huwa responsabbli għall-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil. Is-sistema tassisti lill-Istati Membri biex jiddeterminaw jekk applikant ikunx talab l-ażil qabel f'pajjiż tal-UE billi tqabbel il-marki tas-swaba' ta' applikanti ġodda ma' dawk fil-bażi tad-data. L-Eurodac tintuża wkoll biex tidentifika l-persuni maqbuda minħabba qsim illegali tal-fruntieri u soġġorn illegali fiż-żona Schengen. L-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u l-Europol jistgħu jaċċessaw il-bażi tad-data f'kundizzjonijiet stretti għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni jew l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi jew reati kriminali serji.³⁵

Punti ewlenin

L-iżvilupp il-ġdid tal-Eurodac beda b'approċċ ġdid

L-ewwel sett ta' dokumentazzjoni tan-negozju u teknika pprovduta

Ċertifikati DubliNet mġedda

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni



99.91 %

DISPONIBBILTÀ

PARZJALMENT SKONT IL-MIRA



99.99 %

FIN TA' RISPONS

SKONT IL-MIRA

Użu tas-sistema: data maħżuna u operazzjonijiet³⁶



7.7 miljuni

SETTIJJET TA' DATA MAĦŻUNA
(SETTIJJET TAL-MARKI TAS-SWABA')

+4 vs l-2023

7.3 miljuni

APPLIKANTI GĦALL-AŻIL (+5 %)

0.4 miljuni

QSIM IRREGOLARI TAL-FRONTIERI (-10 %)



1.4 miljun

DATA TRAŻMESSA

-17 % vs l-2023

829 000

APPLIKANTI GĦALL-AŻIL (-17 %)

212 000

QSIM IRREGOLARI TAL-FRONTIERI (-29 %)

Tmexxija operattiva

L-Aġenzija żgurat it-tħaddim effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tal-Eurodac flimkien ma' DubliNet, billi pprovdiet lill-utenti finali tas-sistema (l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE) b'disponibbiltà u kontinwità mingħajr interruzzjoni, kif ukoll b'appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja.

Il-prestazzjoni tal-Eurodac baqgħet fi ħdan il-miri meħtieġa fil-livell tas-servizz, b'disponibbiltà ta' 99.91 % u fin ta' rispons ta' 99.99 %, ħlief għal żewġ inċidenti kritiċi fis-sistema ċentrali b'nuqqas totali ta' disponibbiltà ta' 4 sigħat u 18-il minuta.

³⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 u r-Regolamenti (UE) Nru 603/2013, u 604/2013, 2024/1356 u 2024/1358.

³⁶ Skont il-politika ta' żamma: 10 snin għall-applikazzjonijiet għall-ażil, 18-il xahar għall-qsim irregolari tal-fruntieri.

Implimentazzjoni

L-adozzjoni tar-regolament il-ġdid tal-Eurodac (u r-Regolamenti dwar l-Iskrinjar) f'Mejju 2024, skont il-Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, se tespandi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema, filwaqt li tittrasforma l-bażi tad-data eżistenti tal-marki tas-swaba' f'**bażi tad-data kompluta dwar l-ażil u l-migrazzjoni**.³⁷ Il-bidliet se jintroduċu data alfanumerika u bijometrija tal-wiċċ biex iħaffu u jtejbu l-proċess ta' applikazzjoni għall-ażil, filwaqt li jappoġġaw is-sistema tal-ażil u d-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati fiż-żona Schengen. L-integrazzjoni mal-arkitettura tal-interoperabbiltà se tippermetti tftixxijiet u kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi kollha tal-ĠAI.

Peress li **d-dħul fis-seħħ tal-Eurodac sat-12 ta' Ġunju 2026** huwa prekundizzjoni kritika għall-implimentazzjoni ta' elementi oħra tal-Patt, l-Aġenzija nediet minnufih l-implimentazzjoni tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2024, billi bdiet b'analiżi tar-rekwiżiti u tfassil ta' livell għoli, filwaqt li tat prijorità lill-funzjonalitajiet ewlenin. F'Diċembru, l-eu-LISA kisbet stadju importanti billi laħqet ftehim dwar ir-rekwiżiti kummerċjali u tekniċi ewlenin mal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u mal-Europol. Biex ittejjeb l-effiċjenza u tħaffef l-iżvilupp, l-Aġenzija bdiet pilotaġġ ta' mod ġdid ta' ħidma billi tikseb l-iżvilupp tal-IT minflok ma tiddependi biss fuq kuntratturi esterni, filwaqt li tiegħu vantaġġ ukoll minn proċess iterattiv u aġli, kif ukoll mill-kapaċitajiet ta' cloud għall-preproduzzjoni.

Aġġornamenti u evoluzzjoni

Matul l-2024, l-eu-LISA kompliet iżżomm l-Eurodac u pprovdiet **aġġornamenti kritiċi tas-sistema**, li kienu jinkludu l-aġġornament tat-tagħmir bijometriku, is-sistema ta' ġestjoni tal-bażi tad-data, il-mekkaniżmu ta' sinkronizzazzjoni bejn l-unità ċentrali fi Strażburgu u l-unità ċentrali ta' backup fl-Awstrija u ssostitwiet komponenti tal-hardware li jilħqu t-tmiem tal-appoġġ tal-bejjiegħ. L-Aġenzija **ġeddet ukoll iċ-ċertifikati DubliNet** biex tiżgura l-oġġla konformità mal-istandards tas-sigurtà, l-aħjar prattiki, u r-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS).

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Tmexxija operattiva	
Objettivi ewlenin:	
■ tħaddim effettiv u kontinwu tas-sistema ċentrali tal-Eurodac (inkluż DubliNet) u appoġġ għall-utenti finali, ■ disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema u l-prestazzjoni effiċjenti tas-sistema ċentrali tal-Eurodac (inkluż DubliNet).	
Manutenzjoni ta' Eurodac u DubliNet	Imwassla
żamma tal-istatus quo	■ manutenzjoni effettiva u kontinwa, inklużi tiġdid ta'ċertifikati DubliNet, ■ tranżizzjoni għal qafas trasversali tal-inġinerija u operattiv (TEF/TOF).
Aġġornamenti u evoluzzjoni	
Objettivi ewlenin:	
■ twettiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa: aġġornament ta' DubliNet, sostituzzjoni tal-hardware tal-Eurodac u aġġornament tas-software.	
Aġġornament ta' DubliNet wara r-Riformulazzjoni ta' Dublin	għadha għaddejja
twettiq tal-proġett: 2026 (inklużi l-I-FSA inkluża)	■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli.
Aġġornamenti tal-Eurodac	għadhom għaddejjin
twettiq tal-proġett: 2026	■ twassil ta' aġġornamenti minimi, inklużi hardware sostitwit u software aġġornat li jilħaq it-tmiem tal-appoġġ.
L-implimentazzjoni u t-tħejjija għall-interoperabbiltà	
Objettivi ewlenin:	
■ bidu tal-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid tal-Eurodac (u r-Regolamenti dwar l-Iskrinjar), inkluż l-istabbiliment ta' konnessjonijiet mal-VIS, l-ETIAS Riveduti, u l-komponenti tal-interoperabbiltà: CIR, CRRS.	
Ir-Riformulazzjoni tal-Eurodac u l-konnessjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà	għadha għaddejja
twettiq tal-proġett: EIO 2026, 2027 FSA ³⁸	■ analiżi tar-rekwiżiti konklużi, iffinalizzar tad-disinn ta' livell għoli, inklużi l-allinjament u l-prijoritizzazzjoni ta' funzjonalitajiet ewlenin u l-abbozzar ta' viżjoni arkitettonika ġdida,

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1358, ĠU L, 2024/1358 (22.5.2024). Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna ddedikata tad-DĠ HOME dwar il-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

³⁸ Id-dħul fis-seħħ se jseħħ f'żewġ fażijiet: l-ewwel pakkett ta' funzjonalitajiet se jitwettagħ f'Ġunju 2026 (inkluża l-konnessjoni mal-ESP, l-sBMS, is-CIR), u l-funzjonalitajiet li jifdal f'Diċembru 2026, jiġifieri, il-konnessjoni mal-VIS, l-ETIAS, l-MID, is-CRRS.

- valutazzjoni tal-impatt kontinwa għall-aħjar soluzzjoni għas-sistema ċentrali,
- appoġġ lill-Kummissjoni fil-finalizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni sekondarja.

1.4. KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA

ECRIS

SISTEMA EWROPEA TA' INFORMAZZJONI TA' REKORDS KRIMINALI

ECRIS RI fis-seħħ, ECRIS-TCN fl-iżvilupp

FI-UE, għandhom jiġu kkunsidrati kundanni preċedenti meta jiġu deċiżi s-sentenzi kriminali. L-informazzjoni dwar ir-rekords kriminali tiġi skambjata permezz tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS), sistema deċentralizzata li għaliha l-eu-LISA tipprovdi l-interfaċċa ta' implimentazzjoni ta' referenza (ECRIS RI) li tippermetti l-komunikazzjoni bejn ir-reġistri tar-rekords kriminali tal-Istati Membri tal-UE u tar-Renju Unit.³⁹

L-ECRIS-TCN, sistema ċentralizzata ġdida "hit/no-hit", se tissupplimenta l-ECRIS b'informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCN) u ta' persuni mingħajr Stat ikkundannati fl-UE. Flimkien, dawn is-sistemi se jgħinu lill-awtoritajiet ġudizzjarji jiksbu informazzjoni komprensiva dwar l-istorja kriminali tat-TCNs, irrispettivament mill-Istat Membru fejn kienu nstabu ħatja qabel, u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonossiment reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji madwar l-Ewropa.⁴⁰

Punti ewlenin

Rilaxx finali tas-simulatur tal-ECRIS-TCN mogħti lill-utenti finali

Żewġ rilaxxi tal-ECRIS-TCN, li jkopru l-biċċa l-kbira tal-funzjonalitajiet, imwettqa

L-iżvilupp tal-ECRIS-TCN beda bi prattiki tat-tip Agile

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni⁴¹



100 %

KONFORMITÀ MAL-FLS

SKONT IL-MIRA



Devjazzjoni <5 %

KOST TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA



Devjazzjoni <5 %

SKEDA TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONIAMBITU TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

L-Aġenzija żgurat it-tħaddim effettiv u kontinwu tal-ECRIS RI, billi pprovdiet lill-utenti finali tas-sistema (awtoritajiet ġudizzjarji) b'disponibbiltà u kontinwità mingħajr interruzzjoni, kif ukoll appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja. Il-prestazzjoni tal-ECRIS RI, inkluż l-immaniġġjar tal-biljetti, baqgħet fi hdn il-miri fil-livell tas-servizz.

Implimentazzjoni

L-Aġenzija għamlet progress konsiderevoli bl-implimentazzjoni iterattiva tal-ECRIS-TCN. Matul l-2024, l-eu-LISA wasslet lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE (il-Europol, il-Eurojust u l-UPPE) ir-rilaxx finali tas-**software tal-interfaċċa u tas-simulatur tas-sistema ċentrali** tal-ECRIS-TCN, li jkopri l-biċċa l-kbira tal-kamp ta'

³⁹ Il-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE bħalissa huma konnessi mal-ECRIS permezz tal-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS miżmuma mill-eu-LISA, filwaqt li erba' Stati Membri jużaw is-soluzzjonijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali (NI) tagħhom stess.

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2019/816 u r-Regolament (UE) 2024/1352.

⁴¹ Meta mqabbel mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà 2023 fil-31 ta' Diċembru 2024.

applikazzjoni u l-funzjonalitajiet ewlenin, u b'hekk iffaċilitat l-attivitajiet ta' żvilupp u pprovdiet linja bażi b'saħħitha għall-ittestjar.

Barra minn hekk, l-eu-LISA wasslet l-ewwel rilaxx tal-ECRIS-TCN li jkopri l-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema, inkluż approċċ arkitettoniku ġdid biex jittaffew id-dipendenzi fuq komponenti kondiviżi mal-EES. Abbażi ta' din l-ewwel ħaġġa, l-Aġenzija wriet ukoll il-funzjonament futur tas-sistema għall-Istati Membri u l-aġenziji tal-ġustizzja tal-UE billi bdiet l-ittestjar mal-Istati Membri. L-Aġenzija tat ukoll it-tieni rilaxx allinjat mal-aħħar verżjoni disponibbli tal-komponenti tal-interoperabbiltà: l-ESP, is-CIR, u s-CRRS.

It-tnejn għall-interoperabbiltà

Sabiex tippermetti sistemi oħra – b'mod partikolari l-ETIAS u l-VIS – iwettqu tfittxijiet tal-ECRIS fuq it-TCNs, l-eu-LISA kompliet tħejji t-tnejn għall-interoperabbiltà tal-ECRIS-TCN billi implimentat l-interfaċċi tal-interoperabbiltà meħtieġa, b'fokus partikolari fuq l-integrazzjoni mal-komponenti rilevanti: l-ESP, is-CIR (bl-sBMS) u s-CRRS.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Tmexxija operattiva	
Objettivi ewlenin: ■ tħaddim effettiv u kontinwu tal-ECRIS RI u appoġġ għall-utenti finali, ■ disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema u prestazzjoni effiċjenti tal-ECRIS RI.	
Manutenzjoni tal-ECRIS RI żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ manutenzjoni effettiva u kontinwa, inkluż appoġġ lill-Istati Membri, ■ trasferiment tal-manutenzjoni għall-qafas operattiv trasversali (TOF).
Manutenzjoni tal-ECRIS-TCN żamma tal-istatus quo	Posposta – minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-IO ■ l-attività tibia fl-2026 wara d-dħul fis-seħħ tal-ECRIS-TCN.
Implimentazzjoni	
Objettivi ewlenin: ■ implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN u stabbiliment ta' konnessjonijiet ma' komponenti tal-interoperabbiltà: l-sBMS, l-ESP, is-CIR u s-CRRS.	
Implimentazzjoni tal-ECRIS-TCN tweitiq tal-proġett: 2025 twassil ġdid 2026 (EiO, l-I-FSA inkluża)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-pjan direzzjonali tal-IO ■ twettaq ir-rilaxx finali tas-simulatur integrat u żewġ rilaxxi tas-sistema ECRIS-TCN, inkluż il-komponent ta' integrazzjoni tal-ECRIS RI, ■ disinn ta' livell għoli u l-assigurazzjoni tal-kwalità kontinwi, inkluż l-aġġornament tad-dokumenti tad-disinn u tas-sigurtà: id-dokument ta' kontroll tal-interfaċċa, il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data, ■ ittestjar kontinwu fil-livell ċentrali u nazzjonali, inkluż ittestjar tal-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà: l-ESP, is-CIR (bl-sBMS) u s-CRRS, ■ tfassil ta' mekkaniżmu u proċeduri għall-ġestjoni tal-kwalità tad-data, ■ appoġġ lill-Kummissjoni bl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni sekondarja li tinkludi emendi konsegwenzjali u Regolamenti dwar l-Iskrinjar.

Is-sistema e-CODEX hija soluzzjoni deċentralizzata u interoperabbli għall-iffaċilitar tal-komunikazzjoni elettronika sigura bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-professjonisti legali u ċ-ċittadini fi proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera f'materji ċivili u kriminali, filwaqt li tiżgura proċess ġudizzjarju aktar effiċjenti għaċ-ċittadini u n-negozji madwar l-Ewropa.⁴²

Punti ewlenin

Akkwiżizzjoni formali
tat-tmexxija operattiva
mill-eu-LISA

L-ewwel rilaxx
tal-Konnettur e-CODEX
ippubblikat għall-ittestjar
tal-Istati Membri

Aġġornament tal-kodiċi
tas-sors tal-ewwel soluzzjoni
diġitali bl-ingranaġġ
tal-iżvilupp intern

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Sors: SLR u rapporti trimestrali dwar l-inċidenti



99.91 %

DISPONIBBILTÀ

SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

Fit-3 ta' Ġunju 2024, l-eu-LISA laħqet stadju importanti bl-**akkwist formali tat-tmexxija operattiva** tas-sistema e-CODEX, li jimmarka pass sinifikanti lejn il-kontribut tal-Aġenzija għad-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-ġustizzja tal-UE, kif ukoll it-tmexxija għall-ewwel darba ta' soluzzjoni li tiffaċċja l-internet u ospitata mill-cloud.⁴³

Mill-akkwiżizzjoni, l-eu-LISA żgurat l-operat effettiv u kontinwu tas-sistema e-CODEX, filwaqt li pprovdiet lill-utenti finali tas-sistema (l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji tal-UE) b'disponibbiltà u kontinwità mingħajr interruzzjoni, kif ukoll appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja matul il-ħinijiet tax-xogħol.

Matul l-2024, il-prestazzjoni tal-komponenti tal-e-CODEX baqgħet fi hdn ir-rekwiżiti meħtieġa tal-livell ta' servizz, b'disponibbiltà ta' **99.91 %** mingħajr ebda inċident kritiku.

Bħala parti mit-tmexxija operattiva, l-Aġenzija kkontribwiet ukoll għall-iżvilupp tal-**istandards proċedurali diġitali** – speċifikazzjonijiet tekniċi għall-mudelli tal-proċessi tan-negozju u l-iskemi tad-data li jittraduċu l-istrumenti legali (eż. ordni ta' investigazzjoni Ewropea jew mandat ta' arrest) f'karatteristiċi diġitali tas-sistema.

Aġġornamenti u evoluzzjoni

Sabiex ittejjeb il-prestazzjoni futura tal-e-CODEX u tiżgura allinjament mal-istandards teknoloġiċi u tas-sigurtà, l-eu-LISA bdiet tirristruttura l-kodiċi ta' sors miftuħ li ntiret għal konnettur aktar stabbli u aġġornat. It-twassil tal-ewwel rilaxx ta' **kodiċi tas-sors aġġornat** fi żmien sitt xhur wara l-akkwiżizzjoni, immarka wkoll l-ewwel twassil ta' żvilupp sħiħ intern tas-software.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Tmexxija operattiva

Objettivi ewlenin:

- tħaddim effettiv u kontinwu tal-e-CODEX u appoġġ għall-utenti finali, inklużi l-istandards proċedurali diġitali,
- disponibbiltà mingħajr interruzzjoni tas-sistema u prestazzjoni effiċjenti tal-e-CODEX, inkluż ambjent ta' hosting sigur li jiffaċċja l-internet.

⁴² Ir-Regolament (UE) 2022/850, ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1-19. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit web *tal-e-CODEX dedikat tal-eu-LISA*.

⁴³ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1272 tas-7 ta' Mejju 2024 dwar id-dikjarazzjoni tat-tlestija tal-proċess ta' trasferiment u akkwizzizzjoni tas-sistema.

Manutenzjoni tal-e-CODEX

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- manutenzjoni effettiva u kontinwa minn Ġunju 2024 (manutenzjoni *interim* minn Marzu),
- konnettur tal-ittestjar tal-prestazzjoni kontinwu u evalwazzjoni tal-codebase,
- bini mill-ġdid u rifatturament tal-e-CODEX iffinalizzat mingħajr ebda funzjonalità ġdida.

Ġestjoni tal-istandards proċedurali diġitali tal-e-CODEX

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- finalizzazzjoni tal-proċedura ta' użu tal-e-CODEX għall-ħolqien ta' każijiet,
- analiżi tat-talbiet għall-ħolqien ta' standards proċedurali diġitali, inkluż l-għarfien espert tekniku,
- skema tad-data pprovduta għall-istandard proċedurali diġitali dwar 5 strumenti: il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar, l-Ordni Ewropea għall-Pagament, il-Mandat ta' Arrest Ewropew, l-Ordnijiet ta' Ffriżar u ta' Konfiska, l-Evidenza elettronika.

CP tas-SIK

PJATTAFORMA TA' KOLLABORAZZJONI TAL-ISKWADRI TA' INVESTIGAZZJONI KONĠUNTI

fil-fażi ta' żvilupp

Il-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK se ttejjeb l-effiċjenza u l-effettività tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet transfruntiera billi tipprovdi infrastruttura sigura ta' komunikazzjoni elettronika u ta' skambju ta' informazzjoni għall-awtoritajiet ġudizzjarji u tal-infurzar tal-liġi Ewropej, kif ukoll l-aġenziji rilevanti tal-UE: l-Europol, l-Eurojust, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).⁴⁴

Punti ewlenin

Beda l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK

Twasslu mudelli tal-pjattaforma b'karatteristiċi ċentrali

Sors: Rapport intern dwar il-proġett

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni



L-ebda devjazzjoni

KOST TAL-PROĠETT



L-ebda devjazzjoni

SKEDA TAL-PROĠETT



L-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT

Implimentazzjoni

F'Mejju 2024, wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjoni mal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp tal-pjattaforma,⁴⁵ l-eu-LISA nediet il-proġett immedjatament, billi bdiet bl-analiżi tar-rekwiżiti u t-tfassil ta' livell għoli tas-sistema ċentrali u l-applikazzjoni tal-komunikazzjoni tagħha. Sal-aħħar tas-sena, l-Aġenzija ppreżentat lill-Istati Membri diversi mudelli bħala viżwalizzazzjoni preliminari tal-karatteristiċi ċentrali u tal-interfaċċa tal-pjattaforma.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Implimentazzjoni

Objettivi ewlenin:

- implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) 2023/969, ĠU L 132, 17.5.2023. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur is-sit *dedikat tal-Kummissjoni dwar l-Iskwadri ta' Investigazzjoni Konġunta*.

⁴⁵ Il-Ftehim ta' Kontribuzzjoni tal-UE (JUST/2024/PR/CNECT/0031) bejn l-eu-LISA u d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST) tal-Kummissjoni Ewropea ġie ffirmat fis-17 ta' Mejju 2024.

Implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tas-SIK

twettiq tal-proġett: 2026
data ġdida ta' twassil 2025

għadha għaddejja – data ġdida tat-twassil għall-2025 skont ir-regolament adottat

- analiżi tar-rekwiżiti li għaddejja u disinn ta' livell għoli, inkluża l-esplorazzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi possibbli (sħarriġ tas-suq, demos analizzati ppreparati mill-bejjieġha fil-lista l-qasira) u l-istħarriġ tal-kapaċità mwettaq,
- appoġġ lill-Kummissjoni fil-finalizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja.

1.5. INTEROPERABILITÀ

sBMS

SERVIZZ KONDIVIŻ TA' TQABBIL BIJOMETRIKU

fil-fażi ta' żvilupp

Is-servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (sBMS) huwa wieħed mill-komponenti ċentrali tal-arkitettura l-ġdida tal-ĠAI tal-UE. Dan jaħżen mudelli bijometriċi ġġenerati mid-data maħżuna fis-SIS u r-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR). Ladarba tkun operattiva, l-sBMS se tiffaċilita l-mistoqsijiet dwar id-data bijometrika fis-sistemi rilevanti tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA, u b'hekk tagħmilha waħda mill-akbar sistemi bijometriċi fid-dinja.⁴⁶

Punti ewlenin

- Rilaxxi ġodda mwettqa li jkopru l-biċċa l-kbira tal-kamp ta' applikazzjoni funzjonali
- Proċess ta' migrazzjoni tad-data tal-VIS BMS validat u mibdi għall-migrazzjoni tad-data bijometrika storika tal-VIS għall-sBMS
- Tħejjija tal-operazzjonijiet bijometriċi tal-sBMS ikkonfermata mill-evalwazzjoni tal-preċiżjoni

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni⁴⁷



L-attività tibda fl-2025

KONFORMITÀ MAL-FLS

OĦRAJN



L-ebda devjazzjoni

KOST TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA



Devjazzjoni ta' 6 xhur

SKEDA TAL-PROĠETT

MHUX SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA

Implimentazzjoni

Fl-2024, l-eu-LISA ffukat fuq il-finalizzazzjoni tal-iżvilupp tal-sBMS. Għalkemm l-eu-LISA wasslet l-sBMS bil-biċċa l-kbira tal-kamp ta' applikazzjoni funzjonali tagħha (għall-VIS, l-EES u l-ECRIS-TCN) u kisbet tħejjija teknika f'Awwissu, id-dħul fis-seħħ u l-bidu sussegwenti tal-manutenzjoni operattiva, ġew ittardjati minħabba interdipendenza mal-EES (ara t-taqsimha tal-EES). L-sBMS se tibda topera, flimkien mal-VIS, f'Mejju 2025.⁴⁸ Sabiex jittejjeb l-istat ta' tħejjija tiegħu għad-dħul fis-seħħ, f'Ottubru twettaq eżerċizzju ta' prova (ara l-EES).

B'mod parallel, l-eu-LISA ffukat fuq il-migrazzjonijiet tad-data minn sistemi differenti tal-ĠAI biex tippermetti l-identifikazzjoni bejn id-dominji, b'enfasi partikolari fuq il-finalizzazzjoni tal-migrazzjoni tal-bażi tad-data tal-VIS BMS (46 miljun marka tas-swaba'). Sadanittant, fl-2024 intużat data bijometrika reali tal-VIS biex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tal-operazzjonijiet bijometriċi tal-sBMS fil-kuntest tal-EES. L-Aġenzija kejjlet il-preċiżjoni kontra r-rekwiżiti mir-regolament tal-EES kif ukoll mill-metriċi tal-NFIQ (marki tas-swaba') u tal-OFIQ (immaġni tal-wiċċ). Ir-riżultati wrew li l-preċiżjoni bijometrika tal-sBMS taqbeż l-aspettattivi, u l-livell limitu ta' tqabbil tagħha huwa adattat għall-iskop.

⁴⁶ Ir-Regolamenti (UE) 2019/817 u 2019/818, ĠU L 135, 22.05.2019, p. 27-135.

⁴⁷ Meta mqabbla mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà 2023 fil-31 ta' Diċembru 2024, il-bidu tal-operat tal-sBMS ġie pospost għall-2025.

⁴⁸ Skont il-Pjan Direzzjonali rivedut għall-Interoperabbiltà *approvat mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fil-5 ta' Marzu 2025*.

Portafoll tal-bijometrika

Matul l-2024, l-eu-LISA kompliet ittejjeb l-għarfien espert tagħha fil-ġestjoni tal-bijometrika u tal-identità biex iżżid il-kwalità ġenerali tas-soluzzjonijiet bijometriċi użati fis-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI u ttiprovdi appoġġ aħjar lill-partijiet ikkonċernati tagħha f'termini ta' għarfien espert tekniku dwar is-suġġett.

L-Aġenzija kkontribwiet b'mod attiv għall-ħidma tas-**sottokumitat tal-ISO dwar il-bijometrika**, b'fokus fuq l-iżvilupp u l-istandardizzazzjoni ta' standards bijometriċi. Flimkien maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni, l-Uffiċċju Federali Ġermaniż għas-Sigurtà tal-Infurmazzjoni (BSI) u Stati Membri oħra, l-eu-LISA ppromwoviet b'suċċess is-software **OFIQ** (Kwalità tal-Immaġni tal-Wiċċ ta' Sors Miftuħ) biex issir **I-istandard ta' referenza dinji għall-kwalità tal-immaġni tal-wiċċ**. Minn Lulju 2024, l-eu-LISA saret responsabbli għall-manutenzjoni tagħha, flimkien mal-BSI. Peress li r-rikonoxximent tal-wiċċ huwa karatteristika kritika tas-sistemi ġestiti mill-eu-LISA, l-approvazzjoni tal-istandard OFIQ bil-librerija ta' sors miftuħ tiegħu hija pass importanti mhux biss għall-Aġenzija, iżda wkoll għall-komunità bijometrika akbar, li tippermetti l-użu ta' algoritmu ta' sors miftuħ għall-kalkolu tal-kwalità tal-immaġni tal-wiċċ.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Tmexxija operattiva

Objettivi ewlenin:

- tħaddim effettiv u kontinwu tal-sBMS,
- titjib tal-għarfien espert fil-bijometrika u ġestjoni tal-identità (inkluż il-kontribut għas-sottokumitat tal-ISO dwar il-bijometrika) u forniment ta' għarfien espert ta' livell għoli dwar is-suġġett lill-partijiet ikkonċernati tal-eu-LISA.

Manutenzjoni tal-sBMS

żamma tal-istatus quo

Posposta

- L-implimentazzjoni tal-sBMS u l-bidu tal-manutenzjoni tal-sBMS ġew posposti minħabba l-interdipendenzi mal-EES, l-attività tibda fl-2025.

Portafoll tal-bijometrika

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- tfassil ta' livell għoli tal-għodda futura għall-kejl tal-preċiżjoni għal operazzjonijiet bijometriċi bejn is-sistemi u intrasistemi,
- studju fuq il-ġenerazzjoni ta' settijiet ta' data sintetiċi rappreżentattivi tal-marki tas-swaba' u tal-immaġni tal-wiċċ biex titnaqqas id-dipendenza fuq data bijometrika reali,
- kontribut għall-istandardizzazzjoni tal-preċiżjoni bijometrika u l-istandards ta' kwalità, inklużi s-sottokumitat bijometriku tal-ISO u l-kollaborazzjoni mal-komunità bijometrika.

Implimentazzjoni

Objettivi ewlenin:

- iffinalizzar tal-implimentazzjoni tal-sBMS, jiġifieri l-migrazzjoni tad-data għall-sBMS.

Implimentazzjoni tal-sBMS

twettiq tal-proġett: 2024

data ġdida ta' twassil 2025 (l-FSA inkluża)

għadha għaddejja – imdewma minħabba interdipendenza mal-EES

- **twassil tal-sBMS** bil-kamp ta' applikazzjoni funzjonali finali tagħha għall-VIS, l-EES u l-ECRIS-TCN,
- **tranżizzjoni kontinwa għat-tħaddim**: prova tad-dħul fit-tħaddim, inkluż l-ittestjar bl-EES u l-VIS, u l-migrazzjoni tad-data tal-VIS sad-dħul fis-seħħ,
- **kejl tal-preċiżjoni tal-EES konkluż** bl-użu ta' data bijometrika reali tal-VIS,
- **tħejjija kontinwa għall-ittestjar tal-integrazzjoni** bl-ECRIS-TCN, bis-CIR u bis-SIS, twettiq ta' ttestjar iżolat bl-ECRIS-TCN u bis-SIS,
- **analiżi kontinwa tal-impatt tal-MID**, inkluża l-preċiżjoni tal-operazzjonijiet bijometriċi.

It-tħejjija għall-interoperabbiltà

Objettivi ewlenin:

- żieda fil-kapaċità li jiġi ttrattat it-throughput tat-tranżazzjoni mill-EES, mill-Eurodac, mis-SIS u mill-MID il-ġodda,
- migrazzjoni tad-data eżistenti dwar il-marki tas-swaba' mill-Eurodac għall-sBMS.

żieda fil-kapaċità tal-sBMS

twettiq tal-proġett: 2026

għadhom għaddejjin

- rekwiżiti li għadhom għaddejjin u disinn ta' livell għoli.

sBMS għall-Eurodac

twettiq tal-proġett: 2027

data ġdida ta' twassil 2026 (l-FSA fl-2027)

għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata biex tiġi allinjata mar-regolament adottat

- analiżi kontinwa tar-rekwiżiti bijometriċi u t-tfassil ta' livell għoli.

Minbarra l-sBMS, l-arkitettura tal-interoperabbiltà tal-ĠAI tal-UE se tkun permessa bi tliet komponenti addizzjonali: Il-portal Ewropew tat-tfittxija (ESP), ir-repożitorju komuni ta' informazzjoni dwar l-identità (CIR), u d-detettur ta' identitajiet multipli (MID), ikkomplementat mis-sistema ċentrali għar-riżoluzzjoni tal-link safra (CSLR). L-eu-LISA qed tiżviluppa wkoll ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika (CRRS) biex tipprovdi data statistika bejn is-sistemi u rapportar analitiku dwar is-sistemi ta' informazzjoni kollha tal-ĠAI.⁴⁹

Punti ewlenin

Rilaxxi tal-ESP u tas-CIR li jappoġġaw l-ETIAS u l-ECRIS-TCN

Għodda ta' MID u ta' tranżizzjoni l-ewwel rilaxxi ewlenin imwettqa

Disinn ta' livell għoli iffinalizzat tas-sistema ċentrali għar-riżoluzzjoni tal-link safra (CSLR)

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni⁵⁰



L-ebda devjazzjoni

KOST TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni

SKEDA TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA



L-ebda devjazzjoni

KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT

SKONT IL-MIRA

Implimentazzjoni⁵¹

Minħabba d-dewmien bid-dħul fis-seħħ tal-EES, il-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP u CIR) u s-CRRS se jidhru fis-seħħ fl-2026, u s-CSLR fl-2027,⁵² filwaqt li d-dħul fl-operat tal-arkitettura kollha tal-interoperabbiltà tal-ĠAI se jitlesta fl-2027–2028.⁵³

Matul is-sena, l-eu-LISA kompliet timplimenta l-komponenti tal-interoperabbiltà, billi wettqet diversi rilaxxi tal-ESP u tas-CIR biex tappoġġa l-ħtiġijiet tal-ETIAS u tal-ECRIS-TCN, inkluż is-simulatur tal-ESP imfassal apposta għall-ETIAS. Barra minn hekk, l-Aġenzija wettqet l-ewwel rilaxxi kbar għall-għodda ta' tranżizzjoni tal-MID u tal-MID, applikazzjoni tal-web għall-verifika tad-data tal-identità f'każ ta' diskrepanzi bejn id-data bijometrika u alfanumerika matul il-kontrolli tal-identità qabel id-dħul formali fis-seħħ tal-MID.

Fl-2024, l-Aġenzija stabbiliet il-Grupp ta' Esperti dwar l-Ittestjar tal-Interoperabbiltà (TEG) biex issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-istrateġija tal-ittestjar u l-attivitajiet tal-ittestjar.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Implimentazzjoni

Objettivi ewlenin:

- implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà (ESP, CIR, MID) u CRRS,
- implimentazzjoni ta' soluzzjoni ċentralizzata għall-appoġġ tal-utenti finali bir-riżoluzzjoni ta' links MID sofor (CSRL).

Implimentazzjoni tal-ESP

twettiq tal-proġett: 2025

data ġdida ta' twassil 2026 (l-FSA inkluża)

għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà

- analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli,
- twassil ta' simulatur tas-sistema ċentrali tal-ESP,
- twassil ta' erba' rilaxxi li jappoġġaw l-ETIAS u l-ECRIS-TCN,
- ittestjar iżolat kontinwu għar-rilaxxi, u ttestjar tal-integrazzjoni bis-CIR, l-sBMS, l-ETIAS u l-ECRIS-TCN.

⁴⁹ Ir-Regolamenti (UE) 2019/817, u 2019/818, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27-135

⁵⁰ Meta mqabbla mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà 2023 fil-31 ta' Diċembru 2024.

⁵¹ L-arkitettura kollha tal-interoperabbiltà se tidhru fis-seħħ fl-2027–2028. Sabiex tipprevedi aktar flessibbiltà, l-eu-LISA se tippreżenta fit-tielet trimestru tal-2025 il-pjan ta' implimentazzjoni għall-2027-2028.

⁵² Skont l-iskeda ta' żmien riveduta *approvata mill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fil-5 ta' Marzu 2025*.

⁵³ Il-pjan direzzjonali għall-2027–2028 se jiġi rfinut aktar mill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fl-2025.

Implimentazzjoni tas-CIR twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida ta' twassil 2026 (I-FSA inkluża)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli, jiġifieri, l-aġġornament tad-dokumenti tad-disinn kif meħtieġ, ■ twassil ta' erba' rilaxxi li jappoġġaw l-ETIAS u l-ECRIS-TCN, ■ ittestjar iżolat kontinwu, ittestjar tal-integrazzjoni kontinwu b'ESP, sBMS, ETIAS, ECRIS-TCN.
Implimentazzjoni tal-MID twettiq tal-proġett: 2026 data ġdida ta' twassil 2028 (inklużi I-l-FSA inkluża)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ■ analiżi kontinwa tar-rekwiżiti u d-disinn ta' livell għoli, jiġifieri, l-aġġornament tad-dokumenti tad-disinn kif meħtieġ, ■ l-ewwel ħarġa ewlenija għall-MID, ■ twassil tal-ewwel rilaxx kbir għall-għodda ta' tranżizzjoni tal-MID (MTT).
Implimentazzjoni tas-CRRS twettiq tal-proġett: 2025 data ġdida ta' twassil 2026 (inklużi I-l-FSA inkluża)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata għar-reviżjoni dovuta tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ■ tlestija ta' disinn ta' livell għoli, analiżi kontinwa tar-rekwiżiti, jiġifieri, l-aġġornament tad-dokumenti tad-disinn kif meħtieġ, ■ żvilupp ta' żewġ rilaxxi li jappoġġaw l-ETIAS u l-ECRIS-TCN, ■ ittestjar iżolat u ta' integrazzjoni kontinwu bl-sBMS, l-ETIAS, l-ECRIS-TCN.
Implimentazzjoni tas-CSLR tal-Proġett twettiq tal-proġett: 2026 (il-bidu tat-tranżizzjoni tal-MID), 2027 (it-tmiem tat-tranżizzjoni tal-MID) data ġdida ta' twassil 2027 (bidu tat-tranżizzjoni tal-MID), 2028 (tmiem it-tranżizzjoni tal-MID)	għadha għaddejja – id-data tat-twassil aġġornata minħabba r-reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà ■ analiżi tar-rekwiżiti li għadhom għaddejjin (jiġifieri, valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data), disinn ta' livell għoli li tlesta, ■ konsolidazzjoni tar-repożitorju tar-rekwiżiti għall-partijiet ikkonċernati, ■ laqgħat li għaddejjin tal-Forum dwar il-Ġestjoni tal-Proġetti għar-rekwiżiti tal-irfinar.

1.6. INFRASTRUTTURA U NETWORKS

INFRASTRUTTURA U PJATTAFORMI

Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza operattiva, il-prestazzjoni u d-disponibbiltà għolja tal-infrastruttura li tospita s-sistemi tal-ĠAI tal-UE ġestiti mill-eu-LISA, l-Aġenzija tipprovdi infrastruttura komuni ċentralizzata (CSI) bħala servizz għall-applikazzjonijiet ewlenin kollha tan-negozju tal-eu-LISA, li tippermetti ġestjoni tal-infrastruttura aktar aġli, ottimizzata u kosteffettiva permezz ta' komponenti standardizzati kondiviżi tal-hardware u tas-software.

Sabiex tipprovdi s-servizzi tekniċi sottostanti meħtieġa għat-tmexxija tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira ġestiti mill-eu-LISA, l-Aġenzija tiġġestixxi żewġ pjattaformi ta' infrastruttura:

- **pjattaforma kondiviża komuni (CSP):** pjattaforma skalabbli, aġli u standardizzata fuq il-post, li toffri qafas effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u żvilupp u ġestjoni tal-infrastruttura operattiva ssimplifikati (pipeline ta' skjerament orjentat lejn id-DevOps), inkluża l-possibbiltà għal grad għoli ta' awtomatizzazzjoni (Infrastruttura bħala Kodiċi);⁵⁴
- **pjattaforma tal-cloud komprensiva (CCP):** pjattaforma tal-cloud skalabbli, aġli u sigura, ibbażata fuq l-Infrastruttura bħala Servizz (IaaS) u l-Pjattaforma bħala Servizz (PaaS), li toffri struttura aktar rapida u skalar aktar faċli tal-ambjenti ta' applikazzjoni peress li ma huwa meħtieġ l-ebda twassil ta' akkwist jew ta' hardware.⁵⁵

⁵⁴ Bħalissa, is-CSP tospita diversi sistemi iżgħar (eż. SIRENE Mail u VIS Mail) u s-sistemi l-ġodda kollha (eż. VIS għal EES, sBMS). Fil-futur se tospita s-sistemi kollha tal-ĠAI, flimkien mal-pjattaformi l-oħrajn kollha ġestiti mill-Aġenzija.

⁵⁵ Bħalissa, is-CCP tospita l-infrastruttura ta' komunikazzjoni e-CODEX u l-għodda ta' appoġġ għall-onboarding tat-trasportaturi (din tal-aħħar fl-ambjent tal-ittestjar).

Punti ewlenin

Infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-e-CODEX skjerata u mnedija fuq is-CCP

EES, sBMS u VIS għall-infrastruttura tal-EES lesti għad-dħul fl-operat

ETIAS, ECRIS-TCN, komponenti tal-Interoperabbiltà u CRRS skjerati fuq is-CSP

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni⁵⁶

Sors: SM9 u rapporti tal-KPI ta' kull xahar



100 % għal kull

FIN TA' RIKONOXXIMENT TAL-INĊIDENTI

SKONT IL-MIRA



100 % għal kull FLS

FIN GĦAR-RIŻOLUZZJONI TAL-INĊIDENTI

SKONT IL-MIRA



100 % għall-PRD
99.87 % għall-PPE/oħrajn

DISPONIBBILTÀ TAS-CSI

SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

Matul is-sena, l-Aġenzija pprovdiet infrastruttura u pjattaformi sottostanti disponibbli ħafna, filwaqt li żgurat id-disponibbiltà u l-kontinwità mingħajr interruzzjoni kif ukoll appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja lill-utenti finali, bil-kwistjonijiet kollha solvuti fil-pront fi ħdan miri definiti.

Meta jitqies it-tkabbir mistenni u s-servizzi ta' hosting imtejba, l-eu-LISA nediet l-inizjattiva ta' **"Smart Hosting"**, li tintroduċi kunċetti ġodda u teknoloġiji tal-cloud tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku għall-ospitar ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira b'fokus fuq il-prinċipji tal-5S: l-iskalabbiltà, is-sostenibbiltà, l-istabbiltà, is-sigurtà u s-sovranià. Fl-2024, l-Aġenzija stabbiliet **pjattaforma komprensiva tal-cloud** (CCP) u skjerat l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tal-e-CODEX dwar is-CCP biex tibda t-tmexxija operattiva tagħha.

L-Aġenzija skjerat ukoll l-ETIAS u l-ECRIS-TCN, il-komponenti tal-interoperabbiltà (l-ESP, is-CIR, il-MID), u s-CRRS fuq **pjattaforma kondiviża komuni** (is-CSP) biex tippermetti l-ittestjar rispettiv tagħhom. Barra minn hekk, minn Lulju, l-Aġenzija skjerat il-pjattaforma għall-EES, il-VIS u l-sBMS b'appoġġ għad-dħul fl-operat rispettiv tagħhom.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Tmexxija operattiva

Objettivi ewlenin:

- tmexxija operattiva effettiva u kontinwa tal-infrastruttura sottostanti,
- twettiq tal-evoluzzjonijiet meħtieġa biex jittejbu l-prestazzjoni ġenerali, l-iskalabbiltà, il-flessibbiltà u s-sigurtà.

Tmexxija operattiva tas-CSP

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- tmexxija operattiva effettiva u kontinwa, inkluż il-monitoraġġ tal-infrastruttura 24/7, it-tmexxija tal-aċċess permezz ta' network ta' tmexxija sigura;
- e-CODEX skjerat fuq is-CCP; l-EES, l-sBMS u l-VIS għall-EES;
- ambjenti iżolati u integrati għall-ETIAS, l-ESP, is-CIR, l-MID, is-CRRS, l-ECRIS-TCN dwar is-CSP;
- inizjattivi ta' awtomatizzazzjoni kontinwi u prattiki ta' DevOps, ittestjar u verifika tat-teknoloġiji tal-cloud;
- stabbiliment ta' konnessjoni bejn is-CCP u l-EuroDomain tat-TESTA.

Manutenzjoni adattiva tas-CSP

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- manutenzjoni f'rilaġġi ċikliċi, komponenti tal-infrastruttura ta' tmiem il-ħajja sostitwiti.

⁵⁶ Meta mqabbla mal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà 2023 fil-31 ta' Diċembru 2024.

NETWORKS U KOMUNIKAZZJONIJIET

L-infrastruttura ta' komunikazzjoni tiżgura trasferiment sigur u affidabbli tad-data bejn is-sistemi tal-ĠAI ġestiti mill-eu-LISA u l-utenti finali tagħhom, fl-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, din tipprovdi wkoll konnessjoni minn punt sa punt bejn is-sit tekniku ewlieni tal-Aġenzija fi Strażburgu (unità ċentrali, CU) u l-unità ċentrali ta' backup (BCU) f'St Johann im Pongau, l-Awstrija.

L-infrastruttura tal-komunikazzjoni tuża n-network TESTA-ng (Servizzi Trans-Ewropej tat-Telematika bejn l-Amministrazzjonijiet – ġenerazzjoni ġdida), li jipprovdi network ewlieni separat mill-internet pubbliku. Fuq in-network TESTA-ng, l-eu-LISA tuża tliet dominji għall-operat tas-sistemi tal-ĠAI: id-dominju tas-SIS għas-SIS u s-SIRENE Mail;⁵⁷ id-dominju tal-VIS għall-VIS u l-VIS Mail;⁵⁸ l-EES u l-ETIAS; u l-EuroDomain għall-Eurodac, id-DubliNet u l-ECRIS-TCN. L-utenti finali jikkonnettjaw ma' kull dominju separatament (anke fiżikament separati fil-bini tal-utent), bl-użu (normalment) ta' żewġ punti ta' aċċess lesti għall-użu (TAP) separati.⁵⁹

Punti ewlenin

Network switches skaduti sostitwiti b'sistemi tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku

Tlestiet il-bidla fil-Punti ta' aċċess lesti għall-użu

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni⁶⁰

Sors: Rapport dwar id-disponibbiltà ta' TESTA-ng



99.9943 %

DISPONIBILTÀ TAL-WAN

SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

L-Aġenzija żgurat servizzi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni disponibbli ħafna u siguri (inkluż iż-żamma ta' riżorsi essenzjali tal-internet), il-forniment lill-utenti finali (l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji tal-UE) b'disponibbiltà u kontinwità mingħajr interruzzjoni, kif ukoll appoġġ operattiv proattiv u ta' kwalità għolja. Il-prestazzjoni tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni baqgħet fi ħdan il-miri tal-livell tas-servizz, b'disponibbiltà tan-network ta' 99.99 %.

Sabiex l-infrastruttura tinżamm aġġornata u tiġi pprovduta konnessjoni u servizzi affidabbli lill-utenti finali, l-eu-LISA aġġornat network switches skaduti kollha (id-data li tittrasferixxi l-hardware bejn il-punti tat-tmiem deżinjati) u installat oħrajn ġodda. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-informatika żdiedet biex tappoġġa l-inizjattiva dwar il-cloud u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda.

Fl-2024, l-eu-LISA lestiet il-programm ta' bidla tat-TAPs billi installat b'suċċess TAPs ġodda u qodma dekommissjonati, u appoġġat lill-utenti finali bil-ġestjoni tat-trasferiment tat-TAPs eżistenti lejn postijiet ġodda taċ-ċentri tad-data.

Aġġornamenti u evoluzzjoni

Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà tad-data, minbarra l-kriptaġġ żgurat mill-fornitur tas-servizz, l-eu-LISA mmaniġġjat **it-tieni saff ta' kriptaġġ għas-SIS**, biex tipprevjeni lill-korpi esterni (eż. il-fornitur tat-TESTA-ng) milli jkollhom aċċess għal data sensittiva u tipprevjeni l-użu mhux awtorizzat ta' data personali matul it-trasferimenti.

⁵⁷ **SIRENE Mail** huwa mekkaniżmu ta' komunikazzjoni użat mill-Uffiċċji nazzjonali ta' SIRENE għal informazzjoni supplimentari relatata ma' twissijiet tas-SIS.

⁵⁸ **VISMail** huwa mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni użat mill-awtoritajiet nazzjonali tal-viża biex jikkonsultaw dwar l-applikazzjonijiet għal viża ta' Schengen.

⁵⁹ Hardware konness mal-interfaċċa uniformi nazzjonali (NUI) li jippermetti l-aċċess għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni rilevanti.

⁶⁰ Id-disponibbiltà tan-Network fuq Żona Wiesgħa (WAN) biss għad-dominju tas-SIS u tal-VIS; l-indikatur tal-EuroDomain huwa ssorveljat mid-Direttorat Ġenerali għas-Servizzi Diġitali (DIGIT) tal-Kummissjoni. L-ċifra hija aktar baxxa milli fis-snin preċedenti minħabba qtugħ fil-Polonja.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Tmexxija operattiva

Objettivi ewlenin:

- servizzi ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni disponibbli ħafna u siguri, inkluż il-ġestjoni ta' punti ta' aċċess lesti għall-użu (TAP),
- tmexxija operattiva effettiva u kontinwa tat-tieni saff ta' kriptaġġ fuq l-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS.

Tmexxija operattiva tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- monitoraġġ 24/7 tal-infrastruttura tas-sistemi tal-ĠAI u l-appoġġ għall-utenti finali,
- manutenzjoni effettiva u kontinwa, inklużi soluzzjonijiet tat-tieni saff ta' kriptaġġ,
- ġestjoni tal-bidliet fl-infrastruttura tal-komunikazzjoni, inklużi t-TAPs u l-iswitches,
- ġestjoni tal-iżviluppi tan-network TESTA għall-EES, l-sBMS u l-interoperabbiltà.

Aġġornamenti u evoluzzjoni

Objettivi ewlenin:

- thejġġa għall-aġġornament ta' saffi ta' kriptaġġ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni ta' SIS, VIS u n-network TESTA-ng.

Evoluzzjoni ta' infrastruttura tal-komunikazzjoni

twettiq tal-proġett: 2027

għadha għaddejja

- aġġornament kontinwu tas-saffi ta' kriptaġġ tal-infrastruttura ta' komunikazzjoni tas-SIS u tal-VIS,
- implimentazzjoni ta' komponenti, ġestjoni ta' konfigurazzjonijiet u skjeramenti għall-infrastruttura tal-EES, tal-VIS u tal-sBMS, inklużi l-NUIs u ż-żona tal-internet,
- thejġġiet mill-migrazzjoni tan-network ta' TESTA-ng għall-EU-IXP.⁶¹

ĊENTRI TAD-DATA

Iċ-ċentri tad-data tal-Aġenzija, l-unità ċentrali (CU) fi Strażburgu, Franza, u l-unità ċentrali ta' backup (BCU) f'St Johann im Pongau, l-Awstrija, huma l-infrastruttura li fiżikament tospita s-sistemi tal-IT kollha ġestiti mill-eu-LISA, filwaqt li tospita wkoll sistemi operattivi u mhux operattivi oħrajn meħtieġa għall-iżvilupp u l-ittestjar. Bħala tali, dawn jikkostitwixxu l-assi ewlenin tal-eu-LISA, u huma ta' kritiċi għall-eżekuzzjoni tal-mandat tagħha.

Punti ewlenin

Servizzi ta' hosting tal-Frontex u tal-EUAA pprovduti għas-sistemi ta' backup tagħhom

Bdiet l-installazzjoni ta' ċentru tad-data modulari 2

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

Sors: SM9



BCU disponibbli 24/7

DISPONIBILTÀ TAL-BCU

SKONT IL-MIRA

Tmexxija operattiva

Matul l-2024, l-eu-LISA pprovdiet servizzi ta' ċentru tad-data disponibbli ħafna u żammet assi, faċilitajiet u tagħmir kritiċi f'ordni ta' ħidma sħiħa, filwaqt li tejbet ukoll il-prestazzjoni ġenerali tas-servizz u l-iskalabbiltà. Ġew ipprovduti servizzi ta' hosting għas-sistemi ta' backup tal-Frontex u tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA).

⁶¹ EU-IXP: pjattaforma ta' interkonnettività u skambju għall-UE (network trans-Ewropew ġdid).

Aġġornamenti u evoluzzjoni

FI-2024, l-eu-LISA kompliet tottimizza u torganizza mill-ġdid iċ-ċentri tad-data tagħha permezz ta' kejbils strutturati u mmodifikat it-tqassim tal-ixkafef għall-ottimizzazzjoni tat-tkessiĥ. Biex tipprowdi infrastruttura aktar skalabbli, flessibbli u sigura, kif ukoll takkomoda ħtiġijiet futuri ta' kapaċità għall-ospitar ta' sistemi ġodda tal-ĠAI, l-eu-LISA bdiet **tinstalla t-tieni ċentru tad-data modulari fi Strażburgu**. Sal-aħħar tas-sena, iċ-ċentru tad-data modulari kien tqiegħed fl-unità ċentrali bil-komponenti ewlenin u l-elettriku konnessi.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Tmexxija operattiva	
Objettivi ewlenin: - servizzi ta' ċentri tad-data disponibbli ħafna, - servizzi ta' hosting għas-sistemi ta' backup tal-Frontex u tal-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (EUAA).	
Tmexxija operattiva taċ-ċentru tad-data żamma tal-istatus quo	Imwassla manutenzjoni effettiva u kontinwa, inklużi aġġornamenti u titjib kritiċi.
Tmexxija operattiva tal-BCU żamma tal-istatus quo	Imwassla - manutenzjoni effettiva u kontinwa, inkluż il-kontroll tal-aċċess, l-appoġġ operattiv u tekniku għall-awtoritajiet u l-fornituri ta' servizzi Awstrijaċi, - rieżami tal-ftehim mal-awtoritajiet Awstrijaċi għal evoluzzjoni ġdida fuq perjodu ta' żmien medju u twil tas-sit tal-BCU bil-għan li jiġu riflessi r-rekwiżiti li jinbidlu u l-ħtiġijiet tal-kapaċità.
Servizzi ta' hosting għall-Frontex u l-EUAA żamma tal-istatus quo	Imwassla - Appoġġ 24/7 u koordinazzjoni fuq il-post ta' inċidenti u kwistjonijiet, komunikazzjoni regolari u aġġornamenti tal-istatus, - tisħiħ tal-kapaċità tas-soluzzjonijiet tal-Frontex biex titnaqqas l-impronta tagħha.
Aġġornamenti u evoluzzjoni	
Objettivi ewlenin: titjib tal-prestazzjoni u skalabbiltà, inklużi l-aġġustamenti tal-kapaċità u effiċjenza enerġetika.	
Aġġornamenti u evoluzzjoni taċ-ċentru tad-data żamma tal-istatus quo	Imwassla - ottimizzazzjoni u riorganizzazzjoni tal-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiĥ, inkluż studju komplut dwar titjib possibbli fuq l-infrastruttura tal-enerġija eżistenti, - bidu tal-implimentazzjoni tat-tieni ċentru tad-data modulari, - forniment ta' għarfien espert f'teknoloġiji u soluzzjonijiet iddedikati, rieżamijiet tekniċi ta' wara l-implimentazzjoni bħala servizz.

MONITORAĠĠ TAR-RIĊERKA U T-TEKNOLOĠIJA

L-Aġenzija timmonitorja b'mod attiv l-aħħar żviluppi fir-riċerka, l-innovazzjoni teknoloġika u l-istandardizzazzjoni biex ittejjeb l-għarfien espert professjonali tagħha u tappoġġa l-iżvilupp kontinwu tal-kapaċitajiet interni. L-eu-LISA torganizza wkoll attivitajiet regolari ta' sensibilizzazzjoni li jiffukaw fuq l-industrija u l-akkademja biex tipprovdi valur miżjud lill-partijiet ikkonċernati. Barra minn hekk, l-eu-LISA tappoġġa b'mod estensiv iċ-Ċentru ta' Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna, network għall-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni f'dan il-qasam.

Punti ewlenin

Diskussjonijiet madwar mejda dwar l-Industrija - ġew organizzati żewġ avvenimenti

Nota ta' informazzjoni dwar it-Teknoloġija ppubblikat l-ewwel kwistjoni ffukata fuq il-bijometrika

Strateġija ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għall-2025–2027

Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija

L-Aġenzija kompliet timmonitorja r-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika fuq firxa ta' oqsma (inklużi l-bijometrika, l-IA, il-kriptaġġ, it-teknoloġiji tal-cloud) biex tiżgura l-evoluzzjoni teknoloġika kontinwa tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI tal-UE f'dati lill-eu-LISA. Fl-2024, l-eu-LISA ffinalizzat l-istrateġija ta' riċerka u innovazzjoni tagħha għall-2025–2027, li tiddekrivi d-direzzjoni ġenerali biex tiġi ggwidata l-innovazzjoni sostenibbli. L-Aġenzija ppubblikat ukoll sommarju dwar it-teknoloġija f'żewġ partijiet li jiffoka fuq ir-rikonoxximent bijometriku, li jittestja format iqsar ġdid biex jipprovdi ħarsa ġenerali aċċessibbli tat-teknoloġiji rilevanti għall-eu-LISA u l-partijiet ikkonċernati tagħha, kif ukoll għal udjenza usa'.⁶²

Sabiex tindirizza l-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni dwar teknoloġiji, prodotti u servizzi ġodda, l-Aġenzija kompliet l-involvement proattiv tagħha mal-industrija. L-Aġenzija organizzat żewġ avvenimenti ta' Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija – forum biex jiġu diskussi l-lakuni u l-ħtiġijiet tal-kapaċità fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, u kif dawn jistgħu jiġu indirizzati b'soluzzjonijiet prattiċi mill-industrija:

- l-ewwel diskussjoni madwar mejda saret f'Ġunju, f'Antwerp, il-Belġju, taħt it-titolu “**Going to the Cloud: Why it matters for the EU public sector and how to make it work**” (Għalfejn hija importanti għas-settur pubbliku tal-UE u kif tista' titħaddem). L-avveniment ibridu, organizzat f'kollaborazzjoni mal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE, laqa' aktar minn 400 parteċipant biex jiddiskutu l-potenzjal trasformativ tat-teknoloġiji tal-cloud sovrani għas-settur pubbliku;⁶³
- it-tieni diskussjoni madwar mejda saret f'Novembru, f'Budapest, l-Ungerija, flimkien mal-Presidenza Ungeriża. Taħt it-titolu “**EU Justice and Home Affairs in the Age of AI: fostering innovations and managing risks**” (Il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni tal-UE fl-Età tal-IA: it-trawwim tal-innovazzjonijiet u l-ġestjoni tar-riskji), l-avveniment ibridu attira aktar minn 300 parteċipant biex jiddiskuti l-isfidi u l-opportunitajiet tal-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA fid-dominju tal-ĠAI.⁶⁴

Matul is-sena, l-eu-LISA kompliet il-kontribut attiv tagħha għaċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE għas-Sigurtà Interna: l-iskjement ta' membru tal-persunal għas-segretarjat taċ-Ċentru ospitat fl-Europol, il-presidenza tar-raggruppament dwar il-bijometrika u l-organizzazzjoni ta' panel ta' diskussjoni fl-avveniment annwali taċ-Ċentru f'Novembru 2024, iffukat fuq l-importanza li jissaħħu l-kapaċitajiet ta' evalwazzjoni tas-sistemi ta' rikonoxximent bijometriku tal-UE. Barra minn hekk, l-Aġenzija kkontribwiet għall-ħidma tar-raggruppamenti l-oħra taċ-Ċentru (jiġifieri, il-prospettiva, l-IA u l-kriptaġġ), filwaqt li kkontribwiet ukoll għal żewġ rapporti: l-ewwel **rapport taċ-Ċentru tal-Innovazzjoni tal-UE dwar il-kriptaġġ**, u rapport immexxi mill-Frontex dwar it-teknoloġiji abilitanti u t-titjib tal-privatezza.⁶⁵

⁶² eu-LISA Technology Brief on Biometric Technology (Nota ta' Informazzjoni dwar it-Teknoloġija tal-eu-LISA dwar it-Teknoloġija Bijometrika), Part 1: A Paradigm Shift in Identity Management and Security Technologies (Parti 1: Bidla Fundamentali fil-Ġestjoni tal-Identità u t-Teknoloġiji tas-Sigurtà), u Part 2: What Added Value Does eu-LISA Bring Through Biometrics? (Parti 2: X'Valur Miżjud Iġġib l-eu-LISA Permezz tal-Bijometrika?)

⁶³ Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija tal-eu-LISA “Going to the Cloud: Why it matters for the EU public sector and how to make it work”, Ġunju 2024.

⁶⁴ Diskussjoni Madwar Mejda dwar l-Industrija tal-eu-LISA “EU Justice and Home Affairs in the Age of AI: fostering innovations and managing risks”, Novembru 2024.

⁶⁵ EU Innovation Hub for Internal Security: First Report on Encryption, Ġunju 2024.

L-Aġenzija appoġġat ukoll lid-DĠ HOME tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-**programm Orizzont Ewropa tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni** fil-qasam tas-sigurtà ċivili, filwaqt li kkontribwiet għad-definizzjoni tal-programm ta' ħidma u appoġġat lill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-proġetti.

L-Aġenzija kompliet ukoll tiżviluppa l-kapaċitajiet tagħha fl-**intelliġenza artifiċjali** u nediet attivitajiet dwar l-implimentazzjoni prattika tal-IA. Waħda mill-inizjattivi ewlenin kienet l-istabbiliment ta' komunità interna ta' prattika biex jinbnew l-għarfien u l-kapaċitajiet f'dan il-qasam, u l-immappjar ta' każijiet ta' użu possibbli għall-użu ta' soluzzjonijiet ġenerattivi tal-IA biex tissaħħaħ il-prestazzjoni organizzazzjonali tal-Aġenzija. F'dan il-qasam, l-eu-LISA pparteċipat fil-Grupp ta' Ħidma tan-Network tal-Aġenziji tal-UE tal-IA u dwar in-network tal-korrispondenti u l-IA stabbilit mill-EDPS.

Flimkien mad-DĠ JRC tal-Kummissjoni, l-Aġenzija wettqet **l-evalwazzjoni indipendenti tal-preċiżjoni tal-sBMS**, li pprovdiet aktar għarfien dwar il-varjazzjonijiet possibbli tal-preċiżjoni tal-sBMS għal gruppi demografiċi differenti. Barra minn hekk, l-Aġenzija kkontribwiet għall-manutenzjoni tal-metrika tal-Opensource Face Image Quality (OFIQ) – software ta' referenza għall-kwalità tal-immaġni tal-wiċċ (ara s-sBMS).

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett **Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar**

Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija

Objettivi ewlenin:

- monitoraġġ tar-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika, inkluż il-koordinazzjoni ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni,
- żvilupp ta' kapaċitajiet u għarfien espert fl-intelliġenza artifiċjali,
- standards ta' monitoraġġ rilevanti għall-proċessi tan-negozju ewlenin tal-Aġenzija, b'fokus fuq it-teknoloġija tar-rikonossiment bijometriku.

Monitoraġġ tar-riċerka u t-teknoloġija

żamma tal-istatus quo

Imwassla

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

KPI	Mira	Valur fil-31.12.2024	Status	Sors ta’ data
Impatt tal-komunikazzjoni esterna tal-eu-LISA				
Segwaċi ġodda tal-media soċjali	+200 għal kull pjattaforma kull sena	LinkedIn: +5262 X: +235 Facebook: +651 YouTube: +98	Skont il-mira ⁸⁷	analitika tal-web u tal-media soċjali
Rata ta’ sodisfazzjon rigward l-avvenimenti ta’ involviment	> 90 %	mhux organizzati fl-2024	Oħrajn	deċiżjoni dwar il-ġestjoni
Rata ta’ parteċipazzjoni fil-konferenza annwali	>95 %	mhux organizzata fl-2024	Oħrajn	deċiżjoni dwar il-ġestjoni
Rata ta’ parteċipazzjoni fid-diskussjoni madwar mejda dwar l-industrija	għadd ta’ parteċipanti online ≥130	≥100%	Skont il-mira	Diskussjoni madwar mejda dwar l-industrija
L-impatt tal-komunikazzjoni interna tal-eu-LISA				
Ir-rata ta’ parteċipazzjoni:	>51 %	52 %	Skont il-mira	Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon
Rata ta’ sodisfazzjon	>70 %	92 %	Skont il-mira	Stħarriġ annwali dwar is-sodisfazzjon

Sħubija mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Aġenziji tal-UE

L-Aġenzija kompliet trawwem sħubijiet mill-qrib u kostruttivi mal-Istati Membri, mal-istituzzjonijiet u mal-aġenziji tal-UE, b’involviment attiv f’diskussjonijiet tekniċi u strateġiċi, u b’appoġġ għall-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI, b’mod partikolari mad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni (**DĠ HOME**) u mad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (**DĠ JUST**). F’Awwissu 2024, l-eu-LISA laqgħet lill-Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Interni, Ylva Johansson, fil-kwartieri ġenerali tagħha f’Tallinn, l-Estonja u fis-sit operattiv fi Strażburgu, Franza. L-Aġenzija żammet ukoll relazzjonijiet ta’ hídma mill-qrib mal-Istati Membri li għandhom il-Presidenza b’rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE – il-Belġju u l-Ungerija.

⁸⁶ eu-LISA DPO Annual Work Report 2023 (Rapport ta’ Hídma Annwali tal-UPD tal-eu-LISA tal-2023).

⁸⁷ YouTube mhuwiex kanal tal-media soċjali attiv, dan jintuża bħala *repożitorju tal-vidjo*. Il-fokus tal-eu-LISA fuq il-media soċjali attiva.

Matul is-sena, l-eu-LISA kompliet il-kollaborazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra tal-UE, kemm b'mod bilaterali kif ukoll permezz ta' networks, jiġifieri n-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (**JHAAN**) u n-Network tal-Aġenziji tal-UE (**EUAN**). Barra minn hekk, l-Aġenzija kompliet tikkondividi l-għarfien espert tagħha u tiddiskuti l-kollaborazzjoni possibbli biex jiżdedu l-effiċjenza u s-sinerġiji fost l-Aġenziji tal-UE.

Presidenza tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI tal-2024

Fl-2024, l-Aġenzija kellha l-**Presidenza tan-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN)**, li ffukat fuq l-espansjoni tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji (programm ta' skambju tal-persunal), it-tmexxija tat-**trasformazzjoni diġitali** (tagħlim elettroniku u bijometrika), it-tisħiħ tas-**sigurtà u r-reżiljenza** (iċ-ċibersigurtà u l-kontinwità tal-operat) kif ukoll l-impenn favur ir-**responsabbiltà soċjali** (is-sostenibbiltà u d-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni). L-Aġenzija ħadet it-tmexxija fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet ewlenin tal-ĠAI u ħadmet flimkien ma' aġenziji oħra tal-ĠAI fuq diversi dokumenti maħruġa min-network. L-Aġenzija mmaniġġjat il-kampanji ta' komunikazzjoni tan-network biex tqajjem sensibilizzazzjoni u tippromwovi prijoritajiet u inizjattivi konġunti, bħas-solidarjetà tal-UE mal-Ukrajna, white paper dwar il-kooperazzjoni futura bejn l-Aġenziji tal-ĠAI u l-Kummissjoni, u dikjarazzjoni ta' pożizzjoni konġunta dwar il-QFP li jmiss.⁸⁸

Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali

L-Aġenzija kompliet ir-relazzjonijiet kummerċjali produttivi tagħha mal-partijiet ikkonċernati kollha – l-Istati Membri, aġenziji oħra tal-UE u l-industrija, filwaqt li analizzat u vvalutat id-domandi kummerċjali u pprovdiet għarfien espert tekniku dwar proposti leġiżlattivi ġodda. Matul l-2024, l-eu-LISA ffukat fuq it-titjib tal-kapaċitajiet ta' analiżi tan-negozju, b'mod partikolari billi nediet l-**inizjattiva ta' ġestjoni tad-domanda** biex tivvaluta aħjar l-impatt tat-talbiet kollha tal-partijiet ikkonċernati u tiżgura l-kontroll fuq il-kamp ta' applikazzjoni, filwaqt li tipproteġi wkoll l-implimentazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà, inkluż billi tipprovi stimi tar-riżorsi għal kwalunkwe proposta jew inizjattiva leġiżlattiva ġdida mressqa mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri. Biex tappoġġa l-proċess tal-ġestjoni tad-domanda, l-eu-LISA implimentat **għodda ddedikata biex tiddiġitalizza l-verifika u l-validazzjoni tar-rekwiżiti** (REUSE), bl-użu ta' teknoloġiji semantiċi u intelliġenja artifiċjali.

Komunikazzjoni

L-Aġenzija baqgħet iffukata fuq l-għoti ta' informazzjoni trasparenti, oġġettiva u li tintfiehem faċilment biex jiżdedu l-**viżibbiltà** u s-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-prijoritajiet tagħha. Bl-użu ta' formati tal-media u pjattaformi ta' informazzjoni online u offline, l-eu-LISA kompliet tippromwovi r-rwol u l-kisbiet tagħha bħala **faċilitatur ewlieni għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI tal-UE**. Saru sforzi addizzjonali fil-markar tal-impjegaturi biex jiġi attrirat talent ġdid, filwaqt li ġiet promossa l-**Presidenza tal-JHAAN tal-eu-LISA**, filwaqt li ġew enfasizzati l-pożizzjonijiet u l-prijoritajiet kondiviżi, kif ukoll ġew murija l-azzjonijiet ambjentali tal-Aġenzija fi triqtha biex tikseb iċ-**ċertifikazzjoni tal-EMAS**.

L-Aġenzija skjerat ukoll **sit web ġdid** biex ittejjeb l-esperjenza tal-utent kif ukoll timmodernizza l-**viżibbiltà** online ġenerali tagħha. Sal-aħħar tas-sena, il-pjattaformi kollha tal-media soċjali wrew tkabbir notevoli fis-segwaċi, li jindika espansjoni b'suċċess tal-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u twessigħ tal-preżenza online tagħha.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali	
Objettivi ewlenin:	
■ relazzjonijiet tan-negozju effiċjenti u produttivi mal-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż l-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati fil-ġestjoni tat-talbiet, ■ twettiq ta' analiżi tan-negozju u l-koordinazzjoni tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti tan-negozju fi ħdan l-Aġenzija.	
Ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ ġestjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali, inkluż negozju li għandu jinbena (B2B), għodda REUSE għall-ġestjoni tad-domanda u l-iżvilupp ta' għodda ġdida ta' ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati, ■ akwiżizzjoni u analiżi tad-domandi u rekwiżiti kummerċjali (inkluża l-konverżjoni ta' domandi approvat f'rekwiżiti għaċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tas-sistemi), eż. soluzzjoni ta' komunikazzjoni, ■ valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi l-ġodda, li jirrappreżentaw lill-eu-LISA fil-livelli kollha ta' governanza (AGs, PMBs, MB), l-istituzzjonijiet u l-industrija tal-UE, ■ appoġġ lill-korpi ta' governanza tal-eu-LISA, inkluż il-presidenza tal-Gruppi Konsultattivi u ta' gruppi ta' ħidma relatati oħra.

⁸⁸ Għal ħarsa ġenerali aktar dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għas-*sommarju tal-vidjo* u għar-*rapport finali tal-JHAAN tal-2024* tal-eu-LISA.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Ġestjoni tal-partijiet ikkonċernati	
Objettivi ewlenin: ■ kollaborazzjoni mill-qrib, trasparenti u kostruttiva mal-Bord tat-Tmexxija.	
Appoġġ amministrattiv għall-Bord tat-Tmexxija żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ appoġġ amministrattiv lill-Bord u lill-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tiegħu; inklużi l-koordinazzjoni, it-tnejn u l-faċilitazzjoni tal-laqgħat u s-segwitu tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet, ■ 6 laqgħat tal-Bord tat-Tmexxija (inklużi straordinari) u 4 laqgħat tal-ACFC (inklużi straordinari).
Monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politika	
Objettivi ewlenin: ■ kontribut kostruttiv għall-proċess leġiżlattiv u tat-tfassil tal-politika fid-dominju tal-ĠAI tal-UE, ■ trawwim ta' sħubiji b'saħħithom mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE.	
Monitoraġġ tal-politika u koordinazzjoni tal-politika interna, partijiet ikkonċernati u ġestjoni tal-avvenimenti żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ tmexxija tal-JHAAN bħala l-aġenzija li tippresjedi, inkluż il-kontribut għall-għodod ta' rapportar, dokument konġunt dwar l-appoġġ għall-Ukraina, white paper dwar il-kooperazzjoni futura bejn il-programm ta' skambju tal-persunal, ■ appoġġ lill-Presidenzi tal-Kunsill, ■ kollaborazzjoni mal-Istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, l-Istati Membri, l-akkademja u l-industrija, inkluż l-organizzazzjoni u l-ospitar ta' diversi żjarat minn diversi delegi, ■ monitoraġġ tal-iżviluppi politiċi, strateġiċi u leġiżlattivi rilevanti; analiżi/kontribut.
Attivitajiet tal-Uffiċċju ta' Kollegament żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ monitoraġġ tal-politika rilevanti, l-iżviluppi strateġiċi u leġiżlattivi, inkluża l-politika interna, il-leġiżlazzjoni, u l-analiżi tal-impatt, ■ appoġġ lid-Direttur Eżekuttiv u lill-operazzjonijiet, inkluż iż-żamma ta' repożitorju ta' strumenti legali fuq l-intranet (Osservatur Legali), ■ rappreżentanza tal-pożizzjoni tal-eu-LISA f'diversi laqgħat fil-livell tal-UE, ■ kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, jiġifieri, fi Brussell, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet tal-UE.
Komunikazzjoni	
Objettivi ewlenin: ■ titjib tar-reputazzjoni professjonali tal-eu-LISA u tal-involvement tal-partijiet ikkonċernati, ■ skambju ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni effiċjenti fost il-pubbliku ġenerali.	
Komunikazzjoni żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ komunikazzjoni regolari permezz ta' diversi mezzi, inkluż it-twessigħ tal-preżenza online u tal-media soċjali, ■ aktar sensibilizzazzjoni dwar il-prijoritajiet annwali, inkluża l-Presidenza tal-JHAAN tal-2024, iċ-ċertifikat tal-EMAS, il-promozzjoni ta' avvenimenti ewlenin ta' viżibbiltà (diskussjonijiet madwar mejda tal-industrija), ■ enfasi fuq il-progress fl-implimentazzjoni ta' sistemi ġodda tal-IT, jiġifieri l-EES u l-ETIAS, il-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tat-trasportaturi, ■ skjerament ta' sit web ġdid u messaġġi ta' ditti korporattivi ġodda.

APPOĠĠ KORPORATTIV

Sigurtà korporattiva u kontinwità tal-operat

L-Aġenzija żgurat livell għoli ta' sigurtà fiżika fil-faċilitajiet tagħha u madwarhom, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-kontinwità tal-operat b'reazzjoni għall-ħtiġijiet tan-negozju li qed jinbidlu. B'mod partikolari, biex tkompli ssaħħa is-sigurtà protettiva u fiżika tagħha, l-eu-LISA saħħet il-pożizzjoni tagħha ta' sigurtà u sikurezza billi skjerat sistema ta' kontrolli ċentralizzata biex tissalvagwardja u timmonitorja, b'traċċabbiltà sħiħa, l-aċċess għall-ixkafef fiċ-ċentru tad-data li jospita s-sistemi ewlenin tan-negozju tiegħu.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

KPI	Mira	Valur fil-31.12.2024	Status	Sors ta' data
Nru ta' eżerċizzji ta' emerġenza/ta' sigurtà/eżerċizzji ta' kontinwità tal-operat	2 eżerċizzji fis-sena	2 eżerċizzji ta' emerġenza	Skont il-mira	dashboard tal-assigurazzjoni tas-sigurtà
Kopertura tal-kontrolli tal-kontinwità tal-operat	100 %	100 %	Skont il-mira	dashboard tal-assigurazzjoni tas-sigurtà
Pjanijiet ta' kontinwità tal-operat ittestjati għall-effettività	mill-inqas eżerċizzju wieħed ta' reżiljenza korporattiva wieħed fis-sena	eżerċizzju ta' reżiljenza korporattiva wieħed (1)	Skont il-mira	dashboard tal-assigurazzjoni tas-sigurtà
% ta' rakkomandazzjonijiet implimentati	85 %	>85 %	Skont il-mira	rapporti ta' implimentazzjoni

Progress għal kull komputu u proġett

Komputu tal-proġett/mhux tal-proġett

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Tmexxija operattiva

Objettivi ewlenin:

- sigurtà fiżika ta' livell għoli tal-faċilitajiet, l-assi u l-persunal tal-eu-LISA,
- titjib kontinwu tal-proċessi tal-kontinwità tal-operat u tas-sigurtà.

Sigurtà protettiva u kontinwità tal-operat

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- servizz ta' sigurtà protettiva 24/7 fil-bini kollu, inklużi kontrolli tas-sigurtà għall-bini temporanju u matul il-kostruzzjoni,
- manutenzjoni tas-sistemi tas-sigurtà u tal-infrastruttura, inkluż il-monitoraġġ tal-pajsaġġ tas-sigurtà u l-allinjament kontinwu tal-miżuri tas-sigurtà,
- rekwiżiti ta' sigurtà aġġornati u standardizzati inklużi l-kontinwità u l-pariri tan-negozju.

Politika u koordinazzjoni tas-sigurtà

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- governanza tas-sigurtà u ġestjoni tal-kontinwità, inklużi l-avvenimenti ta' kooperazzjoni, sensibilizzazzjoni u sensibilizzazzjoni,
- aġġornament tal-proċessi ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju bbażati fuq rakkomandazzjonijiet minn eżerċizzji, spezzjonijiet u awditjar.

Ġestjoni tar-riżorsi umani

Sabiex tilħaq l-objettivi strateġiċi tagħha, l-Aġenzija kontinwament ittejjeb il-ġestjoni tar-riżorsi umani, billi tapplika approċċ ibbażat fuq il-kompetenzi, filwaqt li tiffoka fuq li tattira riżerva diversa ta' talent u toffri żvilupp professjonali mmirat biex tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha.

Punti ewlenin

RAISE - inizjattiva ġdida dwar it-tibdil organizzazzjonali

L-applikazzjonijiet ta' postijiet tax-xogħol vakanti żiedu l-kwantità u tejbu l-kwalità

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

KPI	Mira	Valur fil-31.12.2024	Status	Sors ta' data
Proporzjon ta' karigi amministrattivi u operattivi	20 % amministrattiv 70 % operattiv	18.6 % amministrattiv 70.6 % operattiv	Skont il-mira ⁸⁹	Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-persunal tal-2024
Rata ta' assenteiżmu (%), imkeġla bi 3 indikaturi: 1. Għadd medju ta' jiem ta' mard 2. % fuq liv minħabba mard fit-tul (>21 jum kalendarji konsekuttivi) 3. % nuqqas ta' teħid ta' liv minħabba mard	nru metriku 1 < 15-il jum għal kull impjegat nru metriku 2 <10 % nru metriku 3 > 15 %	3.4 jjiem għal kull impjegat 2.2 % 43.0 %	Skont il-mira	Bażi tad-data tal-HR, rapporti abbażi ta' SYSPER
Dawran annwali tal-persunal (%)	≤5%	5.3 %	Taħt il-mira ⁹⁰	Bażi tad-data tal-HR, rapporti ta' SYSPER
Rata ta' okkupanza (%)	>94 %	92.4 %	Taħt il-mira ⁹¹	Bażi tad-data tal-HR, rapporti ta' SYSPER
Indiċi taż-żamma tat-talenti ⁹²	≤5%	0.7 %	Skont il-mira ⁹³	Data ta' evalwazzjoni tal-iLearn
Livell ta' involviment tal-persunal	≥3.8 għall-2024 ⁹⁴	3.7	Parzjalment skont il-mira ⁹⁵	Stħarriġ dwar l-Involvement tal-persunal – Eletive, People Suċċess Platform

FI-2024, l-eu-LISA nediet **inizjattiva ġdida ta' bidla organizzazzjonali – RAISE** – flimkien ma' struttura organizzazzjonali ġdida biex tappoġġa t-twettiq ta' sistemi ġodda, l-adattament għal organizzazzjoni aktar trasversali tar-rwoli u l-ħidma b'mod aktar integrat mal-kuntratturi u mal-fornituri tas-servizzi.

Barra minn hekk, l-Aġenzija ffukat l-isforzi tagħha **żżid ir-rata ta' okkupanza tagħha**, filwaqt li aġġornat il-prattiki ta' reklutaġġ biex tqassar b'mod sinifikanti d-durata tal-proċess tal-għażla (mira ta' 100 jum jew inqas) u bl-użu effettiv ta' listi ta' riżerva. Barra minn hekk, **il-markar tal-impjegaturi u l-istrateġija ta' reklutaġġ** – żieda fil-preżenza fuq il-media soċjali u t-tfittxija attiva ta' impjegati ġodda – żiedet b'mod sinifikanti l-kwantità u l-kwalità tal-applikazzjonijiet. Biex tagħti spinta lid-diversità bejn il-ġeneri, l-eu-LISA ffukat fuq il-promozzjoni tal-applikazzjonijiet tan-nisa.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Ġestjoni tar-riżorsi umani

Objettivi ewlenin:

- ġestjoni u ppjanar effiċjenti tar-riżorsi umani, inkluża d-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tar-riżorsi umani u l-proċessi ta' reklutaġġ,
- żvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi professjonali tal-persunal.

Amministrazzjoni u ppjanar tar-riżorsi umani

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- ġestjoni tal-operazzjonijiet u l-proċessi ta' rutina tal-persunal ġestiti mill-għażla u l-onboarding għat-terminazzjoni tal-kuntratt,
- proċessi diġitalizzati tal-HR (jiġifieri, SYSPER, iLearn), ġestjoni tal-prestazzjoni (inkluż il-monitoraġġ tal-istatistika tal-HR), inkluż l-evalwazzjoni tal-probazzjoni u l-fajls personali.

⁸⁹ Għalkemm il-KPI jinkludi mira speċifikata, li tibqa' fil-firxa ta' 20 % ta' pożizzjonijiet amministrattivi u 70 % ta' pożizzjonijiet operattivi jindika d-distribuzzjoni mixtieqa tal-pożizzjonijiet u l-persunal.

⁹⁰ Żieda fl-għadd ta' riżenji.

⁹¹ L-għadd jinkludi offerti ta' impjieg maħruġa; jekk l-offerti ta' impjieg maħruġa jiġu esklużi, ir-rata ta' okkupanza hija ta' 89.1 %. Il-pożizzjonijiet addizzjonali mogħtija f'Novembru 2024 ma setgħux jimtlew sa tmiem l-2024.

⁹² Ma għadux validu, dan l-indikatur ma ġiex inkluż fil-proposta għal KPIs korporattivi ġodda ppreżentata lill-Bord tat-Tmexxija.

⁹³ Mill-2023, il-klassifikazzjoni numerika ma tintużax fl-evalwazzjoni; iċ-ċifra tal-2024 tindika % ta' evalwazzjonijiet mhux sodisfaċenti/għadd totali ta' evalwazzjonijiet.

⁹⁴ Bidla fl-iskala minn 0-10 għal 1-5. Il-valur 3.8 huwa r-referenza għall-parametru referenzjarju fis-settur pubbliku.

⁹⁵ Se jiġi żviluppatt u implimentat pjan ta' azzjoni biex jiżdied il-livell ta' involviment.

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett
Ġestjoni tar-riżorsi umani bbażata fuq il-kompetenza
 żamma tal-istatus quo

Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar

Imwassa

- implimentazzjoni u aġġornament tal-approċċ ibbażat fuq il-kompetenzi,
- żvilupp tal-persunal u tisħiħ fit-tmexxija, inkluż akkwist imtejjeb tat-talent, premijiet ġodda u inizjattivi ta' rikonoxximent,
- żgurar tal-benesseri u tisħiħ tal-kultura u l-valuri organizzazzjonali, inklużi d-diversità, l-inklużjoni, il-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-involviment tal-persunal.

Ġestjoni tal-baġit, tal-finanzi u tal-akkwist

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ u tirfina l-ġestjoni finanzjarja, tal-akkwist u tal-kuntratti interna tagħha, inkluż it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' rapportar u analitiċi tagħha biex tappoġġa t-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u tiżgura l-ġestjoni trasparenti, effiċjenti u effettiva tar-riżorsi finanzjarji tagħha. Għal dak il-għan, l-Aġenzija żgurat sistema soda ta' kontroll tal-kontabilità u preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tagħha.

Punti ewlenin

100 % eżekuzzjoni tal-baġit għall-impenji u l-pagamenti

It-tfassil mill-ġdid ta' ċirkwiti finanzjarji għal kontrolli aħjar tat-tranżazzjonijiet baġitarji u finanzjarji

L-adozzjoni tal-proċess il-ġdid ta' negozjar tal-prezzijiet tal-eu-LISA

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

KPI	Mira	Valur fil-31.12.2024	Status	Sors ta' data
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja				
Rata ta' kanċellazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti	≥5 %	14.5 %	Taħt il-mira ⁹⁶	Maħżen tad-data tal-ABAC
% tal-implimentazzjoni tal-impenji baġitarji	95–99 %	100 %	Skont il-mira	Maħżen tad-data tal-ABAC
% ta' implimentazzjoni tal-pagamenti	>95 %	97.35% ⁹⁷	Skont il-mira	Maħżen tad-data tal-ABAC
% ta' pagamenti kkompletati sal-iskadenzi statutorji	90 % sa 100 %	98.2 %	Skont il-mira	Maħżen tad-data tal-ABAC
Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti				
Ġestjoni tal-akkwiżizzjoni	>60 %	63 %	Skont il-mira	rapport dwar l-akkwist
Effiċjenza tal-proċess tal-akkwist ⁹⁸	≥25 %	0 %	Skont il-mira	rapport dwar l-akkwist
Kontabilità				
Twassil f'waqtu tal-kontijiet proviżorji, konsolidati, finali	kontijiet proviżorji: l-1 ta' Marzu kontijiet finali: l-1 ta' Lulju	kontijiet proviżorji: l-1 ta' Marzu kontijiet finali: l-1 ta' Lulju	Skont il-mira	Kontijiet Annwali Proviżorji u Finali

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-proċess tagħha ta' kontrolli finanzjarju billi tfassal mill-ġdid iċ-ċirkwiti finanzjarji biex tispeċifika aħjar il-kontrolli tal-konformità u r-rwoli tal-atturi involuti fit-tranżazzjonijiet baġitarji u finanzjarji. Barra minn hekk, għal ġestjoni finanzjarja msaħħa, l-eu-LISA saħħet il-proċess tagħha ta' tbassir u monitoraġġ tal-baġit, billi adottat approċċ aktar analitiku għall-prijoritizzazzjoni strateġika u l-allinjament bejn

⁹⁶ Matul is-sena, l-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament riportati ġiet immonitorjata b'mod kostanti, u dan irriżulta f'kanċellazzjonijiet kull meta l-ġustifikazzjoni tan-nefqa ma kinitx għadha valida.

⁹⁷ Dan jirrappreżenta l-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 mil-huqa mingħajr riport. Bl-inklużjoni tar-riport 'il quddiem tan-nefqa amministrattiva għall-2025, ir-rata ta' implimentazzjoni hija ta' 100 %. L-ebda appropriazzjoni ta' pagament (krediti C1) ma ġiet irritornata lill-baġit ġenerali tal-UE.

⁹⁸ Ikkalkulat bħala l-proporzjon ta' offerti kkanċellati wara t-tnejja, u l-għadd ta' offerti mnedija fis-sena.

ir-rekwiżiti u r-riżorsi finanzjarji disponibbli. Dan l-approċċ irriżulta f'**rata ta' eżekuzzjoni ta' 100 % għall-impenji u l-pagamenti (inkluż ir-riport)**, kif ukoll **it-tnaqqis sinifikanti tal-livell tar-riporti**.

Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti

L-Aġenzija pproteġiet l-interessi finanzjarji tagħha billi applikat b'mod effettiv il-prinċipji ta' żero difetti biex timminimizza l-avvenimenti ta' nuqqas ta' konformità u tikkumpensa d-dewmien li ġej mid-devjazzjonijiet kuntrattwali attribwibbli lill-kuntratturi. Sabiex ittejjeb is-servizzi ta' ġestjoni tal-kuntratti ta' akkwist, l-eu-LISA aġġornat l-**għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti** tagħha biex tissimplifika l-aċċess permezz ta' interfaċċa ta' punt uniku ta' servizz għal kontroll u monitoraġġ imtejjeb tal-iskadenzi kuntrattwali u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni kuntrattwali. Madankollu, huwa ppjanat aktar titjib sabiex l-għodda ssir aktar effettiva u komprensiva. Barra minn hekk, L-Aġenzija **adottat l-Għodda ta' Ġestjoni tal-Akkwist Pubbliku (PPMT)** tal-Kummissjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi u dokumenti tal-akkwist f'Tenders Electronic Daily u fil-Portal tal-Finanzjament u tal-Offerti. Barra minn hekk, l-eu-LISA adottat ukoll il-**proċess ta' negozjar tal-prezzijiet** tagħha għal kontroll aħjar fuq iċ-ċiklu tal-ħajja kuntrattwali u l-kwalità tal-akkwist, u b'hekk tiżgura użu aktar kosteffettiv tar-riżorsi finanzjarji.

Kontabilità

L-Aġenzija żgurat il-manutenzjoni xierqa ta' sistema soda ta' kontroll tal-kontabilità u l-preżentazzjoni xierqa tal-pożizzjoni finanzjarja tagħha.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	
Objettivi ewlenin:	
■ forniment ta' servizzi finanzjarji sodi u trasparenti f'konformità mar-Regoli finanzjarji tal-eu-LISA u l-istandards applikabbli, ■ appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi u l-għoti ta' rapporti finanzjarji meħtieġa.	
Ġestjoni baġitarja, tal-assi u finanzjarja żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ implimentazzjoni tal-baġit ġestita u forniment ta' servizzi, inklużi r-rapporti finanzjarji, ■ titjib tal-kapaċitajiet analitiċi, tal-proċessi u tal-proċeduri finanzjarji, inkluż it-tbassir u l-ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.
Kontrolli finanzjarji interni, awditjar relatat mal-akkwist u mal-finanzi żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ listi ta' kontroll u flussi tax-xogħol miżmuma u msaħħa tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, ■ kontrolli u proċeduri finanzjarji riveduti, filwaqt li jitqiesu s-sejbiet tal-QEA.
Ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti	
Objettivi ewlenin:	
■ forniment ta' servizzi ta' akkwist sodi u trasparenti f'konformità mal-istandards rilevanti, ■ monitoraġġ tal-implimentazzjoni kuntrattwali, il-ġestjoni tar-riskju u l-prestazzjoni.	
Ġestjoni tal-akkwist u tal-akkwiżizzjoni żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ ġestjoni, koordinament u monitoraġġ tal-akkwist l-akkwiżizzjoni u l-kuntratti, inkluż it-tiġdid tal-għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti, ■ tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-akkwist, inkluż il-konsolidazzjoni tas-servizzi u t-titjib tal-konsulenza dwar każijiet speċifiċi u kumplessi ħafna, ■ l-għan: jiġi minimizzat id-difett żero fil-ġestjoni tal-kuntratti mid-definizzjoni tal-ħtiġijiet sal-iffirmar, inklużi l-emendi.
Ġestjoni tal-bejjiegħa u tal-kuntratti żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ appoġġ għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti qafas trasversali (TEF/TOF), kuntratti qafas preċedenti għas-sistemi ewlenin tan-negozju, ■ appoġġ għall-awditjar estern fuq il-ġestjoni tal-kuntratti.
Tranżizzjoni ta' servizzi esternalizzati żamma tal-istatus quo	Imwassla ■ appoġġ għat-tnejn u l-eżekuzzjoni tat-tranżizzjoni tas-servizz għat-TEF u t-TOF, ■ adattament tal-istrategġja tal-akkwist u mudell tas-servizz għas-sistemi l-ġodda tal-ĠAI.

Kontabilità

Objettivi ewlenin:

- żgurar ta' sistema soda ta' kontroll tal-kontabilità f'konformità mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati.

Kontabilità

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- żamma tal-kontroll tal-kwalità tal-kontabilità, inkluż is-salvagwardja tal-assi u l-interessi finanzjarji, inkluż it-twassil ta' kontijiet proviżorji u finali,
- appoġġ għall-awdituri esterni u l-QEA,
- forniment ta' gwida interna dwar il-ġestjoni tal-assi.

Servizzi legali

L-Aġenzija topera f'konformità mar-regolamenti applikabbli u f'osservanza stretta ta' prattiki tajba ta' governanza u amministrattivi biex tiggarrantixxi t-trasparenza u r-responsabbiltà fl-attivitàjiet, fil-proċessi u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha, inkluż l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, kif ukoll is-salvagwardja tal-interessi u r-reputazzjoni tagħha.

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

KPI	Mira	Valur fil-31.12.2024	Status	Sors ta' data
Pariri legali, opinjoni u rappreżentanza	forniment ta' pariri legali, opinjonijiet u rappreżentanza fi żmien raġonevoli	90 %	Skont il-mira	ProjectPlace

Matul is-sena, l-Aġenzija pprovdiet valutazzjonijiet legali interni u pariri dwar l-implimentazzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira biex tiżgura l-konformità mar-regolamenti applikabbli. FI-2024, il-fokus kritiku kien fuq **sfidi legali relatati mal-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-cloud**.

L-eu-LISA kompliet ukoll timmaniġġja t-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti, tibbilanċja t-trasparenza u tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali. FI-2024, l-Aġenzija rċeviet 15-il talba għal aċċess għad-dokumenti, applikazzjoni konfermatorja waħda, ilment wieħed lill-Ombudsman Ewropew. L-Aġenzija analizzat 39 dokument, 17 ġew iddivulgati kompletament, 20 ġew iddivulgati parzjalment u 2 ġew miċħuda li jiġu ddivulgati fl-intier tagħhom. Ġew analizzati total ta' 553 paġna. L-Aġenzija rċeviet ukoll applikazzjoni konfermatorja fuq talba inizjali għal aċċess għad-dokumenti, li l-eżitu tagħha kien parzjali. Barra minn hekk, l-Aġenzija rċeviet 14-il talba għal konsultazzjonijiet dwar l-aċċess għad-dokumenti dwar dokumenti li kien fihom informazzjoni li toriġina mill-eu-LISA. L-Aġenzija analizzat 40 dokument, sitta ġew żvelati kompletament 13 ġew iddivulgati parzjalment u 21 ġew irrifjutati sabiex jiġu ddivulgati fl-intier tagħhom.

It-tneħħija parzjali tad-dokumenti u ċ-ċaħda tal-aċċess għad-dokumenti mill-eu-LISA kienu ġġustifikati abbażi tal-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu, l-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika (eż., kien fihom informazzjoni relatata mal-aspetti tekniċi tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira), il-proċessi kontinwi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u l-interessi kummerċjali, kif stabbilit fir-Regolament (KE) 1049/2001.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
--------------------------------------	--

Servizzi legali

Objettivi ewlenin:

- għoti ta' pariri legali, għarfien espert u opinjoni ta' kwalità għolja dwar varjetà ta' kwistjonijiet.

Servizzi legali

żamma tal-istatus quo

Imwassla

- żgurar ta' pariri u opinjoni legali ta' kwalità għolja, jiġifieri, il-persunal, l-akkwist, l-IT, kwistjonijiet ta' governanza,
- għoti ta' rappreżentazzjonijiet legali fil-qrati nazzjonali u tal-UE,
- immaniġġja t-talbiet għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, inklużi sessjonijiet ta' taħriġ.

Servizzi ta' appoġġ korporattiv (ġestjoni tal-faċilitajiet u servizzi tal-IT)

Is-servizzi ta' appoġġ korporattiv tal-Aġenzija jiffukaw fuq l-iżgurar ta' ambjent tax-xogħol ottimizzat u flessibbli fil-postijiet kollha b'infrastruttura sigura, effiċjenti u funzjonali, allinjata bis-sħiħ mal-ħtiġijiet tan-negozju u l-impenn li ssir organizzazzjoni ambjentalment sostenibbli.

Punti ewlenin

Bini ta' uffiċċju ġdid mikri fi
Strażburgu, Franza

Installazzjoni ta' ċentru tad-data
modulari 2 fil-kontejners

Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni

KPI	Mira	Valur fil-31.12.2024	Status	Sors ta' data
Ġestjoni ambjentali				
Indikatur ambjentali: impronta tal-karbonju ⁹⁹	tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO ₂	3781 tCO ₂ eq	Taħt il-mira ¹⁰⁰	Dikjarazzjoni ambjentali
Programm ta' żieda fil-kapaċità				
Programm ta' Żieda fil-Kapaċità	devjazzjoni tal-kostijiet ≤ 10 % devjazzjoni tal-iskeda ≤ 10 % l-ebda devjazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni	l-ebda devjazzjoni	Skont il-mira	Rapport tal-bord tal-programm
ICT korporattivi				
Disponibbiltà ta' servizzi tal-IT korporattiv	>90 % (ħin ta' disponibbiltà tal-applikazzjonijiet)	99.5 %	Skont il-mira	Rapporti ta' kull xahar dwar is-servizzi
Sodisfazzjon tal-utenti finali/impjegati korporattivi	> 90 %	mhux imkejla fl-2024, posposta għal Q1 fl-2025	Mhux applikabbli	Stħarriġ

Programm ta' żieda fil-kapaċità

Sabiex jiġu żgurati r-reżiljenza u d-disponibbiltà tas-sistemi tal-ĠAI tal-UE, l-eu-LISA kompliet bil-programm ta' żieda fil-kapaċità biex tottimizza r-riżorsi taċ-ċentru tad-data billi **tejbet il-kapaċità tal-enerġija u tat-tkessiħ** biex tissodisfa l-ħtiġijiet operattivi li qed jiżdiedu li jirriżultaw minn għadd dejjem akbar ta' sistemi u volumi ta' data ġodda. L-Aġenzija **kompliet l-installazzjoni ta' ċentru tad-data modulari f'kontejners** (MDC2, soluzzjoni flessibbli u skalabbli li ma tirrikjedi l-ebda kostruzzjoni ġdida) u studji konklużi għas-soluzzjonijiet tal-aġġornament tal-enerġija u tat-tkessiħ fis-sit tekniku fi Strażburgu. Sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal u tissaħħaħ l-effiċjenza operattiva, l-eu-LISA **ffirmat lokazzjoni għal bini ta' uffiċċju ġdid fi Strażburgu** (ASPIRE), li jinsab fil-viċinanza tal-Parlament Ewropew.

Ġestjoni ambjentali

L-Aġenzija għamlet sforzi biex tnaqqas l-impronta ambjentali tagħha u ttejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tagħha, billi implimentat pjan ta' titjib ibbażat fuq il-prinċipji tal-**Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali** (EMAS) tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku. Fl-2024, l-eu-LISA għaddiet minn **awditjar estern għaċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS**, li jikkonferma l-livell tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni ambjentali tagħha, imsaħħaħ b'soluzzjonijiet ta' monitoraġġ ambjentali (eż. network ta' sensuri ambjentali fiċ-ċentru tad-data ta' Strażburgu, sistema ta' ġestjoni tal-bini appoġġata mill-IA f'Tallinn) u sforzi relatati ta' sensibilizzazzjoni, jiġifieri, pubblikazzjoni għall-ewwel darba tal-iskeda informattiva dwar l-impronta tal-karbonju. Sabiex ittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tagħha, l-eu-LISA wettqet awditu tal-enerġija fil-kwartieri ġenerali tagħha f'Tallinn u bdiet fil-bini fi Strażburgu.

Meta mqabbla mal-2023, l-**impronta tal-karbonju** tal-eu-LISA żdiedet fl-2024 prinċipalment minħabba ż-żieda fil-konsum tal-elettriku fis-siti kollha, attribwibbli għal sistemi ġodda u volumi akbar ta' data, u t-tisħin distrettwali f'Tallinn.¹⁰¹ Sabiex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika taċ-ċentri tad-data, bħala soluzzjoni għal żmien qasir, l-

⁹⁹ L-emissjonijiet tas-CO₂ huma stmati f'konformità mal-linji gwida v2006 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC).

¹⁰⁰ Iż-żieda tal-impronta tal-karbonju hija prinċipalment dovuta għaż-żieda ffl-Ambitu 2 (l-elettriku għas-siti kollha u t-tisħin distrettwali f'Tallinn) u għall-bidla fil-kalkolu fejn ġiet ikkunsidrata aktar data (eż. il-ġestjoni tal-iskart) meta mqabbla mal-2023 (3507 tCO₂eq).

¹⁰¹ Għal informazzjoni aktar dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għal *eu-LISA's Environmental Statement for 2023*, (Dikjarazzjoni Ambjentali tal-eu-LISA għall-2023), ippubblikata f'Awwiissu 2024.

Aġenzija ħadmet biex tippermetti użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura attwali tat-tkessiġ. Madankollu, sabiex tnaqqas l-impronta tal-karbonju tagħha f'nofs it-terminu, l-eu-LISA se timplimenta soluzzjoni bbażata fuq il-ġeotermika sabiex tnaqqas l-effettività ġenerali tal-użu tal-enerġija (PUE) f'konformità mal-linji gwida tal-UE.

Progress għal kull kompitu u proġett

Kompitu tal-proġett/mhux tal-proġett	Riżultati tanġibbli ewlenin matul il-perjodu ta' rapportar
Programm ta' żieda fil-kapaċità	
Objettivi ewlenin: indirizzar tad-domandi tal-kapaċità, inklużi l-ottimizzazzjoni tar-riżorsi tal-informatika, tas-sistemi tal-enerġija u tat-tkessiġ.	
Programm ta' żieda fil-kapaċità Proġett: twettiq 2026	għadu għaddej - azzjonijiet kontinwi tal-MDC2 u fuq żmien qasir għall-aġġornament tal-enerġija u tat-tkessiġ, inkluż studju tal-enerġija biex tittejjeb l-effiċjenza tat-tagħmir fiċ-ċentru tad-data, - kisba ta' spazju għall-uffiċċji ġdid fi Strażburgu (bini ASPIRE) u fi Brussell, bdiet it-tnejn u l-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa, - diskussjonijiet mal-Awstrija dwar kapaċità addizzjonali ta' enerġija u tkessiġ għal St Johan im Pongau; diskussjonijiet mal-Estonja dwar l-estensjoni tal-ftehim ta' Tallinn.
Appoġġ ġenerali	
Objettivi ewlenin: tnaqqis tal-impronta ambjentali tal-eu-LISA u t-tnejn għaċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS.	
Servizzi ġenerali żamma tal-istatus quo	Imwassla - tnejn għaċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS, inkluż l-implimentazzjoni ta' miżuri ambjentali u r-reġistrazzjoni, l-awdiċi esterni; - għoti ta' servizzi ta' appoġġ, jiġifieri l-ġestjoni tal-ispazju, il-missjonijiet, l-operazzjonijiet tal-faċilitajiet, is-saħħa u l-benesseri.
Aġġornamenti tas-servizzi ġenerali twettiq tal-proġett: 2029	għadu għaddej network aġġornat tan-nirien, struttura mtejbja ta' kisi taħt l-art fiċ-ċentru tad-data u bini terzjarju.
ICT korporattivi	
Objettivi ewlenin: - manutenzjoni u evoluzzjoni effettivi tal-infrastruttura u l-proċessi korporattivi tal-ICT, - implimentazzjoni tal-Programm ta' Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi.	
Servizzi tal-ICT korporattivi żamma tal-istatus quo	Imwassla - manutenzjoni effettiva u kontinwa tal-infrastruttura u l-applikazzjonijiet korporattivi tal-ICT, inkluż l-ittestjar u l-iżvilupp ta' għodod ġodda, - servizzi tal-ICT ta' kwalità għolja, inkluż il-monitoraġġ tal-kwalità tas-servizz, it-titjib tal-appoġġ tal-utent finali, u t-titjib tal-Portal tal-Fruġ ta' Biljetti tal-ICT.
Aġġornamenti tal-ICT korporattivi Proġett: twettiq 2029	Għadhom għaddej - implimentazzjoni tal-prattiki tal-ITIL, inkluża l-evalwazzjoni ta' applikazzjoni ġdida tal-ITSM, - migrazzjoni tal-infrastruttura u tas-servizzi minn fuq il-post għall-cloud, - iffinalizzar tal-istruttura tas-servizz tal-infrastruttura ta' desktop virtwali (VDI), - żvilupp mibdi ta' ambjenti ta' żvilupp/test/pre-prod, - implimentazzjoni tal-programm ta' Ġestjoni tal-Kontenut tal-Intrapriżi, inklużi s-sit web, l-intranet/extranet il-ġodda u s-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti.

ĠESTJONI

2

ĠESTJONI

2.

2.1. BORD TAT-TMEXXIJA

L-Aġenzija kompliet il-kollaborazzjoni mill-qrib, kostruttiva u trasparenti tagħha mal-Bord tat-Tmexxija. Flimkien mal-funzjonijiet statutorji tiegħu, il-Bord ġie aġġornat regolarment dwar ir-riskji u l-kwistjonijiet sinifikanti kollha identifikati, inklużi l-miżuri ta' mitigazzjoni implimentati u l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet miftuħa tal-awditjar, l-istatus tas-sistemi operattivi u l-progress fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda, kif ukoll proġetti li għaddejjin, eż. ASPIRE.

L-aktar importanti, il-Bord ikkonferma ripetutament l-impenn qawwi tiegħu li jimplimenta l-arkitettura tal-interoperabbiltà. Il-Bord issorvelja kontinwament it-tħaddim u l-implimentazzjoni tas-sistemi. Sa tmiem l-2024, il-Bord ħa nota tal-istatus tal-implimentazzjoni tal-EES u rrikonoxxa l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni għat-triq 'il quddiem bl-EES.

Matul l-2024, il-Bord tat-Tmexxija adotta diversi deċiżjonijiet sinifikanti li jiżguraw il-kontinwità tal-operat tal-eu-LISA:

- l-elezzjoni ta' president u viċi president ġdid,
- il-ħatra tal-Viċi Direttur Eżekuttiv u tad-Direttur Eżekuttiv il-ġodda *ad interim*,
- l-inklużjoni tal-proġett tas-sistema ċentrali għar-riżoluzzjoni tal-link safra (CSLR) fil-programm ta' ħidma annwali bir-riżorsi meħtieġa skjerati mill-baġit eżistenti u r-riżorsi umani,
- l-adozzjoni ta' dokumenti statutorji ta' ppjanar u rapportar, jiġifieri dokument uniku ta' programmazzjoni, rapporti annwali *interim* u konsolidati, flimkien ma' rapporti dwar il-funzjonament tekniku tas-sistemi u tal-istatistika,
- l-adozzjoni ta' pjanijiet ġodda ta' sigurtà u kontinwità tan-negozju għall-VIS u s-SIS,
- il-ħatra ta' Uffiċjal *interim* għall-Protezzjoni tad-Data (UPD).

Barra minn hekk, il-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi (ACFC) tal-Bord immonitorja l-ġestjoni tar-riskju tal-eu-LISA u l-konfigurazzjoni ta' kontrolli interni. L-ACFC u l-Bord irċewew aġġornamenti regolari dwar l-istatus tan-negozjati relatati mal-proċedura baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja, kif ukoll dwar l-istatus tar-rakkomandazzjonijiet miftuħa tal-awditjar.

Sabiex tkompli ttejjeb it-trasparenza u tikkontribwixxi għas-sensibilizzazzjoni pubblika tal-attivitajiet tagħha, l-Aġenzija kompliet tippubblika s-sommarji tal-laqgħat regolari tal-Bord tat-Tmexxija fuq is-sit web tagħha.

2.2. ŻVILUPPI EWLENIN

Reviżjoni tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà

L-Aġenzija kompliet tiżviluppa diversi sistemi ġodda li se jkomplu jsaħħu s-sigurtà interna taż-Żona Schengen u jiffaċilitaw l-ivvjaġġar internazzjonali lejn l-Ewropa (jiġifieri l-EES, l-ETIAS u l-VIS Riveduta), flimkien mal-komponenti tal-interoperabbiltà (l-ESP, l-sBMS, is-CIR, il-MID) u s-CRRS, inkluża l-integrazzjoni tagħhom mas-sistemi eżistenti (is-SIS, il-VIS u l-Eurodac) li se jikkostitwixxu l-arkitettura l-ġdida tal-interoperabbiltà għad-dominju tal-ĠAI.

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) ma daħlitx fis-seħħ sal-aħħar tas-sena skont il-mira inizjalment, u l-Aġenzija bdiet tirrevedi l-iskeda ta' żmien. L-EES hija prevista li tibda topera progressivament fl-2025, filwaqt li l-sBMS u l-VIS għall-EES huma mistennija li jidhru fis-seħħ qabel l-EES, fid-19 ta' Mejju 2025.¹⁰²

¹⁰² L-istqarrija għall-istampa "Il-Kunsill jistabbilixxi pożizzjoni għat-tnedija progressiva ta' sistema diġitali ġdida għall-ġestjoni tal-fruntieri", 5 ta' Marzu 2025.

Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil

Wara l-adozzjoni tal-**Patt tal-UE dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil** f'Mejju 2024, l-eu-LISA se jkollha rwol kruċjali fl-appoġġ ta' ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, b'mod partikolari permezz tar-rinnovazzjoni tal-**Eurodac**, is-sistema ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-UE. L-Eurodac il-ġdida hija waħda mis-sisien operattivi li tappoġġa l-qafas legali l-ġdid, u d-**dħul fl-operat tas-sistema sat-12 ta' Ġunju 2026** hija prekundizzjoni kritika għall-implimentazzjoni tal-elementi l-oħra kollha tal-Patt.¹⁰³ L-eu-LISA nediet l-implimentazzjoni tas-sistema immedjatament wara l-adozzjoni tar-Regolament, fit-12 ta' Ġunju 2024 (ara t-Taqsim 1.3 tal-Eurodac).

Ir-Regolament tal-Eurodac il-ġdid jespandi b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema biex tintroduċi data alfanumerika u bijometrika tal-wiċċ biex ittejjeb u tħaffef il-proċess tal-ażil u ttejjeb id-detezzjoni ta' movimenti mhux awtorizzati fiż-żona Schengen. Barra minn hekk, l-integrazzjoni mal-komponenti tal-interoperabbiltà se tippermetti t-ftitxijiet u l-kontroverifika tal-identitajiet fis-sistemi kollha tal-ĠAI, filwaqt li tittrasforma l-bażi tad-data tal-marki tas-swaba' eżistenti f'sistema kompluta ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.¹⁰⁴

Peress li l-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil kien jinkludi wkoll **żewġ Regolamenti dwar l-Iskrinjar** li jaffettwaw diversi sistemi oħra, l-eu-LISA nediet valutazzjoni biex tevalwa l-impatt tagħhom. Ir-rekwiżiti stabbiliti f'dawn iż-żewġ Regolamenti se jiġu integrati fl-iżvilupp ta' sistemi affettwati: l-EES, il-VIS, l-ETIAS, l-Eurodac u l-ECRIS-TCN.¹⁰⁵

Sistemi ta' Informazzjoni dwar l-Ivvjaġġar (API, DTA, DTC)

Barra minn hekk, l-eu-LISA appoġġat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar kwistjonijiet tekniċi relatati ma' diversi inizjattivi ġodda. B'mod partikolari, l-Aġenzija pprovdiet kontribut tekniku għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja ż-żewġ proposti għal regolamenti dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' **informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri** (API). Ir-Regolamenti tal-API ġew adottati f'Diċembru 2024, u taw il-kompitu lill-eu-LISA bir-responsabbiltà għall-iżvilupp tar-Router tal-API-PNR.¹⁰⁶

Barra minn hekk, fuq talba tal-Kummissjoni, l-Aġenzija pprovdiet l-għarfien espert u l-kontribut tagħha dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji leġiżlattivi relatati mal-proposti dwar id-diġitalizzazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-inizjattivi ta' faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar: **L-applikazzjoni tal-UE għall-ivvjaġġar Diġitali (DTA)**¹⁰⁷ u **l-kredenzjali diġitali tal-ivvjaġġar (DTC)**.¹⁰⁸

Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali

L-Att tal-UE dwar l-IA ġie adottat fit-13 ta' Ġunju 2024, li jstabbilixxi qafas legali uniformi għall-iżvilupp, it-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz, u l-użu tas-sistemi tal-IA fl-UE.¹⁰⁹ Wara l-adozzjoni tagħha, l-eu-LISA analizzat l-impatt mistenni tal-leġiżlazzjoni fuq l-attivitajiet u s-sistemi tal-Aġenzija. Peress li l-linji gwida dwar l-applikazzjoni tar-Regolament huma prodotti mill-Kummissjoni, l-Aġenzija sejra tkompli tanalizza l-impatt tar-Regolament, jekk ikun hemm, u tiżgura l-konformità tas-sistemi rilevanti.

2.3. ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

2.3.1. ĠESTJONI FINANZJARJA

F'konformità mal-Artikolu 46(3) tar-Regolament fundatur, il-baġit tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2024 ġie ffinanzjat minn fondi minn diversi sorsi, bid-dħul ewlieni ġej mis-sussidju annwali riċevut mill-baġit ġenerali tal-UE.¹¹⁰ Barra minn hekk, l-eu LISA tirċievi kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati, bħala rimborż parzjali tal-infiq imġarrab mill-Aġenzija.

¹⁰³ Għal aktar informazzjoni, ara l-paġna dedikata tad-DĠ HOME dwar il-**Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**.

¹⁰⁴ **Ir-Regolament (UE) 2024/1358** dwar l-istabbiliment tal-Eurodac, ĠU L, 22.5.2024.

¹⁰⁵ **Ir-Regolament (UE) 2024/1356**, ĠU L, 22.05.2024; **ir-Regolament (UE) 2024/1352**, ĠU L, 22.05.2024.

¹⁰⁶ **PNR**: reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri; **ir-Regolamenti (UE) 2025/12**, u **2025/13**, ĠU L, 08.01.2025.

¹⁰⁷ **Proposta għal Regolament** li jstabbilixxi applikazzjoni għas-sottomissjoni elettronika ta' data dwar l-ivvjaġġar (**applikazzjoni tal-ivvjaġġar Diġitali tal-UE**) fir-rigward tal-użu ta' kredenzjali diġitali tal-ivvjaġġar [**COM (2024) 670** final].

¹⁰⁸ **Proposta għal Regolament tal-Kunsill** dwar il-fruġ tal-**kredenzjali tal-ivvjaġġar diġitali** bbażati fuq il-karti tal-identità u l-**istandards tekniċi** tagħhom [**COM(2024) 671** final].

¹⁰⁹ **Ir-Regolament (UE) 2024/1689** tat-13 ta' Ġunju 2024 li jstabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (**l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali**).

¹¹⁰ Ara t-taqsim 1.3, it-titolu 11, il-kapitolu 10 "**Border Management – Decentralised Agencies**" (Il-Ġestjoni tal-Fruntieri – Aġenziji Deċentralizzati), kif adottat mill-awtorità baġitarja, jiġifieri, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Il-kontribuzzjoni tal-UE hija relatata mal-approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament C1 (kreditu vvutati għas-sena baġitarja attwali); għal iktar, jekk jogħġbok irreferi għall-Artikoli 45(5) u 46(3) tar-Regolament fundatur tal-eu-LISA.

FI-2024, l-eu-LISA ffirmat **ftehim ta' kontribuzzjoni** għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-pjattaforma ta' kollaborazzjoni tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK) u rċeviet kontribuzzjoni taħtha (għal aktar, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness VI).¹¹¹

L-Aġenzija rrevediet ukoll u **saħħet il-kontrolli interni** fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja, tal-assi u baġitarja permezz ta' diversi azzjonijiet:

- L-eu-LISA ffinalizzat l-**istrateġija ta' kontroll intern** tagħha li se tipprovdi informazzjoni dwar il-kostijiet u l-benefiċċji tal-kontrolli implimentati mill-Aġenzija, jiġifieri, informazzjoni kompluta dwar l-effettività, l-effiċjenza u l-ekonomija tagħhom. L-aħjar prattiki u gwida min-Network ta' Żvilupp tal-Prestazzjoni tal-EUAN (PDN) intużaw fit-tnejja ta' kampjuni ta' dokumenti.
- skont il-pjanijiet ta' azzjoni tal-awditjar, l-analiżi tar-riskju li tappoġġa t-tfassil ta' ċirkwiti finanzjarji ġiet riveduta kompletament abbażi ta' sett komprensiv ta' dimensjonijiet tar-riskju analitiċi. Abbażi tal-analiżi tar-riskju u l-istrateġija ta' kontroll, iċ-ċirkwiti finanzjarji ġew imfassla mill-ġdid kompletament biex jipprovdu speċifikazzjoni aħjar għall-kontrolli u r-rwoli tal-atturi involuti;
- issaħħu l-proċessi ta' monitoraġġ u ta' ppjanar tal-baġit li jirriżultaw fil-konsum totali tal-baġit allokat (approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagamenti). Il-proċessi tjebru permezz ta' konsultazzjoni regolari mal-Unitajiet operattivi u approċċ aktar analitiku għal kull oġġett ta' nfiq, li rriżulta f'kontroll imtejjeb fuq il-ġestjoni finanzjarja tajba, il-prijoritizzazzjoni, u l-allinjament bejn ir-rekwiżiti u l-akkwist korrispondenti;
- ġie stabbilit Kumitat tal-Investment ġdid, li jagħżel erba' oqsma ta' investment ta' priorità fejn ikunu meħtieġa analiżi u ppjanar aktar dettaljati.

L-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni li jinkludi diversi miżuri implimentati mill-2023 biex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-annwalità u biex jitnaqqas il-livell tar-riporti. Barra minn hekk, l-eu-LISA fasslet proċessi ġodda biex tnaqqas ir-riporti f'konformità mal-prinċipju tal-annwalità. Dan irriżulta fi tnaqqis tar-riporti ta' approprjazzjonijiet mhux differenzjati ta' 9.9 % (meta mqabbel ma' 19.5 % fl-2023), li huwa taħt il-limitu ta' 15 % stabbilit mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

2.3.2. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

Id-dikjarazzjoni finali tad-dħul u n-nefqa għall-2024 ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 45(7) tar-Regolament fundatur tal-eu-LISA. FI-2024, l-eu-LISA mmaniġġjat baġit ta' **EUR 307.39 miljun** f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' **EUR 260.11 miljun** f'approprjazzjonijiet ta' pagament riċevuti bħala kontribuzzjoni mill-UE.

Sa tmiem l-2024, l-Aġenzija kienet kisbet **rata għolja ta' implimentazzjoni tal-baġit**, li tikkonsma kompletament il-baġit ivvutat li jikkorrispondi għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali u r-Rapporti Finanzjarji Leġiżlattivi li jintervjenu għal kompiti ġodda, u barra minn hekk tidentifika u tindirizza lakuna baġitarja ddivulgata lill-Bord tat-Tmexxija fl-ewwel parti tas-sena. Din id-diskrepanza ġiet ġestita u riżolta permezz ta' serje ta' miżuri komplementari inklużi prijoritizzazzjoni mill-ġdid jew attivitajiet, użu ogħla ta' sorsi alternattivi ta' dħul, l-appoġġ riċevut mill-Kummissjoni fl-eżerċizzju ta' trasferiment globali, u trasferimenti min-nefqa amministrattiva għan-nefqa operattivi.

FI-aħħar mill-aħħar, il-kapaċità li jiġi implimentat u l-preċiżjoni tal-ippjanar finanzjarju rriżultaw fi:

- 100 % għall-approprijazzjonijiet ta' impenn,
- 100 % għall-approprijazzjonijiet ta' pagament, inkluż ir-riport 'il quddiem tan-nefqa amministrattiva għall-2025.

FI-2024, il-Bord tat-Tmexxija approva **emenda waħda għall-baġit** biex jiżdedu l-approprijazzjonijiet:¹¹²

- għar-Regolament il-ġdid tal-Eurodac u r-Regolamenti dwar l-Iskrinjar għan-nefqa amministrattiva u operattiva prevista mid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva (LFS) rispettiva: EUR 1.93 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fit-Titolu 1, u EUR 22.25 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 3;
- għall-indirizzar tad-diskrepanza baġitarja prevista fl-2024 fin-nefqa operazzjonali: EUR 17-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fit-Titolu 3, li minnhom EUR 13-il miljun huma ppjanati għall-EES u EUR 4 miljun għall-Interoperabbiltà;
- għall-indiċjar tas-salarji: EUR 0.77 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament fit-Titolu 1.

¹¹¹ Il-Ftehim ta' Kontribuzzjoni tal-UE (JUST/2024/PR/CNECT/0031) bejn l-eu-LISA u d-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST) tal-Kummissjoni Ewropea ġie ffirmat fis-17 ta' Mejju 2024.

¹¹² Id-Deċiżjoni 2024-567 tat-02.12.2024 tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA biex tiġi adottata **emenda Nru 1 għall-Baġit 2024**.

Tabella 4. Diżaggregazzjoni tal-baġit emendatorju tal-2024 (f'miljuni ta' EUR)

Titolu tal-baġit	Sistema/kompitu	Emendar tal-appropriazzjonijiet ta' Impenn tal-baġit	Appropriazzjonijiet ta' pagament
A01 Nefqa fuq il-Persunal		2.70	2.70
B03 Nefqa operazzjonali li minnhom	Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES)	13.00	
	Eurodac	22.25	
	Interoperabbiltà	4.00	
Total		41.95	2.70

Eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn

Fl-2024, l-Aġenzija mmaniġġjat baġit ta' **EUR 307.39 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn** (C1¹¹³), maqsum fost it-titoli differenti kif ġej:

- 7.7 % (EUR 23.64 miljun) għan-nefqa infrastrutturali u operazzjonali (Titolu 2);
- 14.9 % (EUR 45.66 miljun) għan-nefqa fuq il-persunal (Titolu 1),
- 77.5% (EUR 238.09 miljun) għall-baġit operattiv (Titolu 3).

Fir-rigward tat-Titolu 3, minħabba n-natura pluriennali tal-kuntratti użati biex jappoġġaw l-operazzjonijiet ewlenin, EUR 197.54 miljun ta' appropriazzjonijiet ta' impenn miftuħa previsti għall-2024 ġew awtomatikament riportati biex jintużaw fl-2025 kif ukoll fis-snin ta' wara. Għal diżaggregazzjoni dettaljata, jekk jogħġbok irreferi għall-Anness II.

Sa tmiem is-sena finanzjarja, ir-rata ta' eżekuzzjoni kienet ta' **100 %** għat-Titolu 1 u t-Titolu 2.

Il-baġit operattiv, li jammonta għal EUR 238.09 miljun, ġie implimentat 100 %.

Fl-2024, l-Aġenzija kkanċellat EUR 13.55 miljun mill-appropriazzjonijiet ta' impenn riportati mis-snin preċedenti, li jirrappreżentaw 3.9% tat-total tal-appropriazzjonijiet riportati fit-Titolu 3 – nefqa operazzjonali. Id-diżimpenji huma miġbura fil-qosor fit-tabella ta' hawn taħt skont is-sena tal-orġini tal-impenn legali sottostanti.

Tabella 5. Diżimpenji baġitarji fl-2024 skont is-sena tal-orġini (f'miljuni ta' EUR)

Kapitolu tal-Baġit	Artikolu tal-Baġit	2019	2020	2021	2022	2023	Total
Infrastruttura	infrastruttura ta' sistema kondiviża		-0.05	-0.98			-1.03
	Sit ta' backup – kostijiet operazzjonali					-0.00	-0.00
	networks					-0.01	-0.01
Affarijiet Interni	SIS II	-0.30	-0.27	-0.05	-0.17		-0.79
	VIS/BMS					-0.05	-0.05
	EES		-0.18	-0.00	-6.06	-0.20	-6.44
	ETIAS		-1.13	-0.06	-0.01	-0.02	-1.22
	Eurodac			-0.01	-0.00	-0.00	-0.01
	Interoperabbiltà		-0.02	-0.07	-1.01	0	-1.10
Ġustizzja	ECRIS			-0.06		-0.00	-0.06
	E-CODEX					-0.00	-0.00
Attivitajiet ta' appoġġ operattiv	appoġġ operattiv				-0.34	-2.49	-2.83
Total		-0.30	-1.66	-1.23	-7.59	-2.78	-13.55

Taħt appoġġ operattiv, EUR 2.83 miljun jirreferu għal kanċellazzjonijiet ta' appropriazzjonijiet ta' impenn baġitarju li għalihom id-data tat-tmiem tal-kuntratt tkun intlaħqet, u ma kinux meħtieġa dispożizzjonijiet previsti kuntrattwalment, eż., diżimpenji relatati ma' kuntratti ta' appoġġ estern, li jinkludu kostijiet żejda għas-sahra, il-bqija tal-laqgħat tal-Grupp Konsultattiv u attivitajiet ta' taħriġ għall-Istati Membri.

¹¹³ Appropriazzjonijiet għas-sena (jiġifieri, baġit inizjali + baġit emendatorju ± trasferimenti). Dawn huma appropriazzjonijiet "reċenti", imdaħħla fil-baġit fil-bidu tas-sena finanzjarja, u jistgħu jiġu ttrasferiti jew supplimentati minn appropriazzjonijiet minn baġit emendatorju.

Eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament¹¹⁴

L-Aġenzija mmaniġġjat il-baġit finali totali vvutat ta' **EUR 260.11 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament**, permezz ta' 3 268 tranżazzjoni ta' pagament. Fi tmiem l-2024, l-eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-krediti C1 laħqet 97.35 % u 2.65 % tan-nefqa amministrattiva ġiet riportata għall-2025. L-ebda appropriazzjoni ta' pagament (krediti C1) ma ġiet irritornata lill-baġit ġenerali tal-UE:

- Taħt it-Titolu 1, ir-rata ta' eżekuzzjoni għall-appropriazzjonijiet kienet ta' 99 %, b'1 % riportati awtomatikament.
- Skont it-Titolu 2, ir-rata ta' eżekuzzjoni laħqet it-72.8 %, 27.2 % riportati awtomatikament għall-2025.
- Taħt it-Titolu 3, ġew eżegwiti 100 % tal-appropriazzjonijiet.

85.5 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament riportati mill-2023 għall-2024 f'nefqa amministrattiva ġew eżegwiti.

L-appropriazzjonijiet iskritti fit-Titolu 1 (infiq fuq il-persunal) u fit-Titolu 2 (infiq fuq l-infrastruttura u l-operat) joperaw bħala appropriazzjonijiet mhux differenzjati. Għalhekk, l-appropriazzjonijiet ta' impenn taħt it-Titolu 1 (nefqa fuq il-persunal)¹¹⁵ li jammontaw għal EUR 0.46 miljun, u taħt it-Titolu 2 (nefqa għall-infrastruttura u nefqa operazzjonali) li jammontaw għal EUR 6.42 miljun, li kienu għadhom ma tħallsux fl-2024 u li għalihom jeżisti impenn legali validu, ġew riportati għall-2025 flimkien mal-appropriazzjonijiet ta' pagament korrispondenti, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA.

Taħt it-Titolu 3, l-akbar proporzjon ta' appropriazzjonijiet ta' pagament intefaq fuq l-Interoperabbiltà, l-EES, l-infrastruttura tas-sistemi kondiviżi u n-networks. Id-diżaggregazzjoni tal-krediti ta' pagament eżegwiti għall-baġit operattiv hija pprovduta fil-paġni li ġejjin.

Aktar dettalji dwar is-sorsi kollha ta' fondi huma ppreżentati fl-Anness II.

Żmien għall-ħlas


Iż-żmien medju għall-ħlas għat-tipi kollha ta' pagamenti baqa' ferm taħt il-limiti ta' żmien stipulati: 15.8 jum għal pagamenti ta' 30 jum, u 38.4 jum għal pagamenti ta' 60 jum. Il-ħlas lill-kredituri tagħha fil-ħin juri l-effiċjenza tal-prestazzjoni finanzjarja tal-eu-LISA.

B'mod ġenerali, 98.2 % tat-tranżazzjonijiet kollha saru fi ħdan il-limitu ta' żmien kuntrattwali. B'kollox ġew posposti 58 pagament, li 16 minnhom irriżultaw f'imgħax ta' inadempjenza, li jammonta għal EUR 12 014.06 pagabbli lill-kredituri.


Implimentazzjoni tal-baġit

Bħala parti mill-qafas ta' rapportar annwali tagħha, l-Aġenzija tippubblika r-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit u l-indikaturi tal-prestazzjoni tagħha.

Illustrazzjoni 1. Konsum ta' appropriazzjonijiet ta' impenn C1 (f'miljuni ta' EUR)




Illustrazzjoni 2. Xejriet fil-konsum ta' fondi impenjati u bbaġitjati matul is-sena (f'miljuni ta' EUR)




¹¹⁴ Krediti C1 bħala baġit ivvutat.

¹¹⁵ L-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament relatati mar-remunerazzjonijiet mhumiex riportati.


Illustrazzjoni 3. Eżekuzzjoni ta' approprjazzjonijiet ta' impenn taħt it-Titolu 3 (f'miljuni ta' EUR)




Illustrazzjoni 4. Konsum ta' approprjazzjonijiet ta' pagament C1 (f'miljuni ta' EUR)




Illustrazzjoni 5. Xejriet fil-konsum ta' fondi mħallsa u bbaġitjati matul is-sena (f'miljuni ta' EUR)




Illustrazzjoni 6. Approprjazzjonijiet ta' pagament eżegwiti taħt it-Titolu 3 (f'miljuni ta' EUR)




Illustrazzjoni 7. L-evoluzzjoni ta' kull xahar taż-żmien ġenerali għall-ħlas (fi ġranet)
A1 Nefqa fuq il-Persunal **A2** Nefqa Infrastrutturali u Operattiva **B03** Nefqa Operazzjonali / medja



Illustrazzjoni 8. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 30 jum




Illustrazzjoni 9. Pagamenti fi ħdan il-limitu ta' żmien ta' 60 jum



2.3.3. PROĊEDURI TA' AKKWIST

Il-volum ta' impenji legali u attivitajiet ta' akkwist ġenerali kompli jiżdied fl-2024 b'1 504 kuntratti ffirmati matul is-sena, li jammontaw għal żieda ta' 10 % mill-2023, b'1 367 tranżazzjoni ffirmati. Fl-2024, il-proċedura nnegozjata għal kuntratti ta' valur baxx ħafna baqgħet l-aktar proċedura ta' akkwist użata.

Illustrazzjoni 10. Kuntratti, emendi fil-kuntratti u talbiet għal servizzi ffirmati fl-2023 u fl-2024



EN	TL
contracts, contract amendments and service requests signed	kuntratti, emendi fil-kuntratti u talbiet għal servizzi ffirmati
service requests	talbiet għal servizz
specific contract / order form	kuntratt speċifiku / formola tal-ordni
framework contracts, direct contracts and purchase orders in total	kuntratti qafas, kuntratti diretti u ordnijiet ta' xiri b'kollox

Tabella 6. Perċentwal tal-proċeduri ta' akkwist skont it-tip użati fl-2024

Tip ta' Proċedura/Bażi Legali	Kjavi lokali tal-proċedura	Perċentwal	Ammont mogħti tal-Lott tal-Proċedura (EUR)
Proċedura nnegożjata b'kuntratt ta' valur baxx	11	17,74 %	159,826.41
Proċedura nnegożjata b'kuntratt ta' valur medju	2	3,22 %	208,000.00
Proċedura nnegożjata b'kuntratt ta' valur baxx ħafna	40	64,51 %	333,113.83
Proċedura nnegożjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel	5	8,06 %	18,024,329.28
A. Proċedura miftuħa	3	4,83 %	84,369,478.00
Proċedura ristretta mingħajr sistema dinamika ta' xiri	1	1,61 %	2,500,000.00
	62		105,594,747.52

Fl-2024, l-Aġenzija ffirmat il-kuntratt li ġej taħt il-punt 11.1(a, b, e u g) tal-Anness I tar-Regolament Finanzjarju tal-UE:

Numru tal-proċedura:	Titolu	Kuntrattur	Ammont (f'EUR)	Bażi legali
LISA/SXB/2024/NP/0005	Programm ta' Żieda fil-Kapaċità	SOCOTEC CONSTRUCTION SAS	500,000.00	Anness 1 - 11.1 (a)
LISA/2023/NP/02	Forniment ta' servizzi mediċi (eżaminazzjoni u prevenzjoni medika) - Tallinn, l-Estonja	MELIVA AS	150,000.00	Anness 1 - 11.1 (a)
LISA/SXB/2024/NP/0007	Xiri ta' għamara użata għall-bini tal-eu-LISA	ADIDAS FRANCE	400,000.00	Anness 1 - 11.1 (b)
LISA/SXB/2024/NP/0002 (LISA/2020/OP/01)	Żieda ta' limitu massimu għal LISA/2020/OP/01 - Servizzi ta' manutenzjoni tal-bini għall-bini tal-eu-LISA fi Strażburgu	AXIMA CONCEPT	3,500,000.00	Anness 1 - 11.1 (e)
LISA/2023/NP/06	Kiri ta' bini għall-eu-LISA fi Strażburgu, Franza	GROUPAMA GAN PIERRE 1	13, 474 329.28	Anness 1 – 11.1 (g) – Kuntratti ta' bini

2.4. ID-DELEGA/SOTTODELEGA TAS-SETGĦAT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-BAĠIT LILL-PERSUNAL

Skont l-Artikoli 41 u 46 tar-Regoli Finanzjarji tal-eu-LISA, l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni jiddelega s-setgħat ta' implimentazzjoni tal-baġit lil Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni maħtura l-aktar fil-livell ta' Kap tal-Unità jew tad-Dipartiment. Dawn id-delegi jiġu applikati abbażi tal-matriċi tas-sjieda tal-baġit, stabbilita fi ħdan l-eu-LISA permezz ta' deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv bħala l-allokazzjoni tal-awtorità u r-responsabbiltà lill-persunal maħtur abbażi tal-funzjoni maniġerjali tiegħu fi ħdan l-organizzazzjoni fuq l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-riżorsi baġitarji fiċ-ċirkwiti finanzjarji kollha. Id-delega tas-setgħa tinsab fil-livell ta' linja baġitarja għas-sorsi kollha tal-fondi. Din titwettaq minn persunal maħtur formalment għal dak ir-rwol minn deċiżjoni tal-ED għal ammont speċifikat jiġifieri, limitu massimu finanzjarju.

Is-sistema ta' delega:

- ma għandhiex limiti ta' żmien minbarra l-possibbiltà ta' rtirar mid-deċiżjoni tal-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni;
- ma taħsibx għal sottodelegi;
- m'hijiex soġġetta għal sett ta' kontrolli u rekwiżiti ta' rapportar deskritti fil-Karta għall-Uffiċjali tal-Awtorizzazzjoni;
- hija bbażata fuq analiżi tar-riskju regolari mwettqa mill-Unità tal-Baġit u l-Finanzi.

Fuq bażi annwali, kull Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni b'delega huwa meħtieġ jipprovdi dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni lid-Direttur Eżekuttiv.

2.5. ĠESTJONI TAR-RIŻORSI UMANI

Bidliet fit-Tabella tal-Persunal

It-tabella tal-persunal inizjali tal-eu-LISA għall-2024, kellha **401 kariga awtorizzata**, li kienu jinkludu 228 aġent temporanju (TA), 162 aġent kuntrattwali (CA), u 11-il espert nazzjonali sekondat (ENS). F'Novembru 2024, biex jiġu integrati l-bidliet li jirriżultaw mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, it-tabella tal-persunal tal-eu-LISA **żdiedet għal 421 kariga**, filwaqt li żdied l-għadd ta' aġenti temporanji (239) u aġenti kuntrattwali (171). L-għadd ta' karigi tal-ENS ma nbidilx matul dan il-perjodu.

Eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-persunal

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Qafas, u l-metodoloġija adottata mill-Kapijiet ta' Amministrazzjoni tal-Aġenzija tal-UE, l-eu-LISA wettqet l-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva annwali tagħha biex tidentifika l-**proporzjon ta' persunal amministrattiv meta mqabbel mal-persunal operattiv**. Ġeneralment jitqies li distribuzzjoni ottimali tal-karigi u tal-persunal għandha tkun ta' madwar 70 % għal attivitajiet operattivi, 20 % għal kompiti ta' appoġġ amministrattivi u ta' koordinazzjoni, u 10 % għal attivitajiet (finanzjarji) newtrali. Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva tal-2024 indikaw li d-distribuzzjoni tal-persunal tal-eu-LISA hija kif ġej: 70.6 % fid-dmirijiet operattivi, 18.6 % fil-kompiti amministrattivi u ta' koordinazzjoni, u 10.7 % f'funzjonijiet newtrali, li jirrifletti titjib meta mqabbel maċ-ċifri rrapportati fl-2023.

Rappreżentanza tal-ġeneri u nazzjonali

Fl-2024, il-persunal tal-Aġenzija jinkludi individwi minn **23 nazzjonalità**: 22 Stat Membru tal-UE u r-Renju Unit. Peress li s-sede tal-eu-LISA tinsab fl-Estonja, u s-sit operattiv fi Franza (ħlief l-e-CODEX fl-Estonja), l-Aġenzija ma tqisx il-perċentwal għoli tan-nazzjonalità Franċiża – 21.86 % – distorsjoni sinifikanti tal-bilanċ ġeografiku ġenerali. Madankollu, l-eu-LISA kompliet thegħeġ il-parteċipazzjoni ta' nazzjonalitajiet sottorappreżentati fil-proċess tal-għażla u qieset in-nazzjonalità meta għażlet kandidati xierqa mil-listi ta' riżerva disponibbli.

Għalkemm l-eu-LISA osservat xejra pożittiva meta mqabbla mas-snin preċedenti fir-rappreżentanza tal-ġeneri, fl-2024 kien hemm tnaqqis żgħir (0.35 %) peress li l-għadd dejjem jikber ta' karigi mhuwiex akkumpanjat minn aktar applikazzjonijiet mill-ġeneru sottorappreżentat. Barra minn hekk, diversi membri tal-persunal femminili rriżenjaw matul is-sena. Ir-**rappreżentanza tan-nisa kienet ta' 34.15 % b'mod ġenerali u 27.27 % fost il-manijers**, simili għas-snin preċedenti. Biex ittejjeb is-sitwazzjoni, l-eu-LISA kompliet tattendi l-fieri tal-industrija u tiċċirkola l-avviżi tal-pożizzjonijiet vakanti f'fora ddedikati.

L-akkwist u l-iżvilupp tat-talenti

L-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha biex iżżid ir-rata ta' okkupanza tagħha. Madankollu, minħabba bidliet li rriżultaw mill-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, it-tabella tal-persunal tal-eu-LISA żdied f'Novembru. Il-perjodu disponibbli għar-reklutaġġ ta' persunal addizzjonali ma kienx biżżejjed biex jiġi konkluż il-proċess ta' reklutaġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodi ta' avviż statutorji għall-impjegaturi attwali tal-kandidati.

Matul is-sena, l-Aġenzija kompliet tadotta approċċ aktar effettiv għall-ġestjoni tal-listi ta' riżerva u l-proċeduri tal-għażla. Meta wieħed iqis ir-reklutaġġi li ġejjin għal funzjonijiet ewlenin tal-IT kif ukoll l-inizjattiva biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-iżvilupp interni (inġinerija tas-software, għarfien espert dwar is-soluzzjonijiet), l-eu-LISA stabbiliet żewġ gruppi ta' talent fuq skala kbira fil-livelli AD5 u AD6. L-Aġenzija kompliet tuża wkoll il-listi ta' riżerva tal-EPSo u l-listi ta' riżerva kondiviżi ma' aġenziji oħra.

Biex tkompli ssaħħaħ ir-reklutaġġ tagħha, l-eu-LISA stabbiliet mira ta' 100 jum għall-proċess tal-għażla tagħha, biex b'hekk tnaqqas b'mod sinifikanti d-durata tal-proċess. Dan ta' spinta sinifikanti kemm lill-kwantità kif ukoll lill-kwalità tal-applikazzjonijiet. Dan il-progress ippermetta li jimtlew pożizzjonijiet kritiċi fl-organizzazzjoni kollha. L-istadji importanti ewlenin kienu jinkludu t-tlestija b'suċċess ta' għażliet multipli, inklużi dawk għall-Viċi Direttur Eżekuttiv, il-Kapijiet tal-Unitajiet, il-Kapijiet tad-Dipartimenti, u rwoli speċjalizzati fl-IT, it-tiżiħ tal-kapaċità li jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi tal-Aġenzija. Madankollu, filwaqt li l-eu-LISA rreklutat għadd kbir ta' persunal ġdid fl-2024, ħafna minn dawn ir-reklutaġġi kellhom impatt newtrali fuq l-għadd totali ġenerali tal-persunal, peress li fost 63 kandidat magħżula fl-2024, 21 kienu kandidati interni li għaddew minn proċedura tal-għażla.

Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala impjegatur tal-għażla fix-xenarju tal-IT. L-Aġenzija espandiet il-programm ta' internship tagħha biex tinkludi interns fl-operazzjonijiet, b'enfasi partikolari fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma STEM¹¹⁶ biex trawwem id-diversità bejn il-ġeneri u tibni għadd b'saħħtu ta' professjonisti futuri.

2.6. STRATEĠIJA GĦAL TITJIB FL-EFFIĊJENZA

L-Aġenzija kontinwament kellha l-għan li ttejjeb l-effiċjenza u l-użu mtejjeb tar-riżorsi tagħha biex tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ĠAI tal-UE.

L-użu ta' **soluzzjonijiet diġitali**, bħall-kapaċitajiet ta' vidjokonferenzi għal-laqqgħat (interni, bejn l-aġenziji, il-Kummissjoni), irriżulta f'iffrankar baġitarju mill-kostijiet tal-missjonijiet, filwaqt li naqqas ukoll l-impronta tal-karbonju ġenerali tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet twettaq il-biċċa l-kbira tal-**attivitajiet ta' taħriġ online** tagħha (96 % tal-parteċipanti online), li għenu biex jitnaqqsu l-kostijiet u l-ammont ta' xogħol tal-persunal tal-eu-LISA, filwaqt li pprovdew ukoll opportunitajiet ta' iffrankar tal-kostijiet għall-Istati Membri f'termini

¹¹⁶ STEM tirrappreżenta x-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika.

ta' żmien imqatta' u l-kost tal-parteċipazzjoni. Aktar titjib fl-effiċjenza huwa ġġenerat mill-fatt li l-biċċa l-kbira tal-materjali tat-taħriġ online jistgħu jerġgħu jintużaw.

Fir-reklutaġġ. L-Aġenzija kisbet effiċjenzi addizzjonali permezz ta' kollaborazzjoni ma' aġenziji oħra fl-akkwist konġunt għall-pubblikazzjoni ta' avviżi ta' pożizzjonijiet vakanti u permezz tal-iskambju ta' listi ta' riżerva stabbiliti ta' kandidati magħżula. Barra minn hekk, l-eu-LISA kompliet tirrevedi l-istrateġija ta' akkwist tagħha, meħtieġa b'mod kritiku biex tippermetti allokkazzjoni aħjar tal-appoġġ estern abbażi tal-ħtiġijiet tal-Aġenzija, li jirriflettu tipi differenti ta' servizzi f'tipi differenti ta' kuntratti. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-aġġustamenti meħtieġa biex jerġa' jinkiseb il-kontroll tal-proċessi u l-funzjonijiet kritiċi biex jiġi żgurat kontroll aħjar fuq il-konfigurazzjoni tal-arkitettura tal-interoperabbiltà u jiġu żviluppati rekwiżiti għal sistemi ġodda. B'mod parallel, l-Aġenzija stabbiliet kuntratt qafas ġdid għall-akkwist ta' persunal *interim*. Dan se jappoġġa ġestjoni baġitarja soda, filwaqt li jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali aħjar tar-riżorsi umani tal-eu-LISA.

Fil-ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti, l-Aġenzija ġeddet l-għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti tagħha biex tissimplifika l-aċċess permezz ta' interfaċċa ta' punt uniku ta' servizz għal kontroll u monitoraġġ imtejjeb tal-iskadenzi kuntrattwali u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni. Madankollu, huwa ppjanat aktar titjib sabiex l-għodda ssir aktar effettiva u komprensiva. Barra minn hekk, l-eu-LISA ngħaqdet mal-għodda tal-PPMT tal-Kummissjoni għall-pubblikazzjoni ta' avviżi u dokumenti ta' akkwist f'Tenders Electronic Daily u fil-Portal tal-Finanzjament u tal-Offerti. Barra minn hekk, l-Aġenzija adottat **proċess ta' negozjar tal-prezzijiet** għal kontroll aħjar fuq iċ-ċiklu tal-ħajja kuntrattwali u l-kwalità tal-akkwist, u b'hekk tiżgura użu aktar kosteffettiv tar-riżorsi finanzjarji.

Fir-rigward tal-operazzjonijiet, l-eu-LISA għamlet sforz sinifikanti fl-implimentazzjoni ta' **modi aktar aġli ta' ħidma fuq skala**, filwaqt li saħħet it-transversalità billi daħħlet timijiet differenti taħt skwadri transfunzjonali temporanji biex iwettqu proġetti kritiċi, u kompliet timmodernizza l-mudell operattivi tagħha lejn inqas dipendenza fuq kuntratturi esterni. B'mod partikolari, l-Aġenzija bdiet l-iżvilupp tal-Eurodac il-ġdida billi ppilotat approċċ ta' żvilupp ġdid, bl-għan li tittrasforma l-eu-LISA minn fornitur tas-servizz f'sieħeb kummerċjali għall-Istati Membri. Barra minn hekk, biex iżżid l-effiċjenza, l-Aġenzija nediet **l-inizjattiva Software Factory (SoFa)** li tipprovdi qafas standardizzat għall-iżvilupp ta' software aġli u iterattiv, biex tissimplifika l-produzzjoni, taċċellera t-twassil, filwaqt li tagħmel ukoll tranżizzjoni għal żvilupp aktar kosteffettiv u skalabbli.

Biex tnaqqas il-pressjoni fuq il-kostijiet tal-**infrastruttura**, l-Aġenzija qed teżamina **soluzzjonijiet tat-teknoloġija tal-cloud** u metodi biex tistandardizza l-manutenzjoni tas-sistema. FI-2024, l-Aġenzija stabbiliet pjattaforma komprensiva tal-cloud (CCP) u skjerat l-ewwel sistema bbażata fuq il-cloud tagħha – l-e-CODEX. Is-CCP se toffri struttura aktar mgħaġġla u skalar aktar faċli tal-ambjenti tal-applikazzjoni, peress li ma teħtieġ l-ebda akkwist ta' hardware. L-Aġenzija abbozzat ukoll l-istrateġija tagħha dwar il-cloud bil-għan li tadotta teknoloġiji tal-cloud sovrani (fi ħdan il-possibbiltajiet mogħtija mill-qafas legali). L-istrateġija dwar il-cloud ġiet adottata mill-Bord tat-Tmexxija f'Jannar 2025.¹¹⁷

Barra minn hekk, l-eu-LISA wettqet immappjar intern tal-każijiet ta' użu fejn l-**intelliġenza artifiċjali** (IA ġenerattiva) tista' ttejjeb jew tappoġġa l-effiċjenza korporattiva u operattiva, biex tottimizza l-kompiti ripetittivi jew ta' valur baxx, u tippermetti lill-persunal jiffoka fuq attivitajiet ta' valur ogħla. L-ewwel proġetti pilota se jiġu skjerati fl-2025. L-għodod ġenerattivi tal-IA tal-Kummissjoni saru disponibbli għall-persunal kollu, li wasslu għal titjib fl-effiċjenza, eż. fit-traduzzjoni tad-dokumenti, jew billi naqqsu drastikament l-ammont ta' xogħol u l-ħin meħtieġ għall-minuti tal-laqqgħat permezz tal-modulu tad-diskors għat-test.

FI-2024, l-eu-LISA nediet studju biex tivvaluta kif id-**diġitalizzazzjoni** tista' tappoġġa u tiġġestixxi l-proċessi interni tagħha b'mod aktar effiċjenti, billi tiffaċilita l-aċċess u ssaħħaħ il-konformità. L-Aġenzija kompliet ukoll tinvesti d-diġitalizzazzjoni tal-proċessi interni u l-għodod tal-IT tagħha biex tiffaċilita l-ħidma ta' kuljum. Pereżempju, **il-fajls tal-HR ġew diġitalizzati**, u b'hekk id-dokumentazzjoni kollha saret disponibbli għall-persunal permezz ta' Sysper, inkluż it-titjib tad-disponibbiltà tad-dokumentazzjoni amministrattiva u l-iżvilupp tal-karriera. L-Aġenzija ddiġitalizzat ukoll l-evalwazzjoni u r-rapportar tal-probazzjoni u ssimplifikat il-proċess ta' evalwazzjoni, li jagħmlu aktar aġli u effettiv.

Sabiex tiżgura l-monitoraġġ effettiv tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI, l-eu-LISA kompliet ittejjeb l-għodod tas-servizzi operattivi tagħha billi mxiet lejn ekosistema tal-IT kompluta. Filwaqt li tiegħu vantaġġ mill-kapaċitajiet tal-IA u tal-magni, l-eu-LISA wriet **sistema ġdida ta' ġestjoni tal-avvenimenti** għall-monitoraġġ u l-ġestjoni f'ħin reali tal-avvenimenti fis-sistemi u fl-infrastruttura kollha biex jitnaqqas il-ħin tar-rispons u tiġi ffaċilitata riżoluzzjoni aktar rapida tal-inċidenti. B'mod parallel, l-Aġenzija bdiet timplimenta **għodda ġdida għall-ħruġ ta' biljetti** (ServiceNow, Snow) biex issolvi l-kwistjonijiet b'mod aktar effiċjenti u ttejjeb l-esperjenza tal-klijenti, filwaqt li tippermetti ġestjoni tal-proċess aktar kosteffiċjenti fil-futur.

¹¹⁷ *eu-LISA's Cloud Strategy for Core Business Systems: A Hybrid Multi-Cloud Hosting Framework*, (Strateġija tal-Cloud tal-eu-LISA għas-Sistemi Ewlenin tan-Negozju: Qafas Ibridu ta' Hosting Multi-Cloud), adottata fl-2025.

2.7. VALUTAZZJONI TAR-RIŻULTATI TAL-AWDITJAR U TAL-EVALWAZZJONI EX POST

2.7.1. IS-SERVIZZ TAL-AWDITJAR INTERN TAL-KUMMISSJONI U L-KAPAĊITÀ TAL-AWDITJAR INTERN TAL-EU-LISA

Matul is-sena, il-kapaċità tal-awditjar intern tal-eu-LISA (IAC) serviet bħala punt ta' kuntatt għas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea (IAS), għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) u għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Dan ir-rwol hu importanti fl-iżgurar tal-interruzzjoni minima fl-operat regolari tal-Aġenzija u biex jevita d-duplikazzjoni tal-isforzi.

Tabella 7. Sommarju tas-suġġetti tal-awditu intern koperti fl-2024

Awditur	Suġġett tal-awditu ppreżentat ¹¹⁸	Tematika u riżultati
IAC	Valutazzjoni tar-riskju tal-awditjar tal-infrastruttura tal-IT korporattiva tal-Aġenzija - fokus fuq is-sigurtà tal-IT	L-oġġettiv kien li tiġi pprovduta assigurazzjoni indipendenti, oġġettiva u raġonevoli dwar l-adeqgatezza tat-tfassil tal-kontrolli interni stabbiliti biex jiġi minimizzat l-impatt fuq in-negozju tal-vulnerabbiltajiet u l-inċidenti tas-sigurtà tal-informazzjoni fil-mandat tal-ġestjoni tas-sistema tal-ICT korporattiva tal-Aġenzija. Ir-riżultat iddeskriva r-riskji residwi identifikati fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ħames oġġettivi ta' kontroll, wara evalwazzjoni tal-eżistenza tal-kontrolli interni mistennija u tal-adeqgatezza tad-disinn tagħhom. Ittieħdu azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa.
IAC	Awditu taċ-ċirkwiti finanzjarji tal-eu-LISA - inkluż il-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-ABAC (assigurazzjoni)	Il-kontrolli interni fis-seħħ għaċ-Ċirkwiti Finanzjarji tal-eu-LISA huma mfassla b'mod adegwat u joperaw b'mod effettiv sabiex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet finanzjarji jiġu pproċessati b'mod preċiż, effiċjenti u f'konformità mar-regolamenti, mar-regoli, mal-politiki u mal-proċeduri applikabbli. Il-Kap tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern, bħala Verifikatur Newtrali, jivvalida wkoll il-konformità tad-drittijiet ta' aċċess għall-ABAC kontra r-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni u l-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni b'delega f'konformità mal-proċeduri permanenti fis-seħħ fl-eu-LISA mill-15/05/2024. Wara l-awditu, ġie stabbilit Pjan ta' Azzjoni xieraq.
IAC	Awditjar tal-proċessi tal-Kontroll Intern u tal-Ġestjoni tar-Riskju (assigurazzjoni)	Il-kontrolli interni stabbiliti għall-proċessi tal-Kontroll Intern u l-Ġestjoni tar-Riskju huma mfassla b'mod adegwat, joperaw b'mod effettiv u effiċjenti biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-oġġettivi tal-Aġenzija stabbiliti għaż-żewġ proċessi jintlaħqu. Wara l-awditu, ġie stabbilit Pjan ta' Azzjoni xieraq.
IAC	Awditjar tas-Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali tal-Aġenzija (assigurazzjoni)	Il-kontrolli interni għas-sistema ta' ġestjoni ambjentali huma mfassla b'mod adegwat u joperaw b'mod effettiv sabiex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-eu-LISA: - tiġġestixxi u ttaffi kif xieraq l-impatti ambjentali kollha tal-attivitajiet tagħha fil-bini u fl-uffiċċji tagħha f'Tallinn, fi Strażburgu u fi Brussell, - tikseb l-oġġettivi tal-2024 stabbiliti għall-EMS, - tkun f'pożizzjoni relattivament b'saħħitha u skont l-approċċ tal-awditur estern, ikun hemm possibbiltajiet tajbin li tinkiseb ir-reġistrazzjoni fl-EMAS. Madankollu, għad fadal xogħol xi jsir biex tissaħħaħ il-konformità fl-oqsma kollha u jintlaħqu l-aspettattivi sħaħ tal-proċess ta' reġistrazzjoni tal-EMAS. Wara l-awditu, ġie stabbilit Pjan ta' Azzjoni xieraq.
IAC	Awditjar tal-proċess ta' Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni (assigurazzjoni)	Il-kontrolli interni stabbiliti għall-proċess ta' Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni operattiva huma mfassla b'mod adegwat u qed joperaw b'mod effettiv u effiċjenti biex jipprovdu assigurazzjoni raġonevoli li l-oġġettivi tal-Aġenzija stabbiliti għall-proċess jintlaħqu. Wara l-awditu, ġie stabbilit Pjan ta' Azzjoni xieraq.
IAC	Proċeduri tal-awditjar relatati mal-Istrateġija tal-Aġenzija Kontra l-Frodi (assigurazzjoni)	L-Aġenzija kisbet b'mod raġonevoli l-oġġettivi stabbiliti fl-Istrateġija Kontra l-Frodi għall-perjodu 2022-2024. Madankollu, l-opportunitajiet li ġejjin għat-tisħiħ tal-kontrolli interni fis-seħħ biex jittaffa r-riskju ta' frodi huma: 1. Il-maniġment għandu jmexxi bl-eżempju u jistimola l-parteċipazzjoni tal-persunal f'sessjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-integrità, l-etika u l-ġlieda kontra l-frodi.

¹¹⁸ **Assigurazzjoni:** valutazzjoni indipendenti tal-effettività tal-proċessi ta' ġestjoni, kontroll u governanza tar-riskju. **Koordinazzjoni** ma' awditu estern u ma' funzjonijiet oħra ta' kontroll u monitoraġġ interni: kopertura u assigurazzjoni li l-isforzi duplikati jiġu minimizzati fejn possibbli. **Servizzi ta' konsulenza:** attivitajiet mitluba mill-maniġment, li n-natura u l-ambitu tagħhom jiġu miftiehma mad-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA. Dawn huma maħsuba biex iżidu l-valur u jtejbju l-proċessi ta' governanza, ta' ġestjoni tar-riskju u ta' kontroll tal-eu-LISA.

Awditur	Suġġett tal-awditu ppreżentat ¹¹⁸	Tematika u riżultati
		2. Il-maniġment għandu jsaħħaħ l-implimentazzjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni dwar il-Gwida għall-Missjonijiet adottati mill-Aġenzija. 3. Il-Bord tal-Kwalità għandu jibda jipprovdi assigurazzjoni lill-maniġment superjuri dwar il-kisba tal-kriterji u l-indikaturi tal-kwalità fl-oqsma operattivi ewlenin tal-Aġenzija, jiġifieri t-tmexxija tal-programmi u tal-proġetti, it-tmexxija operattiva tas-sistemi tan-negozju ewlenin, il-proċessi korporattivi. 4. It-tkomplija tat-tweqqif u d-dokumentazzjoni sfiha ta' rieżamijiet regolari dwar il-kontijiet tal-persunal u tal-utenti esterni għas-sistemi kollha ta' komunikazzjoni u informazzjoni tal-eu-LISA sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-politiki u l-istandards ta' sigurtà applikabbli, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà li għandhom jiġu sfruttati minn awturi potenzjali ta' frodi. 5. L-Istrateġija ta' Kontroll għandha tiġi approvata b'mod formali u inkluża f'sistema ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva tagħha. Dan it-titjib potenzjali kollu se jiġi kkunsidrat meta titħejja l-Istrateġija Kontra l-Frodi għaċ-ċiklu li jmiss 2025-2027.
IAC, IAS, QEA	Segwitu tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar	L-awdituri kkonfermaw 17-il rakkomandazzjoni tal-awditjar kif implimentati bis-siġħ u għalqu. Id-dettalji huma disponibbli fil-kapitolu ddedikat ta' hawn taħt.
IAC	Monitoraġġ integrat u rapportar dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar miftuħ	L-oġġettiv tal-monitoraġġ kien li jikkonferma li l-kwistjonijiet jiġu solvuti, u li jiġi implimentat titjib. L-IAC timmonitorja u tirrapporta lill-governanza tal-eu-LISA dwar il-progress li tagħmel l-Aġenzija bl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti għal diversi rakkomandazzjonijiet tal-awditjar.
QEA	Il-legalità u r-regolarità tal-Kontijiet tal-2023 - finali	L-IAC ikkoordinat u ffaċilitat il-ħidma kemm mat-tim tal-awditjar tal-QEA kif ukoll mat-timijiet tal-eu-LISA kkonċernati mill-awditu. Minħabba l-opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti, l-IAC iffaċilitat ukoll il-proċedura kontradittorja estensiva bejn l-awditur tal-QEA u l-maniġment tal-eu-LISA u t-tħejja tal-pjan ta' azzjoni tal-Aġenzija biex tindirizza l-ożservazzjonijiet tal-QEA. Id-dettalji huma disponibbli fil-kapitolu ddedikat ta' hawn taħt.
IAC	Valutazzjoni annwali tar-riskju tal-awditjar tal-IAC	Il-ħidma kienet tikkonsisti fl-organizzazzjoni ta' workshops u rieżamijiet mal-maniġment, il-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni rilevanti u l-abbozzar ta' rapporti dwar ir-riskju fil-livell tal-unità, tad-dipartiment u tal-Aġenzija. Il-valutazzjoni kienet importanti wkoll biex jiġi żgurat il-fehim u t-trasferiment xierqa tal-maniġment tas-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontroll intern wara li r-riorganizzazzjoni tal-Aġenzija ħabbet fl-14 ta' Marzu 2024 u r-riżenja tad-Direttur Eżekuttiv daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2024. Peress li l-QEA ħarġet opinjoni tal-awditjar kwalifikata oħra dwar ir-regolarità u l-legalità tal-pagamenti (filwaqt li tirrikonoxxi li l-biċċa l-kbira tat-tranżazzjonijiet ikkwalifikati bħala irregolari kienu ġejjin minn sejbiet preċedenti), l-IAC komplet twieġeb b'mod proattiv u trasparenti għal dan l-avveniment negattiv għar-reputazzjoni b'impatt għoli billi: ■ l-involvement mat-tim tal-awditjar tal-QEA biex jinftehemu s-sejbiet u r-raġunijiet wara l-opinjoni tal-awditjar kwalifikata (matul il-proċedura tal-awditjar u dik kontenzjuża), ■ il-komunikazzjoni regolari mal-governanza tal-Aġenzija dwar il-progress tal-awditjar, l-opinjoni u l-implikazzjonijiet tagħha, ■ it-tweqqif ta' analiżi tal-kawżi ewlenin biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet sottostanti li wasslu għal dik l-opinjoni tal-awditjar, ■ l-ippjanar ta' rieżamijiet ta' kontroll intern għas-sena 2025 biex jiġi evitat li jinqalgħu kwistjonijiet simili fil-futur.
IAS	Awditu tal-IAS dwar l-Akkwist u l-Ġestjoni tal-Kuntratti	L-IAC iffaċilitat b'suċċess l-implimentazzjoni tal-awditu. L-oġġettiv tal-awditu kien li jivvaluta l-adegwatezza tat-tfassil u l-effettività u l-effiċjenza tas-sistema ta' governanza, ta' ġestjoni tar-riskju u ta' kontroll intern għall-proċessi tal-akkwist u tal-ġestjoni tal-kuntratti. Għalkemm il-proċessi relatati mal-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti fl-eu-LISA huma mfassla b'mod adegwat b'mod ġenerali, ġiet identifikata dgħufija importanti hafla rigward it-titjib meħtieġ għall-għodda ta' monitoraġġ tal-kuntratti tal-Aġenzija u l-koordinazzjoni tal-monitoraġġ tal-kuntratti, li għandha impatt fuq l-effettività u l-effiċjenza tal-proċess. Wara l-awditu, ġie miftiehem Pjan ta' Azzjoni xieraq.
IAC	Legalità u regolarità tal-Kontijiet tal-2024 - interim	L-IAC iffaċilitat b'suċċess l-implimentazzjoni tal-awditu estern.

2.7.2. QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI (QEA)

FI-2024, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) iffinalizzat l-awditu annwali dwar il-kontijiet annwali tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2023. Il-Qorti awditjat il-kontijiet tal-Aġenzija (li jinkludu r-rapporti finanzjarji u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023) u l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

FI-opinjoni tal-QEA, il-kontijiet tal-eu-LISA għas-sena 2023 jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2023 (riżultati tal-operazzjonijiet, flussi tal-flus, bidliet fl-assi netti) f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni. Dawn huma bbażati fuq standards tal-kontabilità għas-settur pubbliku li huma aċċettati internazzjonalment. Madankollu, taħt it-titolu tal-osservazzjoni, il-Qorti tiġbed l-attenzjoni għan-Nota 2.2.5.3 għall-kontijiet annwali għall-2023 fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' kuntrattur ewlieni b'żewġ kuntratti qafas attivi.

FI-opinjoni tal-QEA, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha. Fir-rigward tal-pagamenti, il-QEA identifikat ammont totali ta' pagamenti ta' EUR 12.6-il miljun affettwat minn nuqqas ta' konformità, li jirrappreżenta 3.2 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli fl-2023, u b'hekk qabeż il-livell limitu ta' materjalità stabbilit għall-awditu u rriżulta f'opinjonijiet kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-ammont ta' pagament irregolari rrapportat għall-2023 (EUR 9.9 miljun ta' EUR 12.6 miljun) jirrigwarda l-osservazzjonijiet li diġà tqajmu fl-2022. F'termini tal-ammonti kkonċernati, il-biċċa l-kbira tal-kuntratti affettwati minn żball jew skadew jew ġew terminati mill-eu-LISA fl-2023. Il-QEA għamlet ukoll osservazzjonijiet dwar il-ġestjoni, is-sistemi ta' kontroll u l-ġestjoni baġitarja li ma kkontestawx l-opinjonijiet ta' hawn fuq. L-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni biex tindirizza dawn l-osservazzjonijiet.

2.7.3. IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA (EDPS)

Awditjar estern dwar il-konformità mal-protezzjoni tad-data jiffaċilitaw livell għoli ta' protezzjoni tad-data u titjib kontinwu għat-tmexxija operattiva tas-sistemi ta' informazzjoni tal-ĠAI. FI-2024, l-eu-LISA kompliet issewgi l-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet identifikati fl-awditi preċedenti tal-EDPS:

- **L-awditu tal-Eurodac, tas-SIS u tal-VIS**, imwettaq f'Ottubru 2022, irriżulta f'rapport finali li wasal f'Settembru 2023, li jinkludi 37 rakkomandazzjoni (li minnhom 29 ingħalqu sa tmiem l-2024),
- **L-awditu tas-SIS**, imwettaq f'Diċembru 2023, laħaq il-qofol tiegħu f'rapport finali li wasal f'Settembru 2024, li fih 22 rakkomandazzjoni (li minnhom 1 ingħalaq sa tmiem l-2024); il-Bord tat-Tmexxija adotta l-kummenti finali tiegħu dwar l-abbozz ta' rapport f'Ġunju 2024 li ġie adottat formalment fil-31 ta' Lulju 2024. Il-kummenti ġew sottomessi lill-EDPS fit-2 ta' Awwissu 2024, f'konformità sħiħa mal-iskadenza.

Fil-każijiet kollha, l-Aġenzija ħejjiet pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti, li jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-EDPS, filwaqt li pprovdiet ukoll rapporti trimestrali lill-EDPS, u rapporti tal-istatus dwar ir-rakkomandazzjonijiet pendenti lill-Bord tat-Tmexxija u lill-Kumitat tal-Awditjar, tal-Konformità u tal-Finanzi tagħha (ACFC).

2.8. SEGWITU GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJET TAL-AWDITJAR

2.8.1. SEGWITU GĦAR-RAKKOMANDAZZJONIJET TAL-AWDITJAR U L-PJANIJET TA' AZZJONI RELATATI

Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern tal-Aġenzija kompliet timmonitorja l-progress bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar. L-IAC ġabret aġġornamenti mis-sidien ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet u ġabret rapporti ta' monitoraġġ għad-Direttur Eżekuttiv u l-Bord tat-Tmexxija.

FI-2024, l-Aġenzija għalqet b'mod effettiv kważi r-rakkomandazzjonijiet importanti u l-eqdem kollha (flief fuq l-istrategġija tal-akkwist, ara hawn taħt) u kisbet **rata ta' implimentazzjoni għolja ħafna ta' 97 %**, b'34 rakkomandazzjoni implimentati minn 35 rakkomandazzjoni dovuti fl-2024. It-Tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-istatus tal-progress bl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar mill-IAS, mill-IAC, mill-QEA u mill-OLAF mill-31 ta' Diċembru 2024.

Tabella 8. L-istatus tal-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar mill-IAS, mill-IAC, mill-QEA u mill-OLAF

Rakkomandazzjonijiet skont il-klassifikazzjoni	Total miftuħa għall-2024	Fil-proċess	Implimentati	Diġà saru	Magħluqa	Total miftuħa fi tmien tal-2024
kritiċi	-	-	-	-	-	-
importanti ħafna	22	1	20	1	8	14
importanti	16	2	14	-	9	7
Total	38	3	34	1	17	21

Terminoloġija:

- **għaddejnin bħalissa:** l-implimentazzjoni qed tipproċedi skont il-pjan jew l-iskadenza ġdida / il-pjan ta' azzjoni miftiehem mal-awditur,
- **Implimentatati:** ikkonfermat mis-sid tar-rakkomandazzjoni u lesta għas-segwitu tal-awditur,
- **skaduti:** l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni għadu għaddej iżda ma ntlaħqitx sal-iskadenza maqbula.
- **magħluqa:** l-awditur għalaq formalment il-kwistjoni,
- **kritiċi:** dgħufija fundamentali fil-proċess awditjar li hi ta' detriment fil-livell ta' entità,
- **importanti ħafna:** dgħufija fundamentali li hija ta' detriment għall-proċess kollu (ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-QEA jinkludu din id-deżinjazzjoni),
- **importanti:** dgħufija sinifikanti fil-proċess sħiħ awditjar jew dgħufija fundamentali għal parti sinifikanti tal-proċess tal-awditu.

Tabella 9. Rakkomandazzjonijiet pendenti tal-awditjar, inkluż dewmien sinifikanti (>6 xhur, fil-31.12.2024)

Awditur/ Titolu tal-Awditu / sena	Titolu	Klassifikazzjoni	Skadenza oriġinali	Dewmien	Azzjonijiet tal-Aġenzija
Rapport tal-IAS dwar ir-reklutaġġ tal-persunal u l-impenn tal-fornituri tas-servizzi strutturali u l-etika organizzazzjonali fl-eu-LISA / 2020	It-tiftix ta' sorsi ta' provvista tar-riżorsi umani jeħtieġ li jkun ibbażat fuq valutazzjoni ddokumentata u aġġornata	importanti ħafna	30/06/2021	4 snin	F'Marzu 2024, tnediet riorganizzazzjoni kbira biex tappoġġa l-modi l-ġodda ta' ħidma biex jiġi żgurat it-tweqqif b'suċċess tal-Pjan Direzzjonali għall-Interoperabbiltà. L-eu-LISA se tirċievi r-riżultati tal-evalwazzjoni esterna fl-2025. Dawn iż-żewġ elementi jiffurmaw il-bażi għall-aġġornament tal-istrategġija tat-tiftix ta' sorsi ta' provvista u l-metodu tal-allokazzjoni tar-riżorsi. Għalhekk, l-Aġenzija rfinat il-pjan ta' implimentazzjoni rakkomandat u tmexxi d-data fil-mira għal Awwissu 2025.

L-Aġenzija baqgħet impenjata li tiegħu azzjoni fil-pront u deċiżiva biex tindirizza d-dewmien fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet pendenti, inkluża r-reviżjoni tad-dati fil-mira kif ukoll li l-awdituri jinżammu infurmati dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni rilevanti.

Sabiex jikkonfermaw l-għeluq tar-rakkomandazzjonijiet iddikjarati bħala “implimentati” mill-eu-LISA (entrati taħt “magħluqa”), l-IAS u l-IAC wettqu segwitu annwali fuq il-pjanijiet ta' azzjoni li ġew iddikjarati bħala “implimentati” u għalqu 19-il rakkomandazzjoni tal-awditjar. Il-QEA segwiet ukoll l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tagħha mis-snin preċedenti.

2.8.2. AZZJONIJET TA' SEGWITU RELATATI MAL-INVESTIGAZZJONIJET IMWETTQA MILL-OLAF¹¹⁹

Fl-2024, l-Aġenzija bdiet timplimenta rakkomandazzjonijiet mill-investigazzjonijiet tal-OLAF relatati mal-kawża OC/2022/0866/A2.

2.9. SEGWITU TAL-OSSERVAZZJONIJET MILL-AWTORITÀ TAL-KWITTANZA

Fl-2024, il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) tal-Parlament Ewropew nieda l-proċedura annwali ta' kwittanza dwar l-attivitajiet tal-aġenziji tal-UE u tal-impriżi konġunti mwettqa fis-sena finanzjarja 2023. Din il-proċedura tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti legali u regolatorji rilevanti u l-applikazzjoni ta' prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, jiġifieri l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività.

F'Mejju 2025, il-Parlament Ewropew ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija fl-2023, approva l-għeluq tal-kontijiet tal-eu-LISA għas-sena finanzjarja 2023 u kkondivida l-osservazzjonijiet tagħha f'riżoluzzjoni.

L-osservazzjonijiet ewlenin kienu jikkonċernaw:

¹¹⁹ L-Artikolu 11 tar-*Regolament (UE/Euratom) 883/2013* dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

- **irregolarità rikorrenti tal-pagamenti** (irregolarità tal-kuntratt qafas, proċedura nnegożjata mhux ġustifikata, emenda mhux awtorizzata tal-kuntratt, nuqqas ta' konformità mat-termini tal-kuntratt);
- **livelli rikorrenti u eċċessivi ta' riporti;**
- **bilanċ bejn il-ġeneri.**

Biex tenfasizza oqsma identifikati għat-titjib u tindirizza oqsma ta' interess kritiku, l-Aġenzija, b'mod partikolari:

- ħadet il-passi meħtieġa biex issaħħaħ **il-proċeduri ta' ġestjoni tal-kuntratti** tagħha biex tnaqqas id-dgħufijiet identifikati mill-awdituri;
- fasslet pjan ta' azzjoni li jinkludi diversi miżuri biex jiġi rrispettat il-prinċipju tal-annwalità u fasslet proċessi ġodda biex jitnaqqsu r-riporti f'konformità mal-prinċipju tal-annwalità;
- iddefiniet mill-ġdid l-istrategġija ta' reklutaġġ tagħha sabiex tindirizza aħjar il-bilanċ bejn il-ġeneri.

L-Aġenzija ħadet l-azzjonijiet meħtieġa mħejjija miżuri biex tindirizza l-osservazzjonijiet.

Tabella 10. Osservazzjonijiet tal-Awtorità ta' Kwittanza

Le	Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza	Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija
Punti ġenerali		
1	■ titlob għat-titjib tal-mekkaniżmi ta' governanza biex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-kompetenzi u biex tittejjeb l-effiċjenza operattiva	Magħluqa L-Aġenzija wettqet riorganizzazzjoni f'Marzu 2024, segwita minn aġġustamenti fis-16 ta' Marzu 2025. L-Aġenzija qed tirrevedi u tottimizza b'mod regolari l-istrutturi ta' governanza interna tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija ħolqot charters għall-entitajiet interni kollha biex tinforma lill-persunal kollu, biex b'hekk tiżgura l-funzjoni xierqa, is-sjeda tal-proċess u tas-servizzi u tevita d-duplikazzjoni jew il-lakuni fil-governanza. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni esterna tal-Aġenzija bħalissa għadu għaddej bil-valutazzjoni tal-parti ta' governanza tagħha.
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja		
2	■ titlob lill-aġenziji sabiex fuq bażi annwali jipprovdu diżaggregazzjoni dettaljata tal-infiq, inkluża data diżaggregata dwar kuntratti esterni, servizzi ta' konsulenza u sottokuntratti ■ tinsisti fuq il-ħtieġa għal għodod ta' rapportar diġitali f'ħin reali li jtejbu s-sorveljanza finanzjarja u r-responsabbiltà lill-Parlament Ewropew u lill-pubbliku ■ thegħġeg il-progress ulterjuri fir-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar	Magħluqa L-Aġenzija tipprovdi dettalji analitiċi dwar in-nefqa tagħha fil-kontijiet annwali u fir-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li jintbagħat lill-awtorità baġitarja. L-Aġenzija għandha rapporti ta' monitoraġġ intern. Il-Kumitat tat-Tmexxija tal-Aġenzija jiżgura rieżami ta' kull xahar tal-eżekuzzjoni tal-baġit mal-unitajiet kollha. FI-2024, l-Aġenzija kisbet rata ta' 97 % tal-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar
Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar		
3	■ tosserva, madankollu, li filwaqt li nħarġet opinjoni mhux kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għall-biċċa l-kbira tal-aġenziji, ġiet innotata eċċezzjoni għal eu-LISA	għadha għaddejja L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni u tistieden li tirreferi għar-rispons għall-osservazzjoni 43 hawn taħt.
4	■ Tosserva li, għall-eu-LISA, il-kwalifika tikkonċerna pagamenti irregolari li jammontaw għal EUR 12,6 miljun li saru fl-2023, li jirrappreżentaw 3,2 % tal-approprijazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli inklużi EUR 2,7 miljun għal kuntratti awditjati fl-2023 u EUR 9,9 miljun għal kuntratti vvalutati bħala irregolari fir-rapport tal-awditjar tal-2022	għadha għaddejja L-akbar irregolarità relatata mal-Kuntratt Qafas mill-Proċedura Negożjata eċċezzjonali għall-VIS, kif enfasizzata mill-QEA fir-rapport tagħha tal-2022, ingħatat kontra l-parir tas-servizzi ta' kontroll intern. F'din il-perspettiva, l-azzjonijiet attwali li jifdal taħt kontroll intern jirrigwardaw biss it-tagħlimiet meħuda u s-segwitu għall-prevalenza tal-ġestjoni tal-kontrolli interni. FI-istess ħin, l-Aġenzija qed timplimenta b'mod attiv sett ta' miżuri biex tiżgura konformità sħiħa u puntwalità fl-għoti u l-implimentazzjoni tal-kuntratti, kif ġej: ■ tissimplifika l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti, ■ issaħħaħ il-kontrolli legali mit-tim tal-akkwist f'punti ewlenin tal-proċessi tal-akkwist u tal-ġestjoni tal-kuntratti, ■ timplimenta l-istrategġija ta' kontrolli adottata fl-2024 għall-perjodu 2024-2025 b'enfasi fuq l-akkwist u l-ġestjoni tal-kuntratti ■ taġġorna l-istrategġija tal-akkwist allinjata mal-istrategġija tal-akkwist u mal-metodoloġija aġli, ■ twettaq analiżi tar-riskju ġdida relatata mad-disinn taċ-ċirkwiti finanzjarji, ■ tadotta politika ġdida dwar il-ġestjoni baġitarja, is-sjeda u l-kontrolli finanzjarji, ■ tistabbilixxi politika ta' investiment u korpi ta' governanza relatati.

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

Dawn il-miżuri kollha għandhom l-għan li jiżguraw li r-rwoli, ir-responsabbiltajiet, il-proċessi, il-linji gwida u l-istruzzjonijiet ċari, kif ukoll l-għodda unifikata, it-taħriġ u l-materjal ta' tagħlim elettroniku għall-ġestjoni tal-kuntratti, ikunu fis-seħħ; u li tiġi żviluppata u skjerata kapaċità ta' kontroll *ex post*.

- 5 ■ Tinnota bi tħassib ir-rikorrenza ta' opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti tal-eu-LISA, li tirrifletti kwistjonijiet persistenti mqajma mill-Qorti f'rapporti preċedenti mill-2020
- Tieħu nota tal-osservazzjoni tal-Qorti li l-biċċa l-kbira tal-kuntratti affettwati minn żball jew skadew jew ġew terminati mill-eu-LISA fl-2023

għadha għaddejja

L-Aġenzija tieħu l-osservazzjonijiet tal-QEA bħala kwistjoni ta' importanża kbira u hija impenjata bis-siġħ fl-implimentazzjoni tagħhom. Għad hemm kuntratt speċifiku wieħed li għadu għaddej li ġġenera pagamenti irregolari kif irrappurtat mill-QEA fis-snin preċedenti.

- 6 ■ Tosserva li l-bażi għal opinjoni kwalifikata (eu-LISA) fl-2023 kienet tinkludi l-irregolaritajiet li ġejjin:
- – Irregolarità tal-Kuntratt qafas: tinnota li l-eu-LISA għamlet bidliet sinifikanti f'xi elementi tal-ipprezzar tal-offerti finanzjarji ta' żewġ offerenti, li jmorru lil hinn mill-korrezzjonijiet permessi skont l-Artikolu 151 tal-Liġi Finanzjarja, li jaffettwaw direttament l-eżitu tal-offerta, b'pagamenti relatati li jammontaw għal EUR 2,7 miljun fl-2023
- – Proċedura Negożjata mhux ġustifikata: tinnota wkoll il-pagament irregolari ta' EUR 7.7 miljun marbut ma' kuntratt qafas mogħti permezz ta' proċedura nnegożjata mingħajr ġustifikazzjoni xierqa, li jmur kontra l-istandards tal-akkwist
- – Emenda mhux awtorizzata fil-Kuntratt: tosserva li l-pagamenti li jammontaw għal EUR 1,8 miljun ġew ikklassifikati bħala irregolari wara emenda mhux awtorizzata li żiedet il-valur ta' kuntratt bi prezz fiss b'EUR 3,6 miljun
- – Nuqqas ta' konformità mat-Termini tal-Kuntratt Qafas: tinnota bi tħassib li l-pagamenti tal-kuntratt qafas għaż-żamma ta' infrastruttura kondiviża li jammontaw għal EUR 0.4 miljun kienu irregolari, peress li l-kuntratt speċifiku ddevja mill-kuntratt qafas

għadha għaddejja

L-Aġenzija rrevediet il-Linji Gwida dwar l-Akkwist u l-Politika dwar il-Ġestjoni tal-Kuntratti u ħolqot Manwal ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Kuntratti, irrevediet il-listi ta' kontroll u l-flussi tax-xogħol.

L-Aġenzija qed timplimenta b'mod attiv miżuri biex tiżgura konformità siġħa u puntwalità fl-ġhodi u fl-implimentazzjoni tal-kuntratti (jiġifieri, unità ġdida fis-seħħ ta' akkwist u ta' ġestjoni tal-kuntratti, it-tiġid tal-kontrolli, l-istrateġija ta' kontrolli aġġornata u l-istrateġija tal-akkwist).

- 7 ■ Tesprimi tħassib profond dwar ir-rikorrenza tal-kwistjonijiet ta' akkwist li jirriżultaw f'opinjoni kwalifikata għar-raba' sena konsekuttiva u thegħeġ lill-eu-LISA biex tieħu azzjoni korrettiva immedjata biex tindirizza u tipprevjeni dawn il-problemi fil-prattiki futuri ta' ġestjoni finanzjarja u ta' akkwist, filwaqt li tiżgura konformità siġħa mar-Regolament Finanzjarju
- titlob biex il-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwar il-progress inkwistjoni qabel it-30 ta' Ġunju 2025

għadha għaddejja

L-Aġenzija tieħu l-osservazzjonijiet tal-QEA bħala kwistjoni ta' importanża kbira u hija impenjata bis-siġħ fl-implimentazzjoni tagħhom. Għad hemm kuntratt speċifiku wieħed li għadha għaddej li ġġenera pagamenti irregolari kif irrappurtat mill-QEA fis-snin preċedenti.

L-Aġenzija se tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew dwar il-progress inkwistjoni.

- 8 ■ Tinsisti li għalkemm ir-Regolament Finanzjarju ma jistabbilix limiti massimi għar-riporti, il-livelli rikorrenti u eċċessivi ta' riporti jdgħajfu l-prinċipju baġitarju tal-annwalità u huma indikattivi ta' kwistjonijiet strutturali fil-proċess tal-baġit u ċ-ċiklu ta' implimentazzjoni
- tinnota li f'14-il Aġenzija (inkludja l-eu-LISA) il-livell ta' riporti li jaffettwaw it-titoli baġitarji kollha f'daqqa huwa ogħla minn 15%

Magħluqa

L-eu-LISA timplimenta l-baġit tagħha b'aktar minn 70 % f'appropriazzjonijiet differenzjali, li għalihom ir-riporti jirriflettu n-natura pluriennali tal-operazzjonijiet f'konformità mar-Regoli Finanzjarji.

Għat-Titolu 2, ir-riporti qabżu l-limitu ta' 20 % indikat mill-QEA, prinċipalment minħabba n-nefqa sinifikanti fil-persunal ta' appoġġ estern, is-servizzi ta' sigurtà fiżika u l-IT korporattiva.

Sabiex jitnaqqsu r-riporti, mill-2023 ġew adottati serje ta' miżuri. L-inizjattiva ewlenija hija t-tfassil mill-ġdid tal-perjodi ta' impenn biex jiġi adattat aħjar iċ-ċiklu annwali. Dan huwa mistenni li jnaqqas b'mod progressiv l-impenji mhux imħallsa li għandhom jiġu ttrasferiti għas-sena finanzjarja li jmiss.

Dawn l-azzjonijiet naqqsu bin-nofs ir-riporti tal-2024 għall-2025 bi kważi 50 % meta mqabbla mas-sena preċedenti.

- 9 ■ Tenfasizza li l-Qorti tħarġet paragrafi ta' "Osservazzjonijiet" biex tenfasizza kwistjoni ppreżentata jew divulgata fil-kontijiet li hija tant ta' importanża li hija fundamentali għall-fehim tal-kontijiet jew għad-dħul jew il-pagamenti sottostanti
- tinnota wkoll li, għas-sena finanzjarja 2023, il-Qorti użat il-paragrafi ta' "Osservazzjonijiet" għall-eu-LISA

Mhux applikabbli

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni.

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

- 10 ■ Tosserva li l-kontinjet ta' eu-LISA jinkludu divulgazzjoni rigward is-sitwazzjoni finanzjarja ta' kuntrattur ewlieni b'żewġ kuntratti qafas attivi
- tinnota li l-eu-LISA għandha żewġ kuntratti qafas attivi ma' kuntrattur li huwa membru ta' konsorzju, u li dan il-kuntrattur issostitwixxa l-kumpanija omm tiegħu fil-kuntratti u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni u ż-żamma tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-forniment ta' servizzi taħt il-Lott 1 tal-Qafas tal-Operazzjonijiet Trasversali
- tieħu nota li l-ammonti kuntrattwali pendenti huma ta' EUR 97,5 miljun u EUR 41 miljun rispettivament
- tinnota li sabiex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali relatati mal-vijabbiltà finanzjarja tal-kumpanija omm, l-eu-LISA tissorvelja mill-qrib is-saħħa finanzjarja tal-kuntrattur bl-użu ta' għodod indipendenti ta' valutazzjoni tar-riskju u mistoqsijiet diretti
- tinnota li barra minn hekk, l-eu-LISA tivvaluta regolarment il-progress tal-Assi li qed jiġu Żviluppati (AuDs) sabiex tiżgura li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv fuq il-mandat tagħhom u li dawn ikunu proattivi fil-ġestjoni u fil-mitigazzjoni tar-riskji assoċjati mat-tfixkil fil-katina tal-provvista fi ħdan il-limiti tar-regola finanzjarja

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

għadha għaddejja

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni.

L-eu-LISA tikkonferma li qed tissorvelja s-sitwazzjoni fir-rigward ta' dak il-kuntattur.

Prestazzjoni

- 11 ■ Tirrakkomanda li l-Aġenzija jieħdu azzjoni biex jissodisfaw l-indikaturi pendenti jew imdewma u jaġġustaw regolarment il-KPIs tagħhom biex itejbu l-prestazzjoni

għadha għaddejja

L-Aġenzija qed tirrevedi b'mod regolari l-KPIs korporattivi tagħha. L-Aġenzija bdiet revizzjoni ġdida, li se tqis ukoll is-sistema l-ġdida li tidħol fl-operazzjonijiet. Barra minn hekk, l-aġenzija bdiet tiżviluppa t-Tabelli ta' Valutazzjoni Bbilanċjati tagħha stess biex issegwi aħjar il-prestazzjoni tal-linji ta' prestazzjoni.

- 12 ■ tinsisti fuq l-introduzzjoni ta' punti ta' riferiment ta' bbaġitjar u effiċjenza bbażati fuq il-prestazzjoni sabiex jiġu żgurati l-allokazzjoni ottimali tar-riżorsi u governanza xprunata mill-impatt

Magħluqa

L-eu-LISA stabbiliet diversi dimensjonijiet tal-qafas tal-ibbaġitjar tal-prestazzjoni (cp. OECD, 2023):

- konfigurazzjoni ta' rapportar dettaljat tal-prestazzjoni u rieżami ta' kull xahar;
- ir-responsabbiltà u t-trasparenza jiġu infurzati permezz ta' mudell ta' sjieda tal-baġit;
- il-bini ta' ambjent favorevoli għal ġestjoni finanzjarja tajba fiċ-ċirkwiti finanzjarji.

Inħolqu sett ta' rapporti biex jiġi żgurat it-teħid ta' deċiżjonijiet analitiċi.

- 13 ■ Tieħu nota tal-pjan direzzjonali l-ġdid għall-interoperabbiltà
- tirrikonoxxi li l-iskeda ta' żmien il-ġdida għat-tneċċja u l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni kienet meħtieġa minħabba dewmien fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-lvvaġġar (ETIAS) u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi (ECRIS-TCN)
- tissottolinja li skambju ta' informazzjoni rapidu, effettiv u affidabbli, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli, huwa kritiku għas-sostenn u t-tiżiħ tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni
- f'dan ir-rigward tirrikonoxxi l-ħidma u t-titjib miksub mill-eu-LISA

Mhux applikabbli

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni.

Akkwist

- 14 ■ Tinnota bi tħassib li d-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku jibqgħu l-akbar sors ta' pagamenti irregolari; tenfasizza li l-Qorti għamlet 38 osservazzjoni dwar id-dgħufijiet fl-akkwist pubbliku fl-2023 (meta mqabbla ma' 41 fl-2022 u 28 fl-2021)
- thegħeġ lill-aġenzija jintroduċu miżuri sabiex jiżguraw l-aderenza stretta mar-regolamenti dwar l-akkwist u l-prinċipji ta' trasparenza, kompetizzjoni u kosteffettività.

għadu għaddej

Kif irrapportat matul is-seduta tal-awtorità baġitarja, bħall-atturi pubbliċi ewlenin kollha fil-qasam tal-IT, l-eu-LISA qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fir-rikonċiljazzjoni tal-bidliet dinamiċi tas-suq mal-konformità sħiħa mar-restrizzjonijiet tal-akkwisti li ġejjin mil-leġiżlazzjoni primarja u sekondarja filwaqt li tipprovi sistemi tal-IT fuq skala kbira effettivi.

L-Aġenzija tieħu l-konformità mar-regoli tal-akkwist bħala kwistjoni ta' importanza kbira u hija impenjata bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tagħhom.

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

- tfakkar fil-ħtieġa għal programmi ta' taħriġ regolari għall-persunal dwar il-ġestjoni finanzjarja, ir-regoli tal-akkwist u l-prevenzjoni tal-frodi
- titlob miżuri ta' responsabbiltà aktar stretti li jiżguraw li kwalunkwe nuqqas persistenti jwassal għal azzjonijiet korrettivi mmirati u konsegwenzi għal nuqqas ta' konformità ripetut

- 15 ■ Tinnota li, skont il-Qorti, 13¹²⁰ mill-osservazzjonijiet dwar id-dgħufijiet li wasslu għal pagamenti irregolari fl-2023 jirreferu għal irregolaritajiet identifikati u msemmija fl-awditi preċedenti
- tinnota li għall-25 osservazzjoni li jifdal, disa' pagamenti affettwati u s-16 l-oħra ma wasslux għal pagamenti irregolari fl-2023
- tinnota li l-osservazzjonijiet tas-sena li ma affettwawx il-pagamenti huma relatati mal-aġenziji ACER, EBA, eu-LISA, ESMA, EMSA, ENISA, ERA, EIGE, ECDC, EEA, EUDA, EUAA u CEPOL
- tiegħu nota tat-tweġibiet tal-Aġenziji u titlobhom jieħdu miżuri sabiex jikkoreġu d-dgħufijiet identifikati u jirrapportaw lura lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda sabiex jindirizzawhom

- 16 ■ Tiġbed l-attenzjoni għad-disa' osservazzjonijiet tas-sena magħmula mill-Qorti li jaffettwaw il-pagamenti
- tinnota li fil-każ tal-ENISA, l-eu-LISA, kif ukoll għall-ELA, l-irregolaritajiet skoperti, flimkien ma' daww identifikati f'awditi preċedenti li riżultaw f'pagamenti fl-2023 (għall-eu-LISA u l-ELA biss), jiffurmaw il-bażi għal opinjoni kwalifikata mill-Qorti u ġew deskritti taħt l-intestatura "Ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar" ta' din ir-riżoluzzjoni

- 17 ■ Ittenni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li, meta jimplimentaw kuntratti qafas, l-aġenziji kkonċernati għandhom jużaw biss kuntratti speċifiċi sabiex jakkwistaw oġġetti jew servizzi koperti mill-kuntratt qafas assoċjat
- tkompli ttnni r-rakkomandazzjoni tal-Qorti li l-aġenziji kkonċernati għandhom jiżguraw ukoll li jikkonformaw mar-regoli mogħtija fir-Regolament Finanzjarju għall-modifika tal-kuntratti eżistenti, li l-kuntratti speċifiċi jiddefinixxu l-kwantitajiet tal-prezzijiet u l-ħinijiet tat-twassil u li l-implimentazzjoni tal-kuntratt hija soġġetta għal kontrolli adegwati relatati ma' dawn l-elementi ewlenin

Il-politika dwar il-persunal, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, il-kunflitt ta' interess u l-prevenzjoni tal-frodi

- 18 ■ Tinnota li, fl-2023, ir-rata ta' dawran tal-persunal kienet ta' aktar minn 5 % fi 18 minn 33 aġenzija (inkluża l-eu-LISA)
- tfaħħar lill-aġenziji li ħadu miżuri mmirati biex jipprevjenu rati għoljin ta' dawran tal-persunal
- tenfasizza l-importanza li l-aġenziji kollha jimplimentaw miżuri bil-għan li jtejb u l-ġestjoni u ż-żamma tat-talenti
- tibbaża fuq l-EUAN biex ikun forum għall-aġenziji membri tiegħu fir-rigward tal-iskambju ta' prattiki tajbin u, fejn possibbli, it-tgħaqqid tal-forzi f'dan ir-rigward
- jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġa b'mod attiv lill-aġenziji fir-reklutaġġ tal-għarfien espert meħtieġ sabiex jissodisfaw il-mandati tagħhom, filwaqt li tinkoraġġixxi kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-universitajiet u istituzzjonijiet rilevanti oħrajn

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

L-Aġenzija rnexxielha b'mod attiv tesplora (u timplimenta b'mod progressiv) metodoloġija "Aġli" u taġġusta l-istruttura kuntrattwali kif xieraq u qed tibni strateġija ġdida ta' akkwist f'kooperazzjoni mill-qrib bejn it-timijiet operattivi u tal-akkwist.

Barra minn hekk, l-Aġenzija tipprovdi taħriġ/aġġornamenti regolari għall-atturi finanzjarji, inkluż il-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda abbażi ta' eżempji prattiċi minn EXC/NC.

Saret sessjoni ddedikata mal-Kummissjoni u għaddejjin skambji produttivi ma' aġenziji oħra (eż. l-EMA) biex jinġabru t-tagħlimiet kollha meħuda minn istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE.

għadu għaddej

L-Aġenzija timmonitorja mill-qrib is-sejbiet miftuħa tal-awditjar u timplimenta l-pjanijiet ta' azzjoni korrispondenti sakemm jingħalqu.

għadu għaddej

L-akbar irregolarità relatata mal-Kuntratt Qafas li tirriżulta mill-Proċedura Negożjata eċċezzjonali għall-VIS, kif enfazzzata mill-QEA fir-rapport tagħha tal-2022, ingħatat kontra l-parir tas-servizzi ta' kontroll intern. F'din il-perspettiva, l-azzjonijiet attwali li jifdal taħt kontroll intern jirrigwardaw biss it-tagħlimiet meħuda u s-segwitu għall-prevalenza tal-ġestjoni tal-kontrolli interni.

Barra minn hekk, l-Aġenzija implimentat azzjonijiet immirati implimentati li wasslu għal opinjoni mhux kwalifikata għall-2024.

Għadha għaddeja

L-Aġenzija tiegħu l-osservazzjonijiet tal-QEA bħala kwistjoni ta' importanza kbira u hija impenjata bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tagħhom. L-Aġenzija aġġornat il-Politika ta' Ġestjoni tal-Kuntratti tagħha, il-Linji Gwida dwar l-Akkwist u ħolqot Manwal ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Kuntratti li għandu l-għan li jiżgura l-legalità, il-koerenza u l-konsistenza tal-proċess ta' akkwist u ta' implimentazzjoni taa-kuntratti.

għadha għaddeja

FI-2023, l-eu-LISA nediet Programm ta' Mobilità Interna bil-għan li tikkapitalizza fuq il-kompetenzi tal-membri tal-persunal eżistenti u trawwem tkabbir professjonali kontinwu fi ħdan l-Aġenzija. Is-sejħa tnediet biex jiġi identifikat Kap tas-Settur ġdid għas-Settur tal-Għodod tas-Servizzi Operazzjonali fl-Unià tal-Operazzjonijiet tas-Sistemi, li jikkonkludi bil-ħatra ta' membru tal-persunal wieħed għar-rwol.

Miżura oħra li żżid il-possibbiltajiet ta' żamma tal-persunal fl-aġenzija hija l-possibbiltà ta' żvilupp u tkabbir. FI-2023, ġew reklutati 62 membru ġdid tal-persunal (offerti ta' impieġ aċċettati sal-31 ta' Diċembru 2023) li minnhom 13-il membru tal-persunal ġew offruti opportunitajiet ġodda ta' tkabbir fil-karriera fi ħdan l-eu-LISA.

¹²⁰ Osservazzjonijiet mis-snin preċedenti li jaffettwaw il-pagamenti fl-2023: l-osservazzjonijiet tal-eu-LISA 3 EUR 7,7 miljun, EUR 1,8 miljun, EUR 0,4 miljun, u l-bażi għal opinjoni kwalifikata.

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

- 19 ■ Tenfasizza li l-bilanċ ġeografiku għadu sfida għal diversi aġenziji li għalihom, il-perċentwali konsiderevoli tal-persunal ġenerali tagħhom huma ċittadini tal-Istat Membru fejn jinsabu l-aġenziji
- 20 ■ Tirrikonoxxi li l-attrazzjoni tat-talent u l-iżgurar ta' forza tax-xogħol ġeografikament diversa huma marbuta mal-ispeċifitajiet individwali tal-aġenziji (eż. il-post, l-infrastruttura, l-edukazzjoni, il-qasam ta' politika), kif ukoll ma' fatturi ta' limitazzjoni esterni (eż. il-kompetizzjoni mas-settur privat, l-inċertezza tal-impjieg minħabba kuntratti għal żmien qasir, koeffiċjenti ta' korrezzjoni baxxi)
- 21 ■ Tenfasizza li xi Aġenziji jagħmlu użu estensiv minn konsulenti esterni, l-aktar fil-qasam tal-ICT iżda wkoll fl-oqsma tan-negozju ewlieni tagħhom, li jiffurmaw partijiet sinifikanti tal-baġit operattiv tagħhom
- titlob lill-aġenziji kollha jagħtu prijorità lill-persunal permanenti fuq konsulenti esterni u persunal kuntrattwali sabiex jggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja u jevitaw it-telf ta' għarfien u esperjenza
- tistieden, barra minn hekk, lill-aġenziji sabiex jipprevjenu l-inċertezza tax-xogħol minħabba kuntratti b'terminu qasir u jipprijoritizzaw l-impjieg fit-tul
- tappella, f'dan ir-rigward, għall-flessibilità għall-aġenziji biex jikkonvertu karigi ta' esperti nazzjonali sekondati (SNE) f'karigi ta' aġenti temporanji, jiżguraw iż-żamma tal-kompetenzi, il-funzjonalità operattiva u l-kontinwità tan-negozju
- tinsisti wkoll fuq l-evitar tal-esternalizzazzjoni tal-kompiti għal konsulenti meta l-kompetenzi jkunu disponibbli internament

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

għadha għaddejja

Minħabba li l-uffiċċji primarji tal-eu-LISA jinsabu f'Tallinn, l-Estonja u fi Strażburgu, Franza, il-proporzjon relattivament għoli ta' persunal Estonjan u b'mod partikolari Franċiż (sa 22 % f'kull post rispettiv) mhuwiex ikkunsidrat li jfjixkel b'mod sinifikanti l-bilanċ ġeografiku ġenerali. Maż-żmien, ir-rappreżentanza tal-persunal Estonjan u Franċiż baqgħet stabbli, u dan ippermetta li jinżamm bilanċ permezz tal-inklużjoni ta' nazzjonalitajiet oħra. Għadd ta' nazzjonalitajiet rappreżentati hija wkoll stabbli u turi d-diversità, filwaqt li qed isiru sforzi biex fl-avviżi tal-postijiet tax-xogħol battala jiġu enfazzjati n-nazzjonalitajiet sottorappreżentati biex jiġu mħeġġa l-applikazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi.

għadha għaddejja

L-Aġenzija kompliet issaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala impjegatur tal-għażla fix-xenarju tal-IT, b'enfasi fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fl-oqsma tas-STEM għat-trawwim tad-diversità bejn il-ġeneri.

għadha għaddejja

L-esternalizzazzjoni ta' kwantità sinifikanti ta' servizzi professjonali hija meħtieġa għall-implimentazzjoni sħiħa tal-mandat tagħha peress li l-Aġenzija qatt ma kienet ta' daqs għall-implimentazzjoni diretta ta' għadd ta' attivitajiet meħtieġa għall-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira mill-persunal statutorju biss jew prinċipalment.

Filwaqt li l-esternalizzazzjoni kienet ibbażata fuq valur miżjud għoli li jiffoka fuq l-għarfien u l-ħiliet tal-IT, qatt ma kienet limitata għall-akkwist ta' għarfien speċjalizzat fuq bażi ta' żmien qasir. Ir-rekwiżiti ta' esternalizzazzjoni tal-eu-LISA huma sistematiċi, strutturali u kontinwi. Barra minn hekk, dawn is-servizzi jeħtieġu ġestjoni b'mod skalabbli biex jirrispondu għall-istatus differenti ta' ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IT.

Id-daqs u l-karatteristiċi tal-esternalizzazzjoni strutturali jwasslu għal riskji speċifiċi għall-Aġenzija, li tiġġestixxi wieħed mill-akbar baġits fost il-korpi tal-UE, kif ukoll it-tielet l-akbar proporzjon tan-negozju operazzjonali għal dik amministrattiva. Dawn ir-riskji jaffettwaw diversi oqsma tan-negozju tal-Aġenzija: mill-eżekuzzjoni f'waqtha tal-kompiti assenjati għall-konformità u l-effiċjenza tal-baġit.

L-Aġenzija tinsab fil-proċess li tevalwa mill-ġdid approċċi ta' tiftix ta' sorsi ta' provvista tal-passat li jikkonsistu fl-għoti ta' kompiti kumplessi għoljin lil kuntratturi esterni, biex timxi lejn kontrolli aktar granulari u dirett mill-eu-LISA tal-attivitajiet, speċjalment fil-qasam tal-iżvilupp tal-IT. Madankollu, approċċ bħal dan jista' jkun ta' suċċess biss jekk l-Aġenzija tista' tiddependi fuq kwantità u kwalità adegwati ta' riżorsi interni biex tikkontrolla b'mod aktar dirett l-attivitajiet li jkunu qegħdin jiġu esternalizzati.

Mingħajr proporzjon minimu vijabbli ta' riżorsi interni u esterni, ir-riskji msemmija qabel jistgħu jxekklu l-kapaċità tal-Aġenzija li tilħaq l-oġġettivi tagħha ta' fassil mill-ġdid tal-mod kif taqdi lill-UE u lill-Istati Membri fl-oqsma tal-Affarijiet Interni, il-ġestjoni tal-fruntieri u l-Ġustizzja.

għadha għaddejja

Filwaqt li tittieħed deċiżjoni dwar ir-reklutaġġ fil-livell ta' maniġment superjuri mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija, fl-2024 issir sensibilizzazzjoni dwar l-istrateġija tal-Kummissjoni għat-titjib tal-bilanċ ġeografiku li ġiet kondiviża mal-Istati Membri li mmaterjalizzat fil-ħatra tal-Viċi Direttur Eżekuttiv li bħalissa jissodisfa rwol tad-Direttur Eżekuttiv *ad interim* fil-ġeneru mhux irrappreżentat biżżejjed. L-għażla tad-Direttur Eżekuttiv tinsab fil-proċess.

għadha għaddejja

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni u tkompli bl-isforzi tagħha biex tikseb bilanċ bejn il-ġeneri.

għadha għaddejja

L-Aġenzija tirrikonoxxi l-osservazzjoni. Fl-2023, l-eu-LISA bniet fuq inizjattivi eżistenti biex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tattira aktar applikanti nisa. Barra minn hekk, tiġi kkomunikata

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

- tinnota li l-bilanċ bejn il-ġeneri rrapportat għall-persunal b'mod ġenerali ma nbidilx
 - thegħgeġ lill-eu-LISA biex tappoġġa lin-nisa fl-applikazzjoni għal pożizzjonijiet ta' ġestjoni
 - ittenni l-appelli tagħha lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex josservaw il-bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw u jaħtru membri tal-bordijiet amministrattivi jew ta' tmexxija
 - tfakkar fl-ambizzjoni tal-aġenziji li jallinjaw mal-Kummissjoni biex jiġi bilanċ bejn il-ġeneri ta' 50 % fil-livelli kollha tal-ġestjoni tagħha sa tmiem l-2025
 - tistieden lill-aġenziji sabiex ikomplu jieħdu f'kunsiderazzjoni dawn l-aspetti fir-rigward tar-reklutaġġ futur kollu tal-persunal u sabiex jaħdmu lejn it-titjib ulterjuri tal-bilanċ bejn is-sessi fil-livell tal-maniġment superjuri
- 25 ■ Thegħgeġ lill-aġenziji deċentralizzati biex isaħħu l-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-livelli kollha, filwaqt li jiżguraw opportunitajiet indaqs fir-reklutaġġ, il-progressjoni tal-karriera u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persunal kollu
- thegħgeġ lill-aġenziji kollha biex jadottaw u jimplimentaw strateġiji robusti ta' diversità u inklużjoni li jippromwovu l-ġustizzja u l-bilanċ, filwaqt li jiżguraw opportunitajiet u rappreżentanza uguali tan-nisa u l-minoranzi f'pożizzjonijiet ta' tmexxija
 - titlob lill-aġenziji jiżviluppaw strateġiji komprensivi għall-valutazzjoni tal-progress u l-identifikazzjoni ta' oqsma għal titjib
 - tfakkar li l-Parlament se jivvaluta l-konformità ma' dawn il-prinċipji fil-proċess ta' kwittanza annwali
- 26 ■ Tinnota li l-aġenziji kollha daħħlu fis-seħħ miżuri sabiex itejbu l-benesseri tal-persunal fuq il-post tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata
- tinnota li l-għadd u l-impatt ta' tali miżuri jvarjaw b'mod sinifikanti minn aġenzija għall-oħra u li ma jidher li jeżisti l-ebda qafas komuni ta' referenza għall-aġenziji kollha
 - tistieden lill-EUAN biex jikkordina l-isforzi għall-iżvilupp ta' qafas komuni ta' referenza f'dan ir-rigward
 - tinnota b'sodisfazzjon li maġġoranza kbira ta' aġenziji implimentaw miżuri għall-integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà.
 - thegħgeġ lill-aġenziji jżommu prattiki tajbin ta' benesseri tal-persunal, inklużjoni u integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà u jkomplu jindirizzaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kif ukoll it-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-karriera
 - tenfasizza l-importanza li jiġu intensifikati l-isforzi sabiex jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri u ġeografiku fost il-persunal istituzzjonali u f'pożizzjonijiet maniġerjali għolja
 - tissottolinja r-rwol utli li jista' jkollhom l-iskambji tal-aħjar prattika fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal
 - tistieden lill-aġenziji jipprovdu taħriġ rilevanti u regolari lill-persunal tagħhom
- 27 ■ Thegħgeġ lill-aġenziji kollha jimplimentaw politika għas-salvagwardja tad-dinjità personali u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u sesswali u għall-parteċipazzjoni fit-task force interaġenzjali tal-konsulenti kunfidenzjali
- tistieden, f'dan ir-rigward, l-introduzzjoni ta' taħriġ preventiv obbligatorju kontra l-fastidju li għandu jiġi segwit mill-impjegati tal-aġenziji tal-UE
 - tistieden lill-aġenziji jwettqu rapportar regolari, permezz tar-rapport ta' segwitu, dwar il-progress f'dan il-qasam
- 28 ■ Thegħgeġ lill-Aġenziji kollha biex ikomplu jsaħħu l-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, inklużi dikjarazzjonijiet sistematiki ta' interessi mill-maniġment

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa li jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri u d-diversità nazzjonali lill-atturi involuti fil-proċess tal-għażla u tar-reklutaġġ.

għadha għaddejja

Fil-preżent, l-attivitajiet fil-qasam taż-żieda fid-diversità huma fformulati fi pjan ta' azzjoni li ġie abbozzat u implimentat fl-2024 u għandu jkompli fl-2025:

- L-adozzjoni tal-Karta tal-EUAN dwar id-Diversità u l-Inklużjoni, li tafferma mill-ġdid l-impenn tal-eu-LISA li toħloq post tax-xogħol inklużiv.
- Abbozzat pjan ta' azzjoni għad-Diversità, l-Ekwità u l-Inklużjoni (DEI), li jespandi fuq l-isforzi attwali b'enfasi speċifika fuq il-bilanċ bejn il-ġeneri.
- Twaqqaf grupp ta' ħidma transfunzjonali ddedikat għaż-żieda tad-diversità tal-kandidati billi jindirizza l-kawżi ewlenin u jimplimenta soluzzjonijiet fit-tul.

għadha għaddejja

L-Aġenzija għandha fis-seħħ programm dwar il-benesseri fil-forma ta' seminars regolari, sessjonijiet dwar il-benesseri fuq il-post, u inizjattivi li jippromwovu l-benesseri. L-Aġenzija toffri varjetà ta' riżorsi ta' tagħlim, torganizza taħriġ immirat li jkopri l-ħiliet speċifiċi rilevanti għal oqsma ewlenin tal-ħidma tal-Aġenzija.

Filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-saħħa u l-benesseri mentali, l-eu-LISA għamlet diversi webinar dwar il-benesseri fl-2023. Barra minn hekk, il-membri tal-persunal għandhom aċċess għal sessjonijiet ta' konsulenza individwali, abbonament għall-app tal-benesseri pprovduta mill-Aġenzija. Biex tiġi appoġġata s-saħħa fiżika, kien disponibbli speċjalist tal-eżerċizzju fuq il-post biex jinkoraġġixxi l-attività ta' kuljum, u inizjattivi relatati. Dawn l-isforzi jirriflettu l-impenn kontinwu tal-eu-LISA li tappoġġa l-benesseri tal-persunal tagħha. Minbarra dan.

Wara l-istħarriġ dwar l-involvement tal-persunal, b'rispons għall-motivaturi bl-aktar punteġġ baxx identifikati, l-Aġenzija stabbiliet gruppi ta' ħidma biex timplimenta azzjonijiet immirati lejn l-indirizzar ta' dan it-tħassib u biex tagħti spinta lill-involvement.

għadha għaddejja

L-Aġenzija għandha fis-seħħ politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u l-fastidju sesswali u tipparteċipa b'mod attiv fit-task force tal-EUAN dwar il-Konsulenti Kunfidenzjali.

L-Aġenzija torganizza sessjoni annwali ta' taħriġ dwar il-prevenzjoni tal-fastidju, kif ukoll tkopri l-fastidju fid-dettall fis-sessjoni ta' informazzjoni ddedikata għar-rwol ta' Kunsillieri Kunfidenzjali.

għadha għaddejja

Id-dikjarazzjonijiet annwali ta' interess huma pprovduti mill-maniġment superjuri u ppubblikati mill-Aġenzija.

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

superjuri, esperti esterni, u membri tal-bord tat-tmexxja, ippubblikati b'mod proattiv u aċċessibbli.

- 29 ■ Tisottolinja l-importanza li tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza tal-aġenziji tal-UE minn influwenza mhux dovuta fl-industrija sabiex tinżamm il-fiduċja pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom
- tesprimi tħassib dwar nuqqasijiet regolatorji u kunflitti ta' interess potenzjali fi ħdan ċerti aġenziji
- tenfasizza kwistjonijiet relatati ma' rabtiet mill-qrib mal-industrija u rapporti ta' influwenza mhux xierqa, b'mod partikolari permezz ta' "revolving doors" bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi u l-kumpaniji privati
- tisħaq fuq il-ħtieġa għal trasparenza akbar, mekkaniżmi ta' sorveljanza aktar b'saħħithom u impenn sod għall-prijoritizzazzjoni tas-saħħa u s-sikurezza pubblika fuq l-interessi finanzjarji

Kontroll intern

- 30 ■ Tistieden lill-aġenziji jimplimentaw fil-pront u b'mod sistematiku l-osservazzjonijiet tal-Qorti u jieħdu miżuri korrettivi konkreti sabiex jindirizzaw id-dgħufijiet identifikati fil-qafas ta' kontroll intern
- thegħeġ l-istabbiliment ta' miżuri ta' responsabbiltà aktar stretti, biex jiġi żgurat li kwalunkwe nuqqas persistenti jwassal għal azzjonijiet korrettivi mmirati u konsegwenzi għal nuqqas ta' konformità ripetuta

Iċ-ċibersigurtà, l-etika u t-trasparenza

- 31 ■ Tiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa sabiex tiġi ssalvagwardjata l-integrità online tal-informazzjoni pproċessata, jinsisti fuq iż-żieda fir-reżiljenza tal-aġenziji għal attacchi ċibernetiċi jew tentattivi ta' infiltrazzjoni li jorjginaw b'mod partikolari mir-Russja jew kwalunkwe pajjiż terz ieħor
- tisottolinja li l-akkwist konġunt f'dan il-qasam bejn l-aġenziji jista' jirriżulta fi tnaqqis fil-kostijiet finanzjarji u titjib fir-riżultati
- 32 ■ Thegħeġ lill-aġenziji kollha jagħmlu użu minn din il-possibbiltà volontarja u jsegwu l-eżempju tal-eu-LISA u l-Frontex li huma l-uniċi żewġ aġenziji li jeħtieġu l-kuntatti esterni ta' partijiet terzi biex jirreġistraw fir-Reġistru ta' Trasparenza

- 33 ■ Tinnota li l-eu-LISA ffukat fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid fid-dominju ċibernetiku, b'mod partikolari t-tweġġ tat-tħejjijiet meħtieġa għall-obbligi li jirriżultaw mir-regolamenti l-ġodda tal-Unjoni dwar is-sigurtà tal-informazzjoni u iċ-ċibersigurtà
- tenfasizza li l-eu-LISA topera u żżomm pjattaforma ta' monitoraġġ tas-sigurtà, pjan ta' inċidenti taċ-ċibersigurtà, playbooks ta' rispons u arranġamenti ta' xogħol stand-by 24/7 biex tiżgura l-identifikazzjoni f'waqtha tat-theddid ċibernetiku u r-rispons għalih
- tilqa' r-rwol tal-eu-LISA fl-appoġġ tal-eżerċizzji taċ-ċibersigurtà bejn l-aġenziji f'kooperazzjoni man-Network tal-Aġenziji tal-ĠAI (JHAAN)
- tisottolinja l-importanza li l-aġenziji deċentralizzati jkollhom il-kapaċità sħiħa li jiddefendu lilhom infushom kontra attacchi ċibernetiċi

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

għadha għaddejja

L-Aġenzija waqqfet Reġistru tat-Trasparenza biex tiżgura li jkun hemm trasparenza fir-rigward tal-lobbjar. Il-laqgħat u l-kuntatti kollha tad-Direttur Eżekuttiv, tal-Viċi Direttur Eżekuttiv u tal-Kapijiet tad-Dipartimenti mal-Operaturi Ekonomiċi huma rreġistrati f'din l-għodda.

L-Aġenzija timplimenta regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, li jkopru l-obbligi applikabbli fir-rigward tar-reklutaġġ u wara li titlaq mis-servizz tal-eu-LISA (dwar obbligu li tftitex awtorizzazzjoni għal impjeg barra mis-Servizz Pubbliku tal-UE f'perjodu ta' sentejn wara li titlaq mis-servizz).

għadu għaddej

L-Aġenzija qed timmonitorja b'mod proattiv in-nuqqas u tivvaluta b'mod regolari l-effettività tal-QKI tagħha. Barra minn hekk, l-Aġenzija adottat l-Istrateġija ta' Kontroll Intern tagħha stess biex tindirizza n-nuqqasijiet l-aktar kritiċi fil-qasam tal-ġestjoni tal-kuntratti.

Dawn il-miżuri huma maħsuba biex isaħħu l-erba' sistemi ta' kontroll affettwati mit-tweġġ tal-ġestjoni tal-kuntratti fl-eu-LISA:

- l-ippjanar, id-domanda u l-ġestjoni tar-rekwiżiti,
- l-akkwist,
- il-ġestjoni tal-kuntratti stess u ċ-ċirkwiti finanzjarji,
- il-ġestjoni tal-assi.

Il-miżuri ġew integrati fi pjan ta' azzjoni li qed jiġi implimentat.

għadha għaddejja

L-Aġenzija qed taħdem kontinwament biex iżżid ir-reżiljenza tal-Aġenziji għal attacchi ċibernetiċi jew tentattivi ta' infiltrazzjoni.

L-eu-LISA laħqet il-Livell ta' Maturità 1 tal-mudell taċ-ċibersigurtà Tmienja Essenzjali, li juri miżuri ta' sigurtà bażiċi biex jipproteġu kontra theddid ġenerali kemm fl-ambjenti tas-CBS kif ukoll tal-IT Korporattiva, permezz ta' servizzi ta' sigurtà tal-IT ġestiti, ittestjar tal-penetrazzjoni, għodod ta' hardening u servizzi ta' CERT-UE.

L-Aġenzija qed tiddiskuti fi ħdan l-Aġenziji tal-ĠAI sabiex tidentifika oqsma li jtejjbu d-dominji tal-kontinwità tal-operat u tas-sigurtà, inklużi inizjattivi ta' akkwist konġunti fil-qasam tas-sigurtà.

Magħluqa

L-eu-LISA stabbiliet Reġistru tat-Trasparenza biex tiżgura li jkun hemm trasparenza fir-rigward tal-lobbjar. Il-laqgħat u l-kuntatti kollha tad-Direttur Eżekuttiv, tal-Viċi Direttur Eżekuttiv u tal-Kapijiet tad-Dipartimenti mal-Operaturi Ekonomiċi huma rreġistrati f'din l-għodda.

għadha għaddejja

L-eu-LISA rrieżaminat u vvalutat il-maturità tat-tħejjija taċ-ċibersigurtà tagħha u identifikat l-għodod u l-opportunitajiet emerġenti biex jiġu aġġornati l-proċessi rilevanti. Sabiex tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar iċ-ċibersigurtà, l-Aġenzija wettqet valutazzjoni tal-maturità tas-sigurtà bl-użu ta' oqfsa stabbiliti.

L-Aġenzija ssaħħaħ kontinwament il-qafas u l-proċeduri ta' sigurtà tagħha billi tagħlaq ir-rakkomandazzjonijiet minn diversi awditi, kif ukoll tiskambja l-aħjar prattiki u l-aħħar informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mas-sigurtà mal-esperti u l-komunitajiet tas-sigurtà, bħall-ENISA, in-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà, in-network tal-uffiċjali tas-sigurtà tal-ĠAI, il-Grupp ta' Kooperazzjoni.

L-eu-LISA taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mas-CERT-EU, CERT-EE, ENISA, DIGIT u istituzzjonijiet u aġenziji oħra tal-UE, b'fokus fuq iċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra t-theddid fil-qasam ċibernetiku biex jinbena rispons kollettiv aktar reżiljenti kontra ċ-ċibekriminalità.

Le Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza

- tħeġġeġ kooperazzjoni attar mill-qrib bejn l-eu-LISA u l-aġenziji l-oħra biex jinbena rispons kollettiv attar reżiljenti kontra ċ-ċiberkriminalità
- tisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-miżuri taċ-ċibersigurtà fl-aġenziji kollha, fid-dawl tar-riskju dejjem akbar ta' theddid ċibernetiku u ksur tad-data
- titlob li jsiru investimenti addizzjonali f'infrastruttura tal-IT sigura u f'taħriġ dwar iċ-ċibersigurtà għall-persunal tal-aġenzija
- tħeġġeġ lill-aġenziji jissottomettu rapport annwali ta' valutazzjoni tar-riskju għaċ-ċibersigurtà lill-Parlament u lill-Qorti

Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija

L-Aġenzija tapplika l-ogħla standards tal-industrija attwali tas-sigurtà tal-informazzjoni kif ukoll l-aħjar prattiki għall-proċessi operattivi tagħha. L-Aġenzija toħloq ukoll sinerġiji fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni billi tiskambja l-aħjar prattiki tal-ICT mal-partijiet ikkonċernati, li jwassal għal standards ta' sigurtà komuni mtejbja fil-livelli ċentrali u nazzjonali.

L-għarfien espert intern dejjem jikber fl-oqsma tekniċi rilevanti jippermetti lill-Aġenzija tiġġestixxi b'mod effettiv ir-riskju u tottimizza l-kontrolli li jillimitaw il-firxa ta' inċidenti ta' sigurtà. L-eu-LISA taħdem b'mod kostanti fuq it-titjib tal-programm ta' taħriġ fl-għarfien dwar iċ-ċibersigurtà biex il-persunal tagħha jadatta għat-theddid li qed jevolvi u għas-sitwazzjoni ġeopolitika.

L-Aġenzija se tissottometti fil-ħin il-valutazzjoni tar-riskju taċ-ċibersigurtà lis-CERT-UE bħala l-bażi għall-iżvilupp tal-pjan ta' implimentazzjoni għall-mitigazzjoni tar-riskju ċibernetiku.

- 34 ■ Tinnota li l-aġenziji kollha għandhom politika dwar l-informaturi fis-seħħ
- tistieden lill-aġenziji kollha jiżguraw li jkollhom mezzi ta' rapportar speċifiċi, sikuri u effettivi fis-seħħ f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta
- 35 ■ Rakkomandazzjoni għall-inklużjoni sistematika ta' valutazzjonijiet tar-riskju speċifiċi għall-IA fl-awditi interni tal-aġenziji, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-linji gwida etiċi u l-istandards taċ-ċibersigurtà tal-Unjoni.

Magħluqa

L-Aġenzija implimentat kanali ta' rapportar speċifiċi, sikuri u effettivi u ppublikathom fuq paġna ddedikata fuq l-intranet tal-Aġenzija li hija aċċessibbli għall-persuni kollha li jaħdmu fl-eu-LISA.

għadu għaddej

L-Aġenzija qed tiffinalizza l-ewwel strateġija tal-IA tagħha, wieħed mill-oġettivi ewlenin ta' din l-istrateġija huwa li timplimenta l-istruttura u s-salvagwardji biex tiżgura l-konformità mal-Att dwar l-IA.

Barra minn hekk, l-Aġenzija qed timplimenta għodod ġodda għall-valutazzjoni tar-riskju b'kapaċità potenzjali tal-IA.

Is-sostenibbiltà, l-impatt ambjentali u l-inklużjoni soċjali

- 36 ■ Tinnota li b'mod ġenerali, 11 minn 33 aġenzija tal-UE (33 %) diġà implimentaw l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) tal-UE
- tieħu nota pożittiva tal-passi proattivi li qed jitwettqu minn diversi aġenziji fl-insewiment tagħhom tal-kisba taċ-ċertifikazzjoni tal-EMAS fil-futur qrib (eu-LISA)
- tinnota li wħud mill-aġenziji b'baġit akbar ma kkomunikawx il-pjanijiet tagħhom għall-implimentazzjoni tal-EMAS fuq perjodu ta' żmien qasir
- 37 ■ Tfakkar li r-rapport (orizzontali) dwar il-kwittanza tal-2022 indika 14-il aġenzija li għad m'għandhomx fis-seħħ pjanijiet ta' sostenibbiltà korporattiva
- tinnota li għar-rapport tal-Qorti tas-sena finanzjarja 2023 ma pprovdie x ċifri aġġornati dwar il-kwistjoni
- ittenni l-importanza tal-aġenziji kollha li jkollhom il-pjanijiet ta' sostenibbiltà korporattiva fis-seħħ
- tħeġġeġ lill-aġenziji jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar ir-rendiment tal-bini tagħhom fl-użu tal-enerġija
- 38 ■ Tinnota bi tħassib li, minkejja x-xejra ġenerali tal-progress, xi aġenziji ffaċċjaw diffikultajiet biex jintegraw is-sostenibbiltà fl-istrateġiji korporattivi tagħhom minħabba ineffiċjenzi proċedurali u allokazzjoni insuffiċjenti tar-riżorsi
- tisħaq għalhekk fuq il-ħtieġa għal qafas attar koeżiv u azzjonabbli biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul fl-operazzjonijiet tal-aġenzija

Magħluqa

L-eu-LISA ngħatat ċertifikat tal-Iskema ta' Ġestjoni u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS) f'April 2025.

Magħluqa

L-Aġenzija tippubblika r-rapport annwali tagħha dwar is-sostenibbiltà mill-2024.

Magħluqa

L-Aġenzija tippubblika r-rapport annwali tagħha dwar is-sostenibbiltà mill-2024.

Segwitu tal-osservazzjonijiet tas-snin preċedenti mqajma mill-Qorti

- 39 ■ Tinnota li minn total ta' 116-il osservazzjoni magħmula mill-Qorti li jikkorrispondu għas-snin preċedenti tal-aġenziji li huma parti minn din ir-riżoluzzjoni, total ta' 58 ingħalqu matul l-2023, b'total ta' 53 għadhom miftuħa u ħames parzjalment magħluqa
- l-ogħla għadd ta' osservazzjonijiet miftuħa huwa għall-eu-LISA (tmienja)
- titlob lil dawn l-aġenziji jieħdu miżuri proattivi sabiex isolvu dawn il-kwistjonijiet miftuħa

għadu għaddej

L-Aġenzija ġiet impenjata li tagħlaq kemm jista' jkun kwistjonijiet miftuħa u tnaqqas b'mod sinifikanti n-numru tagħhom.

Le	Osservazzjoni mill-Awtorità ta' Kwittanza	Rispons u miżuri meħuda mill-Aġenzija
40	Tieħu nota li sitta mit-53 osservazzjoni miftuħa jirreferu għal livell għoli ta' riporti (ACER, ELA, EFCA, eu-LISA, FRA, Frontex)	Magħluq Sabiex jitnaqqsu r-riporti, mill-2023 ġew adottati serje ta' miżuri. L-inizjattiva ewlenija hija t-tfassil mill-ġdid tal-perjodi ta' impenn biex jiġi adattat aħjar iċ-ċiklu annwali. Dan huwa mistenni li jnaqqas b'mod progressiv l-impenni mhux imħallsa li għandhom jiġu ttrasferiti għas-sena finanzjarja li jmiss. Dawn l-azzjonijiet naqqsu bin-nofs ir-riporti tal-2024 għall-2025 bi kważi 50 % meta mqabbla mas-sena preċedenti.

Tabella 11. Segwitu tal-osservazzjonijiet preċedenti tal-Awtorità tal-Kwittanza

Osservazzjoni tal-Awtorità tal-Kwittanza (2022)	Segwitu tal-osservazzjonijiet pendenti
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	
- tinnota bi tħassib li skont ir-rapport tal-Qorti, l-Aġenzija kienet irriportat aktar minn EUR 14.4 miljun (23 %) tal-appropriazzjonijiet ta' impenn disponibbli fl-2022 għall-2023 u li dak l-ammont kien jinkludi EUR 13.7 miljun (jew 95 %) ta' appropriazzjonijiet taħt it-Titolu II, relatati man-nefqa amministrattiva (97 % fl-2021); - tosserva r-rikorrenza ta' riporti ta' appropriazzjonijiet li jwasslu lill-Qorti biex tfakkar li rati għoljin rikorrenti ta' riporti jikkontradixxu l-prinċipju baġitarju ta' annularità u huma indikattivi ta' kwistjonijiet strutturali fl-implimentazzjoni tal-baġit jew ippjanar baġitarju dgħajfef; - tinnota f'dan il-kuntest li l-iffirmar fir-raba' trimestru tal-2023 tal-kuntratt qafas il-ġdid għall-forniment ta' servizzi ta' appoġġ estern huwa essenzjali biex jintlaħqu dawk l-oġettivi; - tistenna li l-implimentazzjoni ta' dak il-pjan ta' azzjoni twassal għal titjib sinifikanti u tistieden lill-Aġenzija biex tirrapporta għand l-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar f'dak ir-rigward.	Magħluq L-Aġenzija adottat sensiela ta' miżuri, eż., perjodi ta' impenn ta' inġinerija mill-ġdid biex ikun adattat aħjar iċ-ċiklu annwali, li rriżulta fi tnaqqis bin-nofs tar-riporti għal appropriazzjonijiet mhux differenzjati 2024 sa 2025 meta mqabbel mas-sena finanzjarja preċedenti.
Prestazzjoni	
tistenna kontribut sinifikanti tal-Aġenzija għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja sabiex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Unjoni u tipprovdi aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni	għadu għaddej L-eu-LISA għamlet kontribuzzjonijiet sostanzjali għad-diġitalizzazzjoni tal-ġustizzja fil-livell tal-UE biex ittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u tipprovdi aċċess aħjar għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji. Il-ħidma tal-eu-LISA lejn l-interoperabbiltà tas-sistemi tal-ĠAI se tikkontribwixxi wkoll għal soluzzjonijiet tal-ġustizzja diġitali. Għal dak il-għan, l-eu-LISA tikkollabora mal-Eurojust, mal-Europol u mal-UPPE dwar l-e-CODEX, l-ECRIS-TCN, u fi tnejn għas-CP tas-SIK. L-Aġenzija għandha l-għan li toħloq l-Unità tal-Programmi tal-Ġustizzja sabiex tiġġestixxi t-tkabbir mistenni fid-diġitalizzazzjoni tad-dominju tal-Ġustizzja, li jeħtieġ li jkun marbut ma' sforzi u riżorsi ddedikati fl-eu-LISA. Il-Kap tal-Unità se jiġi impjegat f'Tallinn, b'hekk jippermetti tkabbir organizzazzjonali bbilanċjat u jkompli jibni fuq ir-riżorsi tal-e-CODEX, filwaqt li jiżgura trasversalità b'saħħitha bejn it-timijiet u s-siti.
tħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli l-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra tal-Unjoni.	Magħluq It-tiżni tal-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tagħha huwa prijorità għall-eu-LISA. L-Aġenzija qed issewgi u tfttex b'mod kontinwu li ttejjeb il-kooperazzjoni stabbilita tagħha ma' Aġenziji, Istituzzjonijiet u korpi oħra tal-Unjoni, b'mod bilaterali jew taħt in-Networks tal-Aġenziji (EUAN, JHAAN), bħala parti mill-attivitajiet regolari tagħha. Barra minn hekk, l-eu-LISA għandha l-għan li ssaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha mad-DĠ JRC tal-KE, permezz ta' skambju uffiċjali ta' ittri fil-livell tal-ED li se jistabbilixxi l-qafas u jiffaċilita l-adozzjoni u l-iżvilupp ta' proġetti konġunti ġodda bejn iż-żewġ istituzzjonijiet.

Effiċjenza u kisbiet

- titlob lill-Aġenzija sabiex tkompli bil-kooperazzjoni tagħha ma' aġenziji oħrajn tal-Unjoni sabiex ikunu jistgħu jintużaw ir-riżorsi disponibbli kollha.

Magħluq

It-tiżiħ tal-kooperazzjoni ma' aġenziji oħra tal-UE sabiex ikunu jistgħu jintużaw ir-riżorsi kollha disponibbli huwa parti mill-attivitajiet u l-isforzi kontinwi tal-eu-LISA biex jiġu żgurati sinerġiji u kollaborazzjoni, it-tnejn miksuba permezz tal-involvement attiv fin-networks (EUAN, JHAAN) u permezz ta' kooperazzjoni bilaterali (ċentru tad-data li jospita u jappoġġa s-servizzi, organizzazzjoni ta' eżerċizzji konġunti taċ-ċibersigurtà).

Politika tal-persunal

- tinnota li, minkejja l-isforzi tal-Aġenzija, id-dawran tal-persunal żdied minn 5.5 % fl-2021 għal 7.1 % fl-2022 u r-rata ta' okkupanza naqset għal 82 %, inqas mill-mira tal-Aġenzija ta' 94 %, b'mod partikolari minħabba l-għadd ta' karigi ta' durata qasira u ta' grad aktar baxx li l-Aġenzija għandha x'toffri.

għadu għaddej

L-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha biex ittejjeb ir-rata ta' okkupanza u biex tnaqqas id-dawran tal-impjegati. Pereżempju, fl-2024 u fl-2025, għadd ta' karigi ġodda huma miġfufi fil-livell AD 6 bħala grad ta' dħul biex jiġu mħeġġa l-applikazzjonijiet ta' kandidati b'aktar esperjenza. Madankollu, għandu jiġi nnotat li matul l-intervisti ta' ħruġ kien immarkat li t-tluq kien għadu dovut għal opportunità ta' karriera aħjar meta mqabbel ma' offerta ta' eu-LISA

għadu għaddej

L-Aġenzija tieħu nota tal-osservazzjoni. L-isforzi mwettqa jeħtieġ li jittkomplew fis-snin li ġejjin biex issir il-bidla.

- Tinnota bi tħassib il-kompożizzjoni tal-maniġment superjuri u medju tal-Aġenzija fir-rigward tas-sessi, bi 12-il raġel (86 %) u 2 nisa (14 %); tal-bord ta' tmexxija b'50 raġel (82 %) u 11-il mara (18 %); u fi f'dan il-persunal b'mod ġenerali b'209 irġiel (67 %) u 101 mara (33 %);
- tfakkar fl-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri u tistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha lejn il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha permezz ta' azzjonijiet konkreti li jattiraw applikazzjonijiet minn nisa għal karigi offruti mill-Aġenzija;
- titlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiżguraw bilanċ bejn is-sessi meta jinnominaw il-membri tagħhom għall-bord ta' tmexxija tal-Aġenzija.
- tieħu nota li, fl-2022, twettqu u ġew konklużi internament tliet investigazzjonijiet amministrattivi relatati ma' fastidju, b'każ addizzjonali li tressaq quddiem il-qrati;
- titlob lill-Aġenzija sabiex tipproċedi malajr billi jżomm lil dawk responsabbli għall-imġiba ħażina responsabbli.

Magħluq

L-isforzi biex jiġu promossi r-rispett u d-dinjità fuq il-post tax-xogħol u l-applikazzjoni ta' tolleranza żero għall-fastidju għadhom għaddeja. Kwalunkwe każ ta' mġiba ħażina jiġi ttrattat f'konformità mal-politika tal-eu-LISA dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuna u l-prevenzjoni tal-fastidju psikoloġiku u l-fastidju sesswali.

Akkwist

- Tenfasizza l-osservazzjonijiet fir-rapport tal-Qorti li wasslu għal opinjoni kwalifikata minħabba l-irregolarità ta' diversi pagamenti li saru fl-2022 għal total ta' EUR 17,8 miljun b'rabta ma' seba' kuntratti speċifiċi, li jirrappreżentaw 4,8 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament totali disponibbli fl-2022;
- tinnota li l-irregolarità ta' dawk il-pagamenti hija prinċipalment marbuta ma' devjazzjonijiet mill-kuntratti qafas korrispondenti;
- tinnota li skont it-tweġibiet tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Parlament, l-irregolaritajiet fir-rigward tal-pagamenti li saru fl-2022 jistgħu jinġabru fi tliet kategoriji, jiġifieri l-emenda ta' kuntratti b'terminu fiss (EUR 6,5 miljun); estensjoni ta' kuntratti speċifiċi lil hinn mill-perjodu ta' żmien massimu permess (EUR 3,7 miljun); u nuqqas ta' dettalji dwar ir-rekwiżiti f'kuntratti speċifiċi (EUR 7,5 miljun);
- tinnota li wħud minn dawk il-pagamenti irregolari, li jammontaw għal EUR 10,5 miljun, huma relatati ma' tliet kuntratti speċifiċi li abbażi tagħhom saru wkoll pagamenti fl-2021 u nstabu irregolari mill-Qorti fir-rapport annwali tagħha dwar l-aġenziji tal-Unjoni għal dik is-sena;
- tinnota li skont id-dikjarazzjonijiet magħmula mid-direttur eżekuttiv tal-Aġenzija matul il-laqgħa tagħha mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament fid-29 ta' Novembru 2023 (id-"dikjarazzjonijiet tad-direttur eżekuttiv") sitta mis-seba' kuntratti speċifiċi identifikati fir-rapport tal-Qorti skadew mingħajr pagamenti pendenti;
- tenfasizza li din kienet kwistjoni rikorrenti għall-Aġenzija;

għadu għaddej

L-Aġenzija haċet nota ta' dawn l-osservazzjonijiet u qed tiffoka fuq it-titjib tal-abbozzar tal-kuntratti kif xieraq. Sabiex jiġu evitati okkorrenzi simili fil-futur, l-Aġenzija introduċiet klawżoli addizzjonali u aktar speċifiċi f'offerta ġodda biex jirriflettu aħjar ir-rekwiżiti operattivi u jiffaċilitaw il-ġestjoni tat-tibdil.

L-eu-LISA hija impenjata li twassal il-mandat tagħha b'mod kompletament konformi. Huwa għalhekk li, taħt it-tmexxija l-ġdida tagħha u b'kont meħud tal-kummenti importanti li rċeviet mill-QEA, l-Aġenzija bdiet revizzjoni fil-fond tal-proċessi tagħha sabiex tidentifika u tneħħi l-kawżi ewlenin ta' dawn l-osservazzjonijiet:

– it-tiżiħ tal-kapaċitajiet tal-akkwist tagħha, permezz ta' konsolidazzjoni organizzazzjonali, aċċellerazzjoni tar-reklutaġġi ġodda u l-identifikazzjoni ta' konsulenti esterni dedikati biex jipprovdut għarfien espert indipendenti dwar każijiet speċifiċi u kumplessi ħażina;

– twettqet analiżi tal-kawżi ewlenin dwar aktar minn 500 kuntratt (li minnhom 160 għadhom attivi) biex jiġu identifikati l-kwistjonijiet sottostanti li jwasslu għall-osservazzjonijiet u biex jiġu definiti l-miżuri ta' rimedju. Fost is-soluzzjonijiet identifikati: taħriġ dedikat, introduzzjoni ta' listi ta' kontroll, definizzjoni aħjar tar-rwoli u titjib tal-komunikazzjoni interna dwar il-ġestjoni tal-kuntratti;

– l-intensifikazzjoni tal-kontrolli b'listi ta' kontrolli ġodda fuq l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-kuntratti biex tiżgura li ma ssir l-ebda bidla materjali fil-kuntratti qafas;

– l-abbozzar tal-Istrateġija ta' Kontroll għall-adozzjoni formali f'nofs l-2024. Din se tinkludi: valutazzjoni tar-riskju; analiżi tal-

Osservazzjoni tal-Awtorit  tal-Kwittanza (2022)

- tistieden lill-Aġenzija tkompli tindirizza dik il-kwistjoni b'mod sħiħ u tirrapporta lura lill-awtorit  ta' kwittanza dwar il-progress miksub.
- Tinnota bi tħassib serju li l-2022 kienet it-tielet sena konsekuttiva li għaliha l-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata rigward il-qasam ta' ġestjoni tal-akkwist u tal-kuntratti tal-Aġenzija, b'kostijiet għoljin imġarrba mill-eu-LISA, minħabba irregolaritajiet, proċeduri ta' offerti mdewma u inadegwati u nuqqas ta' diliġenza murija fir-rigward tar-regoli tal-akkwist;
- tinnota l-pjan ta' azzjoni tal-Aġenzija għal reviżjoni fil-fond tal-proċessi tagħha sabiex tidentifika u tneħħi l-kawżi ewlenin tal-osservazzjonijiet rikorrenti tal-Qorti f'dak il-qasam kif stabbilit fit-tweġibiet tal-Aġenzija għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Parlament, fir-rapport ta' segwitu tal-Aġenzija u fid-dikjarazzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv;
- tistenna għalhekk titjib dejjiemi bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' dak il-pjan ta' azzjoni, b'mod partikolari minħabba li sitta mis-seba' kuntratti speċifiċi meqjusa mill-Qorti bħala irregolari skadew mingħajr pagamenti pendenti;
- tistieden lill-Aġenzija tirrapporta perġodikament lill-awtorit  ta' kwittanza dwar il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.
- Tinnota żewġ osservazzjonijiet oħra rigward is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Aġenzija li jinsabu fir-rapport tal-QEA;
- tinnota l-ewwel osservazzjoni fir-rigward tal-akkwist tal-hardware (EUR 27,7 miljun) li għalih ma nkisbux il-listi tal-prezzijiet tal-bejgiegħa tal-hardware u ma twettqux kontrolli ex ante;
- tinnota t-tieni osservazzjoni fir-rigward tal-akkwist ta' kuntratt qafas ta' operazzjonijiet trasversali b'valur stmat ta' EUR 490 miljun li għal sitt laqgħat tal-kumitat ta' evalwazzjoni ma nżamm l-ebda rekord u ġie ffirmat biss ir-rapport finali;
- titlob lill-Aġenzija ttejjeb is-sistemi ta' kontroll intern tagħha biex tevita tali nuqqasijiet fil-futur.

Kontroll intern

- tinnota li deficijenza kbira fuq il-prinċipju 10 "Tagħżel u Tiżviluppa attivitajiet ta' kontroll" taħt il-komponent "Attivitajiet ta' kontroll" tippersisti għat-tielet sena konsekuttiva;
- titlob lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha sabiex tnaqqas id-għufijiet fil-qasam tal-attivitajiet ta' kontroll sabiex timmitiga r-riskji relatati mal-kisba tal-politiki u l-oġettivi operattivi u ta' kontroll intern.
- tistieden lill-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet pendenti u tirrapporta lill-awtorit  ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar.

Segwitu tal-osservazzjonijiet pendenti

kostijiet imqabbla mal-benefiċċji; miżuri biex jissaħħu l-kapaċitajiet organizzattivi; il-livelli tal-persunal u l-intensit  tal-kontrolli; – il-ħolqien ta' task force ta' "zero difetti fuq il-ġestjoni tal-kuntratti" sponsorizzata mid-Direttur Eżekuttiv biex jimmonitorja, jikkontrolla u jiżgura l-konformit  fuq il-konklużjoni ta' kuntratti, mid-definizzjoni tal-ħtiġijiet sal-iffirmar, inkluż kwalunkwe emenda. Barra minn hekk, l-Aġenzija implimentat azzjonijiet immirati implimentati li wasslu għal opinjoni mhux kwalifikata għall-2024.

għadu għaddej

Abbażi tat-tagħlimiet meħuda, l-Aġenzija bdiet il-pjan strateġiku tagħha.

Barra minn hekk, l-Aġenzija implimentat azzjonijiet immirati implimentati li wasslu għal opinjoni mhux kwalifikata għall-2024.

għadu għaddej

L-Aġenzija tiegħu l-osservazzjonijiet tal-QEA bħala kwistjoni tal-akbar importanza u implimentat miżuri biex tindirizza dawk l-osservazzjonijiet.

L-Aġenzija bħalissa qed taġġorna wkoll il-proċess tal-ġestjoni tal-assi tagħha.

għadu għaddej

L-Aġenzija adottat l-Istrateġija ta' Kontroll Intern tagħha fl-2024. L-Aġenzija bħalissa qed timplimenta wkoll pjan ta' azzjoni relatat. It-titjib tal-konformit  huwa wieħed mill-prioritajiet ewlenin tal-Aġenzija, u se jkompli jnaqqas b'mod attiv in-nuqqasijiet li fadal.

għadu għaddej

Fi tmiem l-2024, l-eu-LISA implimentat ir-rakkomandazzjoni pendenti kollha għajr waħda, li se titlesta sa Settembru 2025.

2.10. ĠESTJONI AMBJENTALI

L-Aġenzija kompliet timplimenta s-sistema ta' ġestjoni tal-ambjent intern tagħha abbażi tal-prinċipji tal-**Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali** (EMAS) tal-UE u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. FI-2024, il-fokus kien fuq it-titjib kontinwu tal-prestazzjoni ambjentali tagħha u l-ħidma lejn **ir-reġistrazzjoni fl-EMAS**.¹²¹

L-Aġenzija ħejjiet **ir-rapport annwali tagħha tad-dikjarazzjoni ambjentali** u għall-ewwel darba ppubblikat skeda informattiva dwar ir-riżultati tal-impronta tal-karbonju.¹²² FI-2024, l-impronta tal-karbonju tal-eu-LISA kienet ogħla minħabba ż-żieda fil-konsum tal-elettriku fis-siti kollha (jiġifieri, minħabba sistemi ġodda, xogħlijiet ġodda MDC2). Barra minn hekk, il-volum ta' data żdied, jiġifieri fir-rapportar tal-konsum tat-tisħin distrettwali għal Tallinn. L-Aġenzija fasslet pjan ta' azzjoni biex tintroduċi soluzzjoni ta' nofs it-terminu għat-tnaqqis tagħha.

2.11. VALUTAZZJONI MILL-MANİĠMENT

